Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0115(COD)

06.11.2023

EMENDI
83 - 332

Abbozz ta' rapport
Ernest Urtasun
(PE753.698v01-00)

Emenda tad-Direttiva 2014/49/UE fir-rigward tal-ambitu tal-protezzjoni tad-depożiti, tal-użu tal-fondi ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti, tal-kooperazzjoni transfruntiera, u tat-trasparenza

Proposta għal direttiva
(COM(2023)0228 – C9-0133/2023 – 2023/115(COD))

Emenda 83
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Ir-rieżami li għaddej tal-qafas tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-kriżijiet u l-assigurazzjoni tad-depożiti huwa maħsub biex iwitti t-triq lejn it-tlestija li ilha mistennija tal-unjoni bankarja, inkluż l-istabbiliment ta' skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti. L-ewwel pass f'dik id-direzzjoni huwa l-istabbiliment ta' linja ta' kreditu jew garanzija tal-UE pprovduta minn fond dedikat li għandu jiġi stabbilit u ġestit mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) fil-mezzi finanzjarji disponibbli tiegħu, għal DGSs nazzjonali eżawriti, jew qrib li jiġu eżawriti. Meta kemm id-DGS rikjedenti kif ukoll il-linja ta' kreditu tu l-garanzija tal-UE jiġu eżawriti, DGSs oħra eżistenti fl-Unjoni jenħtieġ li jintervjenu biex jipprovdu lid-DGS eżawrita bil-mezzi finanzjarji meħtieġa biex twettaq il-funzjonijiet tagħha.

Or. en

Emenda 84
Luděk Niedermayer

Proposta għal direttiva
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-livelli fil-mira tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni u d-DGSs ġew iddeterminati fl-2014 biex jifilħu għal xokkijiet avversi severi għas-sistema bankarja minħabba l-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tas-sistema f'dak iż-żmien. B'riżultat tar-riformi li ttieħdu

mill-2014, il-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tal-banek Ewropej tjiebet b'mod konsiderevoli, biż-żieda tal-proporzjonijiet ta' kapital u likwidità, l-akkumulazzjoni ta' riżervi għoljin tal-MREL u t-tnaqqis bin-nofs tal-livell ta' self li ma jrendix. B'riżultat, l-istess livell fil-mira tad-diversi fondi issa jippermetti li jiflaħ għal ħafna aktar xokkijiet ekonomiċi severi.

Or. en

Emenda 85
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Costas Mavrides, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Fil-preżent, l-unjoni bankarja tistrieħ biss fuq tnejn mit-tliet pilastri maħsuba tagħha, jiġifieri, il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) u l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM). Għalhekk għadha mhux kompluta, minħabba li jonqos it-tielet pilastru tagħha, jiġifieri l-iskema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti (EDIS). It-tlestija tal-unjoni bankarja tifforma parti integrali mill-unjoni ekonomika u monetarja u tal-istabbiltà finanzjarja, b'mod partikolari għax timmitiga r-riskji tal-hekk imsejjaħ "ċirku vizzjuż" li jirriżultaw mir-rabta bejn il-banek u s-sovrani.

Or. en

Emenda 86
Lídia Pereira

Proposta għal direttiva
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-Unjoni Bankarja hija pilastru fundamentali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) u l-iżvilupp tagħha kien essenzjali għall-garanzija tal-istabbiltà u tar-reżiljenza tas-settur bankarju, inkluż permezz tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni. Sfortunatament, l-Unjoni Bankarja għadha ma hijiex kompluta, minħabba l-adozzjoni bil-mod ta' skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti (EDIS).

Or. pt

Emenda 87
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-qafas tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-kriżijiet jenħtieġ li jiżgura f'kull ħin li t-telf ma jkunx qed jiġi soċjalizzat u li r-riżorsi tal-kontribwenti ma jintużawx biex jgħinu jew isalvaw istituzzjonijiet ta' kreditu f'diffikultà, sakemm mhux f'ċirkostanzi straordinarji ta' natura sistemika jew li jappartjenu għal diffikultà. ekonomika kbira.

Or. en

Emenda 88
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Il-qafas tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-kriżijiet jenħtieġ li jiżgura f'kull ħin li t-telf ma jkunx qed jiġi soċjalizzat u li r-riżorsi tal-kontribwenti ma jintużawx biex jgħinu jew isalvaw istituzzjonijiet ta' kreditu f'diffikultà, sakemm mhux f'ċirkostanzi straordinarji ta' natura sistemika jew li jappartjenu għal diffikultà. ekonomika kbira.

Or. en

Emenda 89
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex tappoġġa aktar konverġenza tal-prattiki tad-DGSs u tgħin lid-DGSs fl-ittestjar tar-reżiljenza tagħhom, jenħtieġ li l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) toħroġ ***linji*** gwida dwar it-twettiq ta' stress tests tas-sistemi tad-DGSs.	(3) Sabiex tappoġġa aktar konverġenza tal-prattiki tad-DGSs u tgħin lid-DGSs fl-ittestjar tar-reżiljenza tagħhom, jenħtieġ li l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) ***tirrieżamina, u meta meħtieġ, taġġorna l-linji*** gwida ***tagħha*** dwar it-twettiq ta' stress tests tas-sistemi tad-DGSs ***fuq bażi regolari***.

Or. en

Emenda 90
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex tappoġġa aktar konverġenza tal-prattiki tad-DGSs u tgħin lid-DGSs fl-ittestjar tar-reżiljenza tagħhom, jenħtieġ li	(3) Sabiex tappoġġa aktar konverġenza tal-prattiki tad-DGSs u tgħin lid-DGSs fl-ittestjar tar-reżiljenza tagħhom, jenħtieġ li

l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) toħroġ ***linji*** gwida dwar it-twettiq ta' stress tests tas-sistemi tad-DGSs.	l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) ***tirrieżamina u, jekk meħtieġ, taġġorna l-linji*** gwida tagħha dwar it-twettiq ta' stress tests tas-sistemi tad-DGSs ***f'intervalli regolari***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-linji gwida eżistenti diġà jipprovdu bażi xierqa. Ara wkoll il-kumment ġenerali tagħna.

Emenda 91
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Skont l-Artikolu 5(1), il-punt (d), tad-Direttiva 2014/49/UE, depożiti ta' ċerti istituzzjonijiet finanzjarji, inklużi ditti tal-investiment, huma esklużi mill-kopertura mid-DGS. Madankollu, il-fondi li dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji jirċievu mill-klijenti tagħhom u li huma jiddepożitaw f'istituzzjoni ta' kreditu f'isem il-klijenti tagħhom, ***fl-eżerċizzju tas-servizzi li joffru,*** jenħtieġ li jiġu protetti soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet.	(4) Skont l-Artikolu 5(1), il-punt (d), tad-Direttiva 2014/49/UE, depożiti ta' ċerti istituzzjonijiet finanzjarji, inklużi ditti tal-investiment, huma esklużi mill-kopertura mid-DGS. Madankollu, il-fondi li dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji jirċievu mill-klijenti tagħhom u li huma jiddepożitaw f'istituzzjoni ta' kreditu f'isem il-klijenti tagħhom, ***waqt it-twettiq tan-negozju tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/2366, id-Direttiva 2009/110/KE u d-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/593,*** jenħtieġ li jiġu protetti soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-referenzi għal "istituzzjonijiet finanzjarji" u d-depożitu matul in-negozju tagħhom huma wesgħin wisq u għandhom jiġu llimitati għall-każijiet tal-użu li l-EBA u l-Kummissjoni jkunu eżaminaw minn qabel. Inkella, dan jista' jwassal għal inkonsistenzi u konsegwenzi amministrattivi konsiderevoli li la kienu maħsuba u lanqas evalwati minn qabel.

Emenda 92
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-firxa ta' depożitanti li bħalissa huma protetti permezz ta' ripagament minn DGS hija motivata mix-xewqa li jiġu protetti investituri mhux professjonali, filwaqt li investituri professjonali jitqiesu li ma jeħtiġux tali protezzjoni. Għal dik ir-raġuni, l-awtoritajiet pubbliċi ***ġew*** eskluży mill-kopertura. ***Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet pubbliċi (li f'xi Stati Membri jinkludu skejjel u sptarijiet) ma jistgħux jitqiesu bħala investituri professjonali. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi żgurat li d-depożiti tal-investituri mhux professjonali kollha, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni offruta minn DGS.***	(5) Il-firxa ta' depożitanti li bħalissa huma protetti permezz ta' ripagament minn DGS hija motivata mix-xewqa li jiġu protetti investituri mhux professjonali, filwaqt li investituri professjonali jitqiesu li ma jeħtiġux tali protezzjoni. Għal dik ir-raġuni, l-awtoritajiet pubbliċi ***għandhom jibqgħu*** eskluży mill-kopertura.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tal-awtoritajiet pubbliċi ma twassalx għal progress fl-objettiv tal-assigurazzjoni tad-depożiti. Dawn l-entitajiet ma jeħtiġux protezzjoni, u l-inklużjoni tagħhom lanqas ma għandha impatt fuq iż-żamma tal-istabbiltà finanzjarja. Il-gruppi tad-depożitant ma għandhomx jiġu inklużi fl-ambitu tal-protezzjoni biss minħabba raġunijiet ta' sempliċità.

Emenda 93
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-firxa ta' depożitanti li bħalissa huma protetti permezz ta' ripagament minn DGS hija motivata mix-xewqa li jiġu protetti investituri mhux professjonali,	(5) Il-firxa ta' depożitanti li bħalissa huma protetti permezz ta' ripagament minn DGS hija motivata mix-xewqa li jiġu protetti investituri mhux professjonali,

filwaqt li investituri professjonali jitqiesu li ma jeħtiġux tali protezzjoni. Għal dik ir-raġuni, l-awtoritajiet pubbliċi ***ġew*** eskludi mill-kopertura. ***Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet pubbliċi (li f'xi Stati Membri jinkludu skejjel u sptarijiet) ma jistgħux jitqiesu bħala investituri professjonali. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi żgurat li d-depożiti tal-investituri mhux professjonali kollha, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni offruta minn DGS.***	filwaqt li investituri professjonali jitqiesu li ma jeħtiġux tali protezzjoni. Għal dik ir-raġuni, l-awtoritajiet pubbliċi ***għandhom jibqgħu*** eskludi mill-kopertura.
	Or. en

Emenda 94
Roberts Zīle

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-firxa ta' depożitanti li bħalissa huma protetti permezz ta' ripagament minn DGS hija motivata mix-xewqa li jiġu protetti investituri mhux professjonali, filwaqt li investituri professjonali jitqiesu li ma jeħtiġux tali protezzjoni. Għal dik ir-raġuni, l-awtoritajiet pubbliċi ġew eskludi mill-kopertura. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet pubbliċi (li f'xi Stati Membri jinkludu skejjel u sptarijiet) ma jistgħux jitqiesu bħala investituri professjonali. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi żgurat li d-depożiti tal-investituri mhux professjonali kollha, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni offruta minn DGS.	(5) Il-firxa ta' depożitanti li bħalissa huma protetti permezz ta' ripagament minn DGS hija motivata mix-xewqa li jiġu protetti investituri mhux professjonali, filwaqt li investituri professjonali jitqiesu li ma jeħtiġux tali protezzjoni. Għal dik ir-raġuni, l-awtoritajiet pubbliċi ġew eskludi mill-kopertura. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet pubbliċi (li f'xi Stati Membri jinkludu skejjel u sptarijiet) ma jistgħux jitqiesu bħala investituri professjonali. Għalhekk, ***sabiex jiġu ffaċilitati kundizzjonijiet ekwit fis-suq uniku,*** huwa neċessarju li jiġi żgurat li d-depożiti tal-investituri mhux professjonali kollha, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni offruta minn DGS.
	Or. en

Emenda 95
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-firxa ta' depożitanti li bħalissa huma protetti permezz ta' ripagament minn DGS hija motivata mix-xewqa li jiġu protetti investituri mhux professjonali, filwaqt li investituri professjonali jitqiesu li ma jeħtiġux tali protezzjoni. Għal dik ir-raġuni, l-awtoritajiet pubbliċi ġew eskluży mill-kopertura. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet pubbliċi (li f'xi Stati Membri jinkludu skejjel u sptarijiet) ma jistgħux jitqiesu bħala investituri professjonali. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi żgurat li d-depożiti tal-investituri mhux professjonali kollha, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni offruta minn DGS.	(5) Il-firxa ta' depożitanti li bħalissa huma protetti permezz ta' ripagament minn DGS hija motivata mix-xewqa li jiġu protetti investituri mhux professjonali, filwaqt li investituri professjonali jitqiesu li ma jeħtiġux tali protezzjoni. Għal dik ir-raġuni, l-awtoritajiet pubbliċi ġew eskluży mill-kopertura. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet pubbliċi (li f'xi Stati Membri jinkludu skejjel u sptarijiet) ma jistgħux jitqiesu bħala investituri professjonali. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi żgurat li d-depożiti tal-investituri mhux professjonali kollha, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi ***żgħar***, ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni offruta minn DGS.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-objettiv ġenerali li fil-kopertura jiġu inklużi xi entitajiet settorjali pubbliċi li ma humiex depożitaturi sofistikati (bħal skejjel, sptarijiet, xi servizzi lokali eċċ.), din l-emenda tiċċara li l-gvernijiet ċentrali/reġjonali għandhom jibqgħu eskluży mill-kopertura. Dan inaqqas ir-riskju li parti mill-piż tar-riskju sovran titqiegħed fuq id-DGS.

Emenda 96
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Matul tranżazzjoni ta' proprjetà immobbli, il-fondi jistgħu jgħaddu minn kontijiet differenti qabel is-saldu attwali tat-tranżazzjoni. Għalhekk, sabiex jiġu protetti d-depożitanti li jgħaddu minn	(7) Matul tranżazzjoni ta' proprjetà immobbli, il-fondi jistgħu jgħaddu minn kontijiet differenti qabel is-saldu attwali tat-tranżazzjoni. Għalhekk, sabiex jiġu protetti d-depożitanti li jgħaddu minn

tranżazzjonijiet ta’ proprjetà immobbli b’mod omoġenu, jenħtieġ li l-protezzjoni ta’ bilanċi temporanji għoljin tapplika għar-rikavat ta’ bejgħ kif ukoll għall-fondi ddepożitati għax-xiri ta’ proprjetà residenzjali privata ***fit-terminu*** qasir.	tranżazzjonijiet ta’ proprjetà immobbli b’mod omoġenu, jenħtieġ li l-protezzjoni ta’ bilanċi temporanji għoljin tapplika għar-rikavat ta’ bejgħ kif ukoll għall-fondi ddepożitati għax-xiri ta’ proprjetà residenzjali privata ***f’perjodu ta’ terminu*** qasir ***definit minn qabel***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-esperjenza prattika mill-SDG uriet li affarijiet bħal trasferimenti (eż. minn kontijiet kurrenti għal kontijiet ta’ sejħa), kategoriji (eż. proprjetà immobbli okkupata mis-sid biss), eċċ. u l-fraża “fit-terminu qasir” jeħtieġ li jiġu speċifikati f’aktar dettall hawnhekk.

Emenda 97
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/49/UE jipprevedi li meta DGS tagħmel pagamenti fil-kuntest ta’ proċedimenti ta’ riżoluzzjoni, jenħtieġ li d-DGS ikollha pretensjoni kontra l-istituzzjoni ta’ kreditu kkonċernata għal ammont ugwali għall-pagamenti tagħha u dik il-pretensjoni jenħtieġ li tikklassifika pari passu ma’ depożiti koperti. Dik id-dispożizzjoni ma tagħmilx distinzjoni bejn il-kontribuzzjoni ta’ DGS meta tintuża għodda ta’ rikapitalizzazzjoni interna ta’ bank miftuħ, u l-kontribuzzjoni tad-DGS għall-finanzjament ta’ strateġija ta’ trasferiment (għodda tal-bejgħ ta’ negozju jew għodda tal-istituzzjoni tranżitorja) segwita minn likwidazzjoni tal-entità residwa. Sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali fir-rigward tal-eżistenza u tal-ammont ta’ pretensjoni ta’ DGS f’xenarji differenti, huwa neċessarju li jiġi speċifikat li meta d-DGS tikkontribwixxi sabiex tappoġġa l-applikazzjoni tal-għodda	(16) L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/49/UE jipprevedi li meta DGS tagħmel pagamenti fil-kuntest ta’ proċedimenti ta’ riżoluzzjoni, jenħtieġ li d-DGS ikollha pretensjoni kontra l-istituzzjoni ta’ kreditu kkonċernata għal ammont ugwali għall-pagamenti tagħha u dik il-pretensjoni jenħtieġ li tikklassifika pari passu ma’ depożiti koperti. Dik id-dispożizzjoni ma tagħmilx distinzjoni bejn il-kontribuzzjoni ta’ DGS meta tintuża għodda ta’ rikapitalizzazzjoni interna ta’ bank miftuħ, u l-kontribuzzjoni tad-DGS għall-finanzjament ta’ strateġija ta’ trasferiment (għodda tal-bejgħ ta’ negozju jew għodda tal-istituzzjoni tranżitorja) segwita minn likwidazzjoni tal-entità residwa. Sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali fir-rigward tal-eżistenza u tal-ammont ta’ pretensjoni ta’ DGS f’xenarji differenti, huwa neċessarju li jiġi speċifikat li meta d-DGS tikkontribwixxi sabiex tappoġġa l-applikazzjoni tal-għodda

tal-bejgħ ta’ negozju jew tal-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja, jew ta’ miżuri alternattivi, meta sett ta’ assi, ta’ drittijiet u ta’ obbligazzjonijiet, inklużi depożiti, tal-istituzzjoni ta’ kreditu jiġu ttrasferiti lil riċevitur, jenħtieġ li dik id-DGS ikollha pretensjoni kontra l-entità residwa fil-proċedimenti ta’ stralċ sussegwenti tagħha skont id-dritt nazzjonali. Sabiex jiġi żgurat li l-azzjonisti u l-krediturі tal-istituzzjoni ta’ kreditu li jibqgħu fl-entità residwa effettivament jassorbu t-telf ta’ dik l-istituzzjoni ta’ kreditu u tittejjeb il-possibbiltà ta’ ripagamenti f’insolvenza lid-DGS, jenħtieġ li l-pretensjoni tad-DGS ikollha l-istess klassifikazzjoni ***bħall-pretensjoni tad-depożitanti***. F’każ li tiġi applikata l-għodda ta’ rikapitalizzazzjoni interna (jiġifieri, l-istituzzjoni ta’ kreditu tkompli bl-operat tagħha), id-DGS tikkontribwixxi fl-ammont li bih id-depożiti koperti jkunu tniżżlu fil-valur jew ġew ikkonvertiti sabiex jassorbu t-telf f’dik l-istituzzjoni ta’ kreditu, li kieku kienu ġew inklużi depożiti koperti fl-ambitu tar-rikapitalizzazzjoni interna. Għalhekk, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tad-DGS ma tirriżultax fi pretensjoni kontra l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni peress li telimina l-iskop tal-kontribuzzjoni tad-DGS.

tal-bejgħ ta’ negozju jew tal-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja, jew ta’ miżuri alternattivi, meta sett ta’ assi, ta’ drittijiet u ta’ obbligazzjonijiet, inklużi depożiti, tal-istituzzjoni ta’ kreditu jiġu ttrasferiti lil riċevitur, jenħtieġ li dik id-DGS ikollha pretensjoni kontra l-entità residwa fil-proċedimenti ta’ stralċ sussegwenti tagħha skont id-dritt nazzjonali. Sabiex jiġi żgurat li l-azzjonisti u l-krediturі tal-istituzzjoni ta’ kreditu li jibqgħu fl-entità residwa effettivament jassorbu t-telf ta’ dik l-istituzzjoni ta’ kreditu u tittejjeb il-possibbiltà ta’ ripagamenti f’insolvenza lid-DGS, jenħtieġ li l-pretensjoni tad-DGS ikollha l-istess klassifikazzjoni ***bħad-depożiti koperti***. F’każ li tiġi applikata l-għodda ta’ rikapitalizzazzjoni interna (jiġifieri, l-istituzzjoni ta’ kreditu tkompli bl-operat tagħha), id-DGS tikkontribwixxi fl-ammont li bih id-depożiti koperti jkunu tniżżlu fil-valur jew ġew ikkonvertiti sabiex jassorbu t-telf f’dik l-istituzzjoni ta’ kreditu, li kieku kienu ġew inklużi depożiti koperti fl-ambitu tar-rikapitalizzazzjoni interna. Għalhekk, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tad-DGS ma tirriżultax fi pretensjoni kontra l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni peress li telimina l-iskop tal-kontribuzzjoni tad-DGS.

Or. en

Emenda 98
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/49/UE jipprevedi li meta DGS tagħmel pagamenti fil-kuntest ta’ proċedimenti ta’ riżoluzzjoni, jenħtieġ li d-DGS ikollha pretensjoni kontra l-	(16) L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/49/UE jipprevedi li meta DGS tagħmel pagamenti fil-kuntest ta’ proċedimenti ta’ riżoluzzjoni, jenħtieġ li d-DGS ikollha pretensjoni kontra l-

istituzzjoni ta’ kreditu kkonċernata għal ammont ugwali għall-pagamenti tagħha u dik il-pretensjoni jenħtieġ li tikklassifika pari passu ma’ depożiti koperti. Dik id-dispożizzjoni ma tagħmilx distinzjoni bejn il-kontribuzzjoni ta’ DGS meta tintuża għodda ta’ rikapitalizzazzjoni interna ta’ bank miftuħ, u l-kontribuzzjoni tad-DGS għall-finanzjament ta’ strateġija ta’ trasferiment (għodda tal-bejgħ ta’ negozju jew għodda tal-istituzzjoni tranżitorja) segwita minn likwidazzjoni tal-entità residwa. Sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali fir-rigward tal-eżistenza u tal-ammont ta’ pretensjoni ta’ DGS f’xenarji differenti, huwa neċessarju li jiġi speċifikat li meta d-DGS tikkontribwixxi sabiex tappoġġa l-applikazzjoni tal-għodda tal-bejgħ ta’ negozju jew tal-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja, jew ta’ miżuri alternattivi, meta sett ta’ assi, ta’ drittijiet u ta’ obbligazzjonijiet, inklużi depożiti, tal-istituzzjoni ta’ kreditu jiġu ttrasferiti lil riċevitur, jenħtieġ li dik id-DGS ikollha pretensjoni kontra l-entità residwa fil-proċedimenti ta’ stralċ sussegwenti tagħha skont id-dritt nazzjonali. Sabiex jiġi żgurat li l-azzjonisti u l-krediturі tal-istituzzjoni ta’ kreditu li jibqgħu fl-entità residwa effettivament jassorbu t-telf ta’ dik l-istituzzjoni ta’ kreditu u tittejjeb il-possibbiltà ta’ ripagamenti f’insolvenza lid-DGS, jenħtieġ li l-pretensjoni tad-DGS ikollha l-istess klassifikazzjoni ***bħall-pretensjoni tad-depożitanti***. F’każ li tiġi applikata l-għodda ta’ rikapitalizzazzjoni interna (jiġifieri, l-istituzzjoni ta’ kreditu tkompli bl-operat tagħha), id-DGS tikkontribwixxi fl-ammont li bih id-depożiti koperti jkunu tniżżlu fil-valur jew ġew ikkonvertiti sabiex jassorbu t-telf f’dik l-istituzzjoni ta’ kreditu, li kieku kienu ġew inklużi depożiti koperti fl-ambitu tar-rikapitalizzazzjoni interna. Għalhekk, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tad-DGS ma tirriżultax fi pretensjoni kontra l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni peress li telimina l-iskop tal-kontribuzzjoni tad-

istituzzjoni ta’ kreditu kkonċernata għal ammont ugwali għall-pagamenti tagħha u dik il-pretensjoni jenħtieġ li tikklassifika pari passu ma’ depożiti koperti. Dik id-dispożizzjoni ma tagħmilx distinzjoni bejn il-kontribuzzjoni ta’ DGS meta tintuża għodda ta’ rikapitalizzazzjoni interna ta’ bank miftuħ, u l-kontribuzzjoni tad-DGS għall-finanzjament ta’ strateġija ta’ trasferiment (għodda tal-bejgħ ta’ negozju jew għodda tal-istituzzjoni tranżitorja) segwita minn likwidazzjoni tal-entità residwa. Sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali fir-rigward tal-eżistenza u tal-ammont ta’ pretensjoni ta’ DGS f’xenarji differenti, huwa neċessarju li jiġi speċifikat li meta d-DGS tikkontribwixxi sabiex tappoġġa l-applikazzjoni tal-għodda tal-bejgħ ta’ negozju jew tal-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja, jew ta’ miżuri alternattivi, meta sett ta’ assi, ta’ drittijiet u ta’ obbligazzjonijiet, inklużi depożiti, tal-istituzzjoni ta’ kreditu jiġu ttrasferiti lil riċevitur, jenħtieġ li dik id-DGS ikollha pretensjoni kontra l-entità residwa fil-proċedimenti ta’ stralċ sussegwenti tagħha skont id-dritt nazzjonali. Sabiex jiġi żgurat li l-azzjonisti u l-krediturі tal-istituzzjoni ta’ kreditu li jibqgħu fl-entità residwa effettivament jassorbu t-telf ta’ dik l-istituzzjoni ta’ kreditu u tittejjeb il-possibbiltà ta’ ripagamenti f’insolvenza lid-DGS, jenħtieġ li l-pretensjoni tad-DGS ikollha l-istess klassifikazzjoni ***bħad-depożiti koperti***. F’każ li tiġi applikata l-għodda ta’ rikapitalizzazzjoni interna (jiġifieri, l-istituzzjoni ta’ kreditu tkompli bl-operat tagħha), id-DGS tikkontribwixxi fl-ammont li bih id-depożiti koperti jkunu tniżżlu fil-valur jew ġew ikkonvertiti sabiex jassorbu t-telf f’dik l-istituzzjoni ta’ kreditu, li kieku kienu ġew inklużi depożiti koperti fl-ambitu tar-rikapitalizzazzjoni interna. Għalhekk, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tad-DGS ma tirriżultax fi pretensjoni kontra l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni peress li telimina l-iskop tal-kontribuzzjoni tad-DGS.

DGS.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan l-adattament isegwi mir-rifjut ta' preferenza ta' depożitant ta' livell wieħed. Il-pretensjoni kontra l-istituzzjoni residwali għal SDG għandha tiġi ppreferuta.

Emenda 99
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sat-3 ta' Lulju 2024, il-mezzi finanzjarji disponibbli ta' DGS jilħqu livell fil-mira ta' 0,8 % tal-ammont tad-depożiti koperti tal-membri tagħha. Sabiex jiġi vvalutat b'mod oġġettiv jekk l-SGD jissodisfawx dak ir-rekwiżit, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' referenza ċar sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' depożiti koperti u l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD.	(18) Skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sat-3 ta' Lulju 2024, il-mezzi finanzjarji disponibbli ta' DGS jilħqu livell fil-mira ta' 0,8 % tal-ammont tad-depożiti koperti tal-membri tagħha. Sabiex jiġi vvalutat b'mod oġġettiv jekk l-SGD jissodisfawx dak ir-rekwiżit, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' referenza ċar sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' depożiti koperti u l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD. ***B'kunsiderazzjoni tal-espansjoni tal-ambitu tal-użu tad-DGS, l-adegwatezza tal-livell fil-mira ta' 0,8 % jenħtieġ li tiġi soġġetta għal monitoraġġ mill-qrib u valutazzjoni.***

Or. en

Emenda 100
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva	(18) Skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva

2014/49/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sat-3 ta' Lulju 2024, il-mezzi finanzjarji disponibbli ta' DGS jilħqu livell fil-mira ta' 0,8 % tal-ammont tad-depożiti koperti tal-membri tagħha. Sabiex jiġi vvalutat b'mod oġġettiv jekk l-SGD jissodisfawx dak ir-rekwiżit, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' referenza ċar sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' depożiti koperti u l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD.	2014/49/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sat-3 ta' Lulju 2024, il-mezzi finanzjarji disponibbli ta' DGS jilħqu livell fil-mira ta' 0,8 % tal-ammont tad-depożiti koperti tal-membri tagħha***, jew il-livell fil-mira aktar baxx meta jkun applikabbli***. Sabiex jiġi vvalutat b'mod oġġettiv jekk l-SGD jissodisfawx dak ir-rekwiżit, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' referenza ċar sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' depożiti koperti u l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 10(6) tad-DGSD bħalissa jipprevedi l-possibbiltà li jiġi stabbilit livell fil-mira aktar baxx minn 0,8 % f'kundizzjonijiet stretti u mal-approvazzjoni mill-Kummissjoni. Din id-dispożizzjoni għandha tinżamm.

Emenda 101
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sat-3 ta' Lulju 2024, il-mezzi finanzjarji disponibbli ta' DGS jilħqu livell fil-mira ta' 0,8 % tal-ammont tad-depożiti koperti tal-membri tagħha. Sabiex jiġi vvalutat b'mod oġġettiv jekk l-SGD jissodisfawx dak ir-rekwiżit, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' referenza ċar sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' depożiti koperti u l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD.	(18) Skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE, ***huwa kkonfermat li*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sat-3 ta' Lulju 2024, il-mezzi finanzjarji disponibbli ta' SGD jilħqu livell fil-mira ta' 0,8 % tal-ammont tad-depożiti koperti tal-membri tagħha. Sabiex jiġi vvalutat b'mod oġġettiv jekk l-SGD jissodisfawx dak ir-rekwiżit, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' referenza ċar sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' depożiti koperti u l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD.

Or. en

Emenda 102
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sat-3 ta' Lulju 2024, il-mezzi finanzjarji disponibbli ta' DGS jilħqu livell fil-mira ta' 0,8 % tal-ammont tad-depożiti koperti tal-membri tagħha. Sabiex jiġi vvalutat b'mod oġġettiv jekk l-SGD jissodisfawx dak ir-rekwiżit, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' referenza ċar sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' depożiti koperti u l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD.	(18) Skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE, ***huwa kkonfermat li*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sat-3 ta' Lulju 2024, il-mezzi finanzjarji disponibbli ta' SGD jilħqu livell fil-mira ta' 0,8 % tal-ammont tad-depożiti koperti tal-membri tagħha. Sabiex jiġi vvalutat b'mod oġġettiv jekk l-SGD jissodisfawx dak ir-rekwiżit, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' referenza ċar sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' depożiti koperti u l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD.

Or. en

Emenda 103
Luděk Niedermayer

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sat-3 ta' Lulju 2024, il-mezzi finanzjarji disponibbli ta' DGS jilħqu livell fil-mira ta' 0,8 % tal-ammont tad-depożiti koperti tal-membri tagħha. Sabiex jiġi vvalutat b'mod oġġettiv jekk l-SGD jissodisfawx dak ir-rekwiżit, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' referenza ċar sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' depożiti koperti u l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD.	(18) Skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sat-3 ta' Lulju 2024, il-mezzi finanzjarji disponibbli ta' DGS jilħqu livell fil-mira ta' 0,8 % tal-ammont tad-depożiti koperti tal-membri tagħha. Sabiex jiġi vvalutat b'mod oġġettiv jekk l-SGD jissodisfawx dak ir-rekwiżit, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' referenza ċar sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' depożiti koperti u l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD.

Or. en

Emenda 104
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Il-kontribuzzjonijiet għad-DGS u l-arranġamenti tal-finanzjament ta' riżoluzzjoni jenħtieġ li jiġu ddeterminati b'mod li jivvaluta preċiżament il-probabbiltà ta' bank kontribwenti li jimponi telf għad-DGS jew l-arranġament tal-finanzjament ta' riżoluzzjoni. Għal dan il-għan, ir-regoli li jirregolaw il-kontribuzzjonijiet ta' banek individwali għal dawn il-fondi għandhom prinċipalment iqisu l-kapaċità tar-Rekwiżit Minimu għal Fondi Proprji u Obbligazzjonijiet Eliġibbli (MREL) u l-kwalità tal-banek konċernati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din ir-riforma tista' tibdel il-probabbiltà li l-banek ta' daqs żgħir u medju jaċċessaw id-DGS / l-RF. Din il-probabbiltà għandha tiġi riflessa fir-regoli dwar il-kontribuzzjoni sabiex l-inċentivi x-xierqa jiġu stabbiliti fuq mudell ta' "min iniġġes iħallas". L-aġġustament tar-riskju għandu primarjament iqis il-kapaċità tal-MREL u l-kwalità tal-banek konċernati.

Emenda 105
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 18b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(18b) Il-livell fil-mira tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni u d-DGS ġew iddeterminati fl-2014 biex jifilħu għal xokkijiet avversi severi għas-sistema bankarja minħabba l-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tas-sistema f'dak iż-żmien. Sa minn dakinhar, is-sistema**

bankarja żiedet il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tagħha b'mod konsiderevoli billi bniet il-kapital tagħha u r-riżervi tal-MREL u billi tejbet il-kwalità ġenerali tal-assi, primarjament bit-tnaqqis fis-self li ma jrendix. B'riżultat, l-istess livell fil-mira illum jippermetti li jifilħu għal xokk ħafna akbar, li min-naħa tiegħu jfisser li ma hemmx ħtieġa li jiżdiedu l-livelli fil-mira b'riżultat ta' dan ir-rieżami.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din ir-riforma għandha l-għan li tuża l-fondi b'mod aktar effiċjenti. L-emendi mmirati ma għandhomx iżidu l-piż fuq il-fondi sa punt li jisboq il-benefiċċju tar-riżoluzzjoni tar-riskju sinifikanti li ilha sseħħ mill-2014 u li tfisser li llum l-istess livell fil-mira jippermetti li jifilħu għal xokk ħafna akbar.

Emenda 106
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Huwa neċessarju li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-depożitanti, filwaqt li tiġi evitata l-ħtieġa għal bejgħ bl-għaġla tal-assi ta' DGS u jiġu limitati l-effetti proċikliċi negattivi possibbli fuq l-industrija bankarja kkawżati mill-ġbir ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Għalhekk, jenħtieġ li l-SGD jitħallew jużaw arranġamenti ta' finanzjament alternattivi li jippermettulhom jiksbu fi kwalunkwe ħin finanzjament għal terminu qasir minn sorsi għajr kontribuzzjonijiet, inkluż qabel ma jużaw il-mezzi finanzjarji u l-fondi disponibbli tagħhom miġburin permezz ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Minħabba li jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu primarjament iġorru l-kost u r-responsabbiltà għall-finanzjament tad-	(22) Huwa neċessarju li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-depożitanti, filwaqt li tiġi evitata l-ħtieġa għal bejgħ bl-għaġla tal-assi ta' DGS u jiġu limitati l-effetti proċikliċi negattivi possibbli fuq l-industrija bankarja kkawżati mill-ġbir ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Għalhekk, jenħtieġ li l-SGD jitħallew jużaw arranġamenti ta' finanzjament alternattivi li jippermettulhom jiksbu fi kwalunkwe ħin finanzjament għal terminu qasir minn sorsi għajr kontribuzzjonijiet, inkluż qabel ma jużaw il-mezzi finanzjarji u l-fondi disponibbli tagħhom miġburin permezz ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Minħabba li jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu primarjament iġorru l-kost u r-responsabbiltà għall-finanzjament tad-

DGSs, arranġamenti alternattivi ta' finanzjament mill-fondi pubbliċi jenħtieġ li jintużaw biss bħala l-aħħar alternattiva.	DGSs, arranġamenti alternattivi ta' finanzjament mill-fondi pubbliċi jenħtieġ li jintużaw biss bħala l-aħħar alternattiva. ***Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-bank ċentrali jipprovdi self ta' likwidità temporanju għad-DGS.***

Or. en

Emenda 107
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Huwa neċessarju li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-depożitanti, filwaqt li tiġi evitata l-ħtieġa għal bejgħ bl-għaġla tal-assi ta' DGS u jiġu limitati l-effetti proċikliċi negattivi possibbli fuq l-industrija bankarja kkawżati mill-ġbir ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Għalhekk, jenħtieġ li l-SGD jitħallew jużaw arranġamenti ta' finanzjament alternattivi li jippermettulhom jiksbu fi kwalunkwe ħin finanzjament għal terminu qasir minn sorsi għajr kontribuzzjonijiet, inkluż qabel ma jużaw il-mezzi finanzjarji u l-fondi disponibbli tagħhom miġburin permezz ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Minħabba li jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu primarjament iġorru l-kost u r-responsabbiltà għall-finanzjament tad-DGSs, arranġamenti alternattivi ta' finanzjament mill-fondi pubbliċi jenħtieġ li jintużaw biss bħala l-aħħar alternattiva.	(22) Huwa neċessarju li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-depożitanti, filwaqt li tiġi evitata l-ħtieġa għal bejgħ bl-għaġla tal-assi ta' DGS u jiġu limitati l-effetti proċikliċi negattivi possibbli fuq l-industrija bankarja kkawżati mill-ġbir ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Għalhekk, jenħtieġ li l-SGD jitħallew jużaw arranġamenti ta' finanzjament alternattivi li jippermettulhom jiksbu fi kwalunkwe ħin finanzjament għal terminu qasir minn sorsi għajr kontribuzzjonijiet, inkluż qabel ma jużaw il-mezzi finanzjarji u l-fondi disponibbli tagħhom miġburin permezz ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Minħabba li jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu primarjament iġorru l-kost u r-responsabbiltà għall-finanzjament tad-DGSs, arranġamenti alternattivi ta' finanzjament mill-fondi pubbliċi jenħtieġ li jintużaw biss bħala l-aħħar alternattiva***, wara li jkunu ġew eżawriti l-għażliet l-oħra kollha***.

Or. en

Emenda 108
Luděk Niedermayer

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Huwa neċessarju li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-depożitanti, filwaqt li tiġi evitata l-ħtieġa għal bejgħ bl-għaġla tal-assi ta' DGS u jiġu limitati l-effetti proċikliċi negattivi possibbli fuq l-industrija bankarja kkawżati mill-ġbir ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Għalhekk, jenħtieġ li l-SGD jitħallew jużaw arranġamenti ta' finanzjament alternattivi li jippermettulhom jiksbu fi kwalunkwe ħin finanzjament għal terminu qasir minn sorsi għajr kontribuzzjonijiet, inkluż qabel ma jużaw il-mezzi finanzjarji u l-fondi disponibbli tagħhom miġburin permezz ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Minħabba li jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu primarjament iġorru l-kost u r-responsabbiltà għall-finanzjament tad-DGSs, arranġamenti alternattivi ta' finanzjament mill-fondi pubbliċi jenħtieġ li jintużaw biss ***bħala l-aħħar alternattiva***.	(22) Huwa neċessarju li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-depożitanti, filwaqt li tiġi evitata l-ħtieġa għal bejgħ bl-għaġla tal-assi ta' DGS u jiġu limitati l-effetti proċikliċi negattivi possibbli fuq l-industrija bankarja kkawżati mill-ġbir ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Għalhekk, jenħtieġ li l-SGD jitħallew jużaw arranġamenti ta' finanzjament alternattivi li jippermettulhom jiksbu fi kwalunkwe ħin finanzjament għal terminu qasir minn sorsi għajr kontribuzzjonijiet, inkluż qabel ma jużaw il-mezzi finanzjarji u l-fondi disponibbli tagħhom miġburin permezz ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Minħabba li jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu primarjament iġorru l-kost u r-responsabbiltà għall-finanzjament tad-DGSs, arranġamenti alternattivi ta' finanzjament mill-fondi pubbliċi jenħtieġ li jintużaw biss ***f'każijiet straordinarji ta' natura sistemika***.

Or. en

Emenda 109
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Huwa neċessarju li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-depożitanti, filwaqt li tiġi evitata l-ħtieġa għal bejgħ bl-għaġla tal-assi ta' DGS u jiġu limitati l-effetti proċikliċi negattivi possibbli fuq l-industrija bankarja kkawżati mill-ġbir ta'	(22) Huwa neċessarju li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-depożitanti, filwaqt li tiġi evitata l-ħtieġa għal bejgħ bl-għaġla tal-assi ta' DGS u jiġu limitati l-effetti proċikliċi negattivi possibbli fuq l-industrija bankarja kkawżati mill-ġbir ta'

kontribuzzjonijiet straordinarji. Għalhekk, jenħtieġ li l-SGD jitħallew jużaw arranġamenti ta' finanzjament alternattivi li jippermettulhom jiksbu fi kwalunkwe ħin finanzjament għal terminu qasir minn sorsi għajr kontribuzzjonijiet, inkluż qabel ma jużaw il-mezzi finanzjarji u l-fondi disponibbli tagħhom miġburin permezz ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Minħabba li jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu primarjament iġorru l-kost u r-responsabbiltà għall-finanzjament tad-DGSs, arranġamenti alternattivi ta' finanzjament mill-fondi pubbliċi jenħtieġ li jintużaw biss bħala l-aħħar alternattiva.

kontribuzzjonijiet straordinarji. Għalhekk, jenħtieġ li l-SGD jitħallew jużaw arranġamenti ta' finanzjament alternattivi li jippermettulhom jiksbu fi kwalunkwe ħin finanzjament għal terminu qasir minn sorsi għajr kontribuzzjonijiet, inkluż qabel ma jużaw il-mezzi finanzjarji u l-fondi disponibbli tagħhom miġburin permezz ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Minħabba li jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu primarjament iġorru l-kost u r-responsabbiltà għall-finanzjament tad-DGSs, arranġamenti alternattivi ta' finanzjament mill-fondi pubbliċi jenħtieġ li jintużaw biss ***meta jaġixxu*** bħala l-aħħar alternattiva.

Or. en

Emenda 110
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Huwa neċessarju li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-depożitanti, filwaqt li tiġi evitata l-ħtieġa għal bejgħ bl-għaġla tal-assi ta' DGS u jiġu limitati l-effetti proċikliċi negattivi possibbli fuq l-industrija bankarja kkawżati mill-ġbir ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Għalhekk, jenħtieġ li l-SGD jitħallew jużaw arranġamenti ta' finanzjament alternattivi li jippermettulhom jiksbu fi kwalunkwe ħin finanzjament għal terminu qasir minn sorsi għajr kontribuzzjonijiet, inkluż qabel ma jużaw il-mezzi finanzjarji u l-fondi disponibbli tagħhom miġburin permezz ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Minħabba li jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu primarjament iġorru l-kost u r-responsabbiltà għall-finanzjament tad-DGSs, arranġamenti alternattivi ta' finanzjament mill-fondi pubbliċi ***jenħtieġ li***	(22) Huwa neċessarju li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-depożitanti, filwaqt li tiġi evitata l-ħtieġa għal bejgħ bl-għaġla tal-assi ta' DGS u jiġu limitati l-effetti proċikliċi negattivi possibbli fuq l-industrija bankarja kkawżati mill-ġbir ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Għalhekk, jenħtieġ li l-SGD jitħallew jużaw arranġamenti ta' finanzjament alternattivi li jippermettulhom jiksbu fi kwalunkwe ħin finanzjament għal terminu qasir minn sorsi għajr kontribuzzjonijiet, inkluż qabel ma jużaw il-mezzi finanzjarji u l-fondi disponibbli tagħhom miġburin permezz ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Minħabba li jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu primarjament iġorru l-kost u r-responsabbiltà għall-finanzjament tad-DGSs, arranġamenti alternattivi ta' finanzjament mill-fondi pubbliċi jintużaw

jintużaw biss bħala l-aħħar alternattiva.	biss ***meta jaġixxu*** bħala l-aħħar alternattiva.

Or. en

Emenda 111
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Costas Mavrides, Irene Tinagli, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Sabiex jiġi evitat li DGS ma tibqax iffinanzjata biżżejjed u ma tkunx tista' tappoġġa intervent ġdid, huma meħtieġa arranġamenti ta' finanzjament alternattivi robusti u favorevoli. Għalhekk, biex jiġi evitat finanzjament temporanju mill-Istati Membri, u biex jiġi żgurat li jibqa' l-aħħar rimedju, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għandu jkun jista' jipprovdi garanzija bbażata fuq il-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni għal DGS sabiex jiffaċilita l-aċċess tagħha għas-swieq b'kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli. Il-garanzija tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta meta d-DGS tkun meħtieġa biex tintervjeni fir-riżoluzzjoni, iżda l-mezzi finanzjarji disponibbli ma jkunux biżżejjed biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' tali azzjoni.

Or. en

Emenda 112
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Costas Mavrides, Irene Tinagli, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Premessa 22b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22b) L-għoti ta' garanziji tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni għad-DGSs li jsegwu arranġamenti ta' finanzjament alternattivi jeħtieġlu ma jipprekludix, u lanqas idewwem, kwalunkwe progress fl-istabbiliment ta' skema Ewropea shiħa ta' assigurazzjoni tad-depożiti, li tibqa' l-aħjar soluzzjoni.

Or. en

Emenda 113
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex jiġi żgurat investiment diversifikat b'mod adegwat tal-fondi tad-DGSs u tal-prattiki konverġenti, jenħtieġ li l-EBA toħroġ linji gwida sabiex tipprovdi lid-DGSs bi gwida f'dak ir-rigward.	***imħassar***

Or. en

Emenda 114
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex jiġi żgurat investiment diversifikat b'mod adegwat tal-fondi tad-DGSs u tal-prattiki konverġenti, jenħtieġ li l-EBA toħroġ linji gwida sabiex tipprovdi lid-DGSs bi gwida f'dak ir-rigward.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma hemmx ħtieġa ta' linji gwida tal-EBA ulterjuri f'dak ir-rigward.

Emenda 115
Luděk Niedermayer

Proposta għal direttiva
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) Huwa essenzjali li kwalunkwe involviment tad-DGS fi kwalunkwe xenarju jrid isir b'enfasi stringenti fuq il-kosteffettività u t-trasparenza. Dan l-approċċ huwa essenzjali biex jiġi evitat tfixkil fil-kundizzjonijiet ekwi u jiżgura li ma jagħtix vantaġġi mhux ġusti lil parteċipanti fis-suq speċifiċi. It-trasparenza u l-kosteffiċjenza huma prinċipji fundamentali li jsejsu l-integrità u l-funzjonament ekwu tad-DGS.

Or. en

Emenda 116
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Il-miżuri għall-prevenzjoni ta' falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu permezz ta' interventi bikrija biżżejjed jista' jkollhom rwol effettiv fil-kontinwità ta' għodod għall-ġestjoni tal-kriżijiet sabiex jinżammu l-kunfidenza tad-depożitanti u l-istabbiltà finanzjarja. Dawk il-miżuri jistgħu jieħdu diversi forom - miżuri ta' appoġġ ta' kapital permezz ta'	(25) Il-miżuri għall-prevenzjoni ta' falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu permezz ta' interventi bikrija biżżejjed jista' jkollhom rwol effettiv fil-kontinwità ta' għodod għall-ġestjoni tal-kriżijiet sabiex jinżammu l-kunfidenza tad-depożitanti u l-istabbiltà finanzjarja. Dawk il-miżuri jistgħu jieħdu diversi forom - miżuri ta' appoġġ ta' kapital permezz ta'

strumenti ta’ fondi proprji (inklużi strumenti tal-Grad 1 ta’ Ekwità Komuni) jew strumenti kapitali, garanziji, jew self oħrajn. Id-DGSs kellhom rikors eteroġenu għal dawk il-miżuri. Sabiex jiġu żgurati l-kontinwità tal-għodod għall-ġestjoni tal-kriżijiet u r-rikors għal miżuri preventivi b’mod konsistenti mal-qafas ta’ riżoluzzjoni u mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, huwa neċessarju li jiġu speċifikati t-twaqqit u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom. Miżuri preventivi ma humiex adatti għall-assorbiment ta’ telf imġarrab meta l-istituzzjoni ta’ kreditu diġà tkun qiegħda tfalli jew x’aktarx li tfalli u jenħtieġ li jintużaw kmieni sabiex jiġi evitat id-deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-bank. Għalhekk**,** jenħtieġ li l-awtoritajiet ***dežinjati jivverifikaw jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet għal tali intervent tad-DGS***. Fl-aħħar nett, dawk il-kundizzjonijiet għall-użu ta’ mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGS jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni mill-awtorità kompetenti ta’ jekk IPS tissodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41] .

[41] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

strumenti ta’ fondi proprji (inklużi strumenti tal-Grad 1 ta’ Ekwità Komuni) jew strumenti kapitali, garanziji, jew self oħrajn. Id-DGSs kellhom rikors eteroġenu għal dawk il-miżuri. Sabiex jiġu żgurati l-kontinwità tal-għodod għall-ġestjoni tal-kriżijiet u r-rikors għal miżuri preventivi b’mod konsistenti mal-qafas ta’ riżoluzzjoni u mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, huwa neċessarju li jiġu speċifikati t-twaqqit u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom. Miżuri preventivi ma humiex adatti għall-assorbiment ta’ telf imġarrab meta l-istituzzjoni ta’ kreditu diġà tkun qiegħda tfalli jew x’aktarx li tfalli u jenħtieġ li jintużaw kmieni sabiex jiġi evitat id-deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-bank. L-awtoritajiet ***kompetenti*** jenħtieġ li għalhekk ***jikkonfermaw li ċ-ċirkostanzi għall-falliment jew għall-probabbiltà ta’ falliment ma humiex issodisfati u li huma meħtieġa miżuri preventivi biex jassiguraw is-soliditá finanzjarja u l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni ta’ kreditu***. ***Id-DGSs, jew meta jkun rilevanti, l-awtoritajiet dežinjati jenħtieġ li mbagħad jivverifikaw li l-kundizzjonijiet għall-użu tal-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGS fil-kuntest tal-miżuri preventivi huma ssodisfati***. Fl-aħħar nett, dawk il-kundizzjonijiet għall-użu ta’ mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGS jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni mill-awtorità kompetenti ta’ jekk IPS tissodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41] .

[41] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Emenda 117
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri ta' prevenzjoni jilħqu l-objettiv tagħhom, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu meħtieġa jħejju nota li tiddeskrivi l-miżuri li jimpenjaw ruħhom li jwettqu. ***Jenħtieġ li t-tħejjija ta' tali nota ma tkunx ta' piż żejjed u tieħu wisq żmien sabiex l-istituzzjoni ta' kreditu tiżgura l-possibbiltà li d-DGS tintervjeni kmieni biżżejjed.*** Għalhekk, in-nota li takkumpanja l-miżuri preventivi jenħtieġ li tieħu l-forma ta' dokument ta' spjegazzjoni qasir biżżejjed. Jenħtieġ li tali nota jkun fiha l-elementi kollha li għandhom l-għan li jipprevjenu l-ħruġ ta' fondi u li jsaħħu l-pożizzjoni kapitali u tal-likwidità tal-istituzzjoni ta' kreditu, filwaqt li tippermetti lill-istituzzjoni ta' kreditu tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali u ma' rekwiżiti regolatorji oħrajn rilevanti kollha fuq bażi progressiva. Għalhekk, jenħtieġ li tali nota jkun fiha miżuri ta' ġenerazzjoni tal-kapital, inklużi regoli dwar il-ħruġ ta' drittijiet, il-konverżjoni volontarja ta' strumenti ta' dejn subordinat, eżerċizzji ta' ġestjoni tal-obbligazzjonijiet, bejgħ li jiġġenera l-kapital ta' assi, it-titolizzazzjoni ta' portafolli, u ż-żamma tal-qligħ, inklużi projbizzjonijiet fuq id-dividendi u projbizzjonijiet fuq l-akkwiżizzjoni ta' ishma f'impriżi. Għall-istess raġuni, matul l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fin-nota, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jsaħħu wkoll il-pożizzjonijiet ta' likwidità tagħhom u jżommu lura minn prattiki kummerċjali aggressivi, u milli jirriakkwistaw ishma proprji jew jeżerċitaw	(26) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri ta' prevenzjoni jilħqu l-objettiv tagħhom, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu meħtieġa jħejju nota li tiddeskrivi l-miżuri li jimpenjaw ruħhom li jwettqu ***u li tipprovdi wkoll pjan ta' ristrutturar***. Jenħtieġ li tali nota jkun fiha l-elementi kollha li għandhom l-għan li jipprevjenu l-ħruġ ta' fondi u li jsaħħu l-pożizzjoni kapitali u tal-likwidità tal-istituzzjoni ta' kreditu, filwaqt li tippermetti lill-istituzzjoni ta' kreditu tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali u ma' rekwiżiti regolatorji oħrajn rilevanti kollha fuq bażi progressiva. Għalhekk, jenħtieġ li tali nota jkun fiha miżuri ta' ġenerazzjoni tal-kapital, inklużi regoli dwar il-ħruġ ta' drittijiet, il-konverżjoni volontarja ta' strumenti ta' dejn subordinat, eżerċizzji ta' ġestjoni tal-obbligazzjonijiet, bejgħ li jiġġenera l-kapital ta' assi, it-titolizzazzjoni ta' portafolli, u ż-żamma tal-qligħ, inklużi projbizzjonijiet fuq id-dividendi u projbizzjonijiet fuq l-akkwiżizzjoni ta' ishma f'impriżi. Għall-istess raġuni, matul l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fin-nota, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jsaħħu wkoll il-pożizzjonijiet ta' likwidità tagħhom u jżommu lura minn prattiki kummerċjali aggressivi, u milli jirriakkwistaw ishma proprji jew jeżerċitaw strumenti kapitali ibridi . Tali nota jenħtieġ li jkun fiha wkoll strateġija ta' ħruġ għal kwalunkwe miżura ta' appoġġ riċevuta. L-awtoritajiet kompetenti ***għandhom*** jiġu kkonsultati dwar ir-rilevanza u l-kredibbiltà tal-miżuri previsti fin-nota.

strumenti kapitali ibridi . Tali nota jenħtieġ li jkun fiha wkoll strateġija ta' ħruġ għal kwalunkwe miżura ta' appoġġ riċevuta. L-awtoritajiet kompetenti ***jinsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex*** jiġu kkonsultati dwar ir-rilevanza u l-kredibbiltà tal-miżuri previsti fin-nota. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet dežinjati tad-DGS li jintalbu jiffinanzjaw miżura preventiva mill-istituzzjoni ta' kreditu jkunu jistgħu jivvalutaw li l-kundizzjonijiet kollha għall-miżuri preventivi jkunu ssodisfati, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw mal-awtoritajiet dežinjati. Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-applikazzjoni ta' miżuri preventivi madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-EBA toħroġ linji gwida sabiex tgħin lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jfasslu nota bħal din.

Jenħtieġ li ma tiġi implimentata l-ebda miżura preventiva mingħajr l-approvazzjoni preċedenti tal-awtorità kompetenti fi tmiem din il-konsultazzjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet dežinjati tad-DGS li jintalbu jiffinanzjaw miżura preventiva mill-istituzzjoni ta' kreditu jkunu jistgħu jivvalutaw li l-kundizzjonijiet kollha għall-miżuri preventivi jkunu ssodisfati, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw mal-awtoritajiet dežinjati. Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-applikazzjoni ta' miżuri preventivi madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-EBA toħroġ linji gwida sabiex tgħin lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jfasslu nota bħal din.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti għandhom japprovaw il-miżuri ta' ristrutturar.

Emenda 118
Eero Heinäluoma

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri ta' prevenzjoni jilħqu l-objettiv tagħhom, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu meħtieġa jħejju ***nota*** li ***tiddeskrivi*** l-miżuri li jimpenjaw ruħhom li jwettqu. Jenħtieġ li t-tħejjija ta' tali nota ma tkunx ta' piż żejjed u tieħu wisq żmien sabiex l-istituzzjoni ta' kreditu tiżgura l-possibbiltà li d-DGS tintervjeni kmieni biżżejjed. ***Għalhekk, in-nota li takkumpanja l-miżuri preventivi jenħtieġ li tieħu l-forma ta' dokument ta' spjegazzjoni qasir biżżejjed.*** Jenħtieġ li tali ***nota*** jkun ***fiha*** l-	(26) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri ta' prevenzjoni jilħqu l-objettiv tagħhom, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu meħtieġa jħejju ***pjan ta' ristrutturar*** li ***jiddeskrivi*** l-miżuri li jimpenjaw ruħhom li jwettqu. Jenħtieġ li t-tħejjija ta' tali nota ma tkunx ta' piż żejjed u tieħu wisq żmien sabiex l-istituzzjoni ta' kreditu tiżgura l-possibbiltà li d-DGS ***jew l-awtorità kompetenti*** tintervjeni kmieni biżżejjed. Jenħtieġ li tali ***pjan ta' ristrutturar ikun fih*** l-elementi kollha li għandhom l-għan li jipprevjenu l-ħruġ ta' fondi u li jsaħħu l-

elementi kollha li għandhom l-għan li jipprevjenu l-ħruġ ta' fondi u li jsaħħu l-pożizzjoni kapitali u tal-likwidità tal-istituzzjoni ta' kreditu, filwaqt li ***tippermetti*** lill-istituzzjoni ta' kreditu tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali u ma' rekwiżiti regolatorji oħrajn rilevanti kollha fuq bażi progressiva. Għalhekk, jenħtieġ li tali ***nota jkun fiha*** miżuri ta' ġenerazzjoni tal-kapital, inklużi regoli dwar il-ħruġ ta' drittijiet, il-konverżjoni volontarja ta' strumenti ta' dejn subordinat, eżerċizzji ta' ġestjoni tal-obbligazzjonijiet, bejgħ li jiġġenera l-kapital ta' assi, it-titolizzazzjoni ta' portafolli, u ż-żamma tal-qligħ, inklużi projbizzjonijiet fuq id-dividendi u projbizzjonijiet fuq l-akkwiżizzjoni ta' ishma f'impriżi. Għall-istess raġuni, matul l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti ***fin-nota***, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jsaħħu wkoll il-pożizzjonijiet ta' likwidità tagħhom u jżommu lura minn prattiki kummerċjali aggressivi, u milli jirriakkwistaw ishma proprji jew jeżerċitaw strumenti kapitali ibridi . Tali ***nota*** jenħtieġ li jkun ***fiha wkoll*** strateġija ta' ħruġ għal kwalunkwe miżura ta' appoġġ riċevuta. L-awtoritajiet kompetenti jinsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jiġu kkonsultati dwar ir-rilevanza u l-kredibbiltà tal-miżuri previsti ***fin-nota***. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet dežinjati tad-DGS li jintalbu jiffinanzjaw miżura preventiva mill-istituzzjoni ta' kreditu jkunu jistgħu jivvalutaw li l-kundizzjonijiet kollha għall-miżuri preventivi jkunu ssodisfati, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw mal-awtoritajiet dežinjati. Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-applikazzjoni ta' miżuri preventivi madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-EBA toħroġ linji gwida sabiex tgħin lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jfasslu ***nota*** bħal ***din***.

pożizzjoni kapitali u tal-likwidità tal-istituzzjoni ta' kreditu, filwaqt li ***jippermetti*** lill-istituzzjoni ta' kreditu tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali u ma' rekwiżiti regolatorji oħrajn rilevanti kollha fuq bażi progressiva. Għalhekk, jenħtieġ li tali ***pjan ta' ristrutturar*** jkun ***fih*** miżuri ta' ġenerazzjoni tal-kapital, inklużi regoli dwar il-ħruġ ta' drittijiet, il-konverżjoni volontarja ta' strumenti ta' dejn subordinat, eżerċizzji ta' ġestjoni tal-obbligazzjonijiet, bejgħ li jiġġenera l-kapital ta' assi, it-titolizzazzjoni ta' portafolli, u ż-żamma tal-qligħ, inklużi projbizzjonijiet fuq id-dividendi u projbizzjonijiet fuq l-akkwiżizzjoni ta' ishma f'impriżi. Għall-istess raġuni, matul l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti ***fil-pjan ta' ristrutturar***, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jsaħħu wkoll il-pożizzjonijiet ta' likwidità tagħhom u jżommu lura minn prattiki kummerċjali aggressivi, u milli jirriakkwistaw ishma proprji jew jeżerċitaw strumenti kapitali ibridi . Tali ***pjan ta' ristrutturar*** jenħtieġ li jkun ***fih ukoll*** strateġija ta' ħruġ għal kwalunkwe miżura ta' appoġġ riċevuta. L-awtoritajiet kompetenti jinsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jiġu kkonsultati dwar ir-rilevanza u l-kredibbiltà tal-miżuri previsti ***fil-pjan ta' ristrutturar***. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet dežinjati tad-DGS li jintalbu jiffinanzjaw miżura preventiva mill-istituzzjoni ta' kreditu jkunu jistgħu jivvalutaw li l-kundizzjonijiet kollha għall-miżuri preventivi jkunu ssodisfati, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw mal-awtoritajiet dežinjati. Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-applikazzjoni ta' miżuri preventivi madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-EBA toħroġ linji gwida sabiex tgħin lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jfasslu ***pjan ta' ristrutturar*** bħal ***dan***.

Or. en

Emenda 119
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Irene Tinagli

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri ta' prevenzjoni jilħqu l-objettiv tagħhom, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu meħtieġa jħejju nota li tiddeskrivi l-miżuri li jimpenjaw ruħhom li jwettqu. Jenħtieġ li t-tħejjija ta' tali nota ma tkunx ta' piż żejjed u tieħu wisq żmien sabiex l-istituzzjoni ta' kreditu tiżgura l-possibbiltà li d-DGS tintervjeni kmieni biżżejjed. Għalhekk, in-nota li takkumpanja l-miżuri preventivi jenħtieġ li tieħu l-forma ta' dokument ta' spjegazzjoni qasir biżżejjed. Jenħtieġ li tali nota jkun fiha l-elementi kollha li għandhom l-għan li jipprevjenu l-ħruġ ta' fondi u li jsaħħu l-pożizzjoni kapitali u tal-likwidità tal-istituzzjoni ta' kreditu, filwaqt li tippermetti lill-istituzzjoni ta' kreditu tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali u ma' rekwiżiti regolatorji oħrajn rilevanti kollha fuq bażi progressiva. Għalhekk, jenħtieġ li tali nota jkun fiha miżuri ta' ġenerazzjoni tal-kapital, inklużi regoli dwar il-ħruġ ta' drittijiet, il-konverżjoni volontarja ta' strumenti ta' dejn subordinat, eżerċizzji ta' ġestjoni tal-obbligazzjonijiet, bejgħ li jiġġenera l-kapital ta' assi, it-titolizzazzjoni ta' portafolli, u ż-żamma tal-qligħ, inklużi projbizzjonijiet fuq id-dividendi u projbizzjonijiet fuq l-akkwiżizzjoni ta' ishma f'impriżi. Għall-istess raġuni, matul l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fin-nota, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jsaħħu wkoll il-pożizzjonijiet ta' likwidità tagħhom u jżommu lura minn prattiki kummerċjali aggressivi, u milli jirriakkwistaw ishma proprji jew jeżerċitaw strumenti kapitali ibridi . Tali nota jenħtieġ li jkun fiha wkoll strateġija ta' ħruġ għal kwalunkwe miżura ta' appoġġ riċevuta. L-awtoritajiet kompetenti jinsabu fl-aħjar	(26) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri ta' prevenzjoni jilħqu l-objettiv tagħhom, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu meħtieġa jħejju nota li tiddeskrivi l-miżuri li jimpenjaw ruħhom li jwettqu. Jenħtieġ li t-tħejjija ta' tali nota ma tkunx ta' piż żejjed u tieħu wisq żmien sabiex l-istituzzjoni ta' kreditu tiżgura l-possibbiltà li d-DGS tintervjeni kmieni biżżejjed. Għalhekk, in-nota li takkumpanja l-miżuri preventivi jenħtieġ li tieħu l-forma ta' dokument ta' spjegazzjoni qasir biżżejjed. Jenħtieġ li tali nota jkun fiha l-elementi kollha li għandhom l-għan li jipprevjenu l-ħruġ ta' fondi u li jsaħħu l-pożizzjoni kapitali u tal-likwidità tal-istituzzjoni ta' kreditu, filwaqt li tippermetti lill-istituzzjoni ta' kreditu tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali u ma' rekwiżiti regolatorji oħrajn rilevanti kollha fuq bażi progressiva. Għalhekk, jenħtieġ li tali nota jkun fiha miżuri ta' ġenerazzjoni tal-kapital, inklużi regoli dwar il-ħruġ ta' drittijiet, il-konverżjoni volontarja ta' strumenti ta' dejn subordinat, eżerċizzji ta' ġestjoni tal-obbligazzjonijiet, bejgħ li jiġġenera l-kapital ta' assi, it-titolizzazzjoni ta' portafolli, u ż-żamma tal-qligħ, inklużi projbizzjonijiet fuq id-dividendi u projbizzjonijiet fuq l-akkwiżizzjoni ta' ishma f'impriżi. Għall-istess raġuni, matul l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fin-nota, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jsaħħu wkoll il-pożizzjonijiet ta' likwidità tagħhom u jżommu lura minn prattiki kummerċjali aggressivi, u milli jirriakkwistaw ishma proprji jew jeżerċitaw strumenti kapitali ibridi . Tali nota jenħtieġ li jkun fiha wkoll strateġija ta' ħruġ għal kwalunkwe miżura ta' appoġġ riċevuta. L-awtoritajiet kompetenti jinsabu fl-aħjar

pożizzjoni sabiex ***jiġu kkonsultati dwar*** ir-rilevanza u l-kredibbiltà tal-miżuri previsti fin-nota. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet dežinjati tad-DGS li jintalbu jiffinanzjaw miżura preventiva mill-istituzzjoni ta' kreditu jkunu jistgħu jivvalutaw li l-kundizzjonijiet kollha għall-miżuri preventivi jkunu ssodisfati, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw mal-awtoritajiet dežinjati. Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-applikazzjoni ta' miżuri preventivi madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-EBA toħroġ linji gwida sabiex tgħin lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jfasslu nota bħal din.	pożizzjoni sabiex ***jivvalutaw*** ir-rilevanza u l-kredibbiltà tal-miżuri previsti fin-nota. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet dežinjati tad-DGS li jintalbu jiffinanzjaw miżura preventiva mill-istituzzjoni ta' kreditu jkunu jistgħu jivvalutaw li l-kundizzjonijiet kollha għall-miżuri preventivi jkunu ssodisfati, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw mal-awtoritajiet dežinjati. Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-applikazzjoni ta' miżuri preventivi madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-EBA toħroġ linji gwida sabiex tgħin lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jfasslu nota bħal din.

Or. en

Emenda 120
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Irene Tinagli, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Sabiex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jirċievu appoġġ mid-DGSs fil-forma ta' miżuri preventivi jwettqu l-impenji tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu pjan ta' rimedju minn istituzzjonijiet ta' kreditu li jonqsu milli jwettqu l-impenji tagħhom. Meta awtorità kompetenti tkun tal-fehma li l-miżuri fil-pjan ta' rimedju ma jkunux kapaċi jiksbu l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu, jenħtieġ li d-DGS ma tipprovdi l-ebda appoġġ preventiv ulterjuri lill-istituzzjoni ta' kreditu. Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-applikazzjoni ta' miżuri preventivi madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-EBA toħroġ linji gwida sabiex tgħin lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jfasslu pjan ta' rimedju bħal dan.	(27) Sabiex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jirċievu appoġġ mid-DGSs fil-forma ta' miżuri preventivi jwettqu l-impenji tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu pjan ta' rimedju minn istituzzjonijiet ta' kreditu li jonqsu milli jwettqu l-impenji tagħhom ***jew li jħallsu lura l-ammont kontribwit fl-ambitu tal-miżuri preventivi***. Meta awtorità kompetenti tkun tal-fehma li l-miżuri fil-pjan ta' rimedju ma jkunux kapaċi jiksbu l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu, jenħtieġ li d-DGS ma tipprovdi l-ebda appoġġ preventiv ulterjuri lill-istituzzjoni ta' kreditu ***u l-awtoritajiet rilevanti jenħtieġ li jwettqu valutazzjoni dwar jekk l-istituzzjoni hijiex qed tonqos jew hijiex probabbli li tfalli, f'konformità mal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE. L-istess konsegwenzi jenħtieġ li japplikaw f'każijiet meta l-istituzzjoni ta' kreditu***

tonqos milli tikkonforma mal-pjan ta' rimedju jew tonqos milli tħallas lura l-miżuri preventivi. Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-applikazzjoni ta' miżuri preventivi madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-EBA toħroġ linji gwida sabiex tgħin lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jfasslu pjan ta' rimedju bħal dan.

Or. en

Emenda 121
Luděk Niedermayer

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Sabiex jiġu evitati effetti detrimentali fuq il-kompetizzjoni u fuq is-suq intern, huwa neċessarju li jiġi stabbilit li fil-każ ta' miżuri alternattivi fl-insolvenza, il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw istituzzjoni ta' kreditu fil-kuntest ta' proċedimenti ta' insolvenza nazzjonali (likwidatur, riċevitur, amministratur jew oħrajn) jenħtieġ li jagħmlu arranġamenti għall-kummerċjalizzazzjoni tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu jew ta' parti minnu fi proċess miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju, filwaqt li jimmiraw li jimmassimizzaw, sa fejn ikun possibbli, il-prezz tal-bejgħ. L-istituzzjoni ta' kreditu jew kwalunkwe intermedjarju li jaġixxi f'isem l-istituzzjoni ta' kreditu jenħtieġ li japplika regoli li huma adegwati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' assi, ta' drittijiet u ta' obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrejja potenzjali. Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li l-użu tar-riżorsi tal-Istat jibqa' soġġett għar-regoli rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat skont it-Trattat, meta applikabbli.	(28) Sabiex jiġu evitati effetti detrimentali fuq il-kompetizzjoni u fuq is-suq intern, huwa neċessarju li jiġi stabbilit li fil-każ ta' miżuri alternattivi fl-insolvenza, il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw istituzzjoni ta' kreditu fil-kuntest ta' proċedimenti ta' insolvenza nazzjonali (likwidatur, riċevitur, amministratur jew oħrajn) jenħtieġ li jagħmlu arranġamenti għall-kummerċjalizzazzjoni tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu jew ta' parti minnu fi proċess miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju, filwaqt li jimmiraw li jimmassimizzaw, sa fejn ikun possibbli, il-prezz tal-bejgħ. L-istituzzjoni ta' kreditu jew kwalunkwe intermedjarju li jaġixxi f'isem l-istituzzjoni ta' kreditu jenħtieġ li japplika regoli li huma adegwati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' assi, ta' drittijiet u ta' obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrejja potenzjali. Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li l-użu tar-riżorsi tal-Istat jibqa' soġġett għar-regoli rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat skont it-Trattat, meta applikabbli. ***Ir-riżorsi tal-Istat jenħtieġ li jintużaw biss f'ċirkostanzi straordinarji meta jseħħ avveniment ta'***

natura sistemika jew li jappartjeni għal diffikultà ekonomika kbira ħafna, peress li timponi piż sinifikanti fuq il-finanzi pubbliċi u xxekkel il-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern.

Or. en

Emenda 122
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Sabiex jiġu evitati effetti detrimentali fuq il-kompetizzjoni u fuq is-suq intern, huwa neċessarju li jiġi stabbilit li fil-każ ta' miżuri alternattivi fl-insolvenza, il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw istituzzjoni ta' kreditu fil-kuntest ta' proċedimenti ta' insolvenza nazzjonali (likwidatur, riċevitur, amministratur jew oħrajn) jenħtieġ li jagħmlu arranġamenti għall-kummerċjalizzazzjoni tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu jew ta' parti minnu fi proċess miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju, filwaqt li jimmiraw li jimmassimizzaw, sa fejn ikun possibbli, il-prezz tal-bejgħ. L-istituzzjoni ta' kreditu jew kwalunkwe intermedjarju li jaġixxi f'isem l-istituzzjoni ta' kreditu jenħtieġ li japplika regoli li huma adegwati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' assi, ta' drittijiet u ta' obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrejja potenzjali. Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li l-użu tar-riżorsi ***tal-Istat jibqa' soġġett għar-regoli*** rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat skont it-Trattat***, meta applikabbli***.	(28) Sabiex jiġu evitati effetti detrimentali fuq il-kompetizzjoni u fuq is-suq intern, huwa neċessarju li jiġi stabbilit li fil-każ ta' miżuri alternattivi fl-insolvenza, il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw istituzzjoni ta' kreditu fil-kuntest ta' proċedimenti ta' insolvenza nazzjonali (likwidatur, riċevitur, amministratur jew oħrajn) jenħtieġ li jagħmlu arranġamenti għall-kummerċjalizzazzjoni tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu jew ta' parti minnu fi proċess miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju, filwaqt li jimmiraw li jimmassimizzaw, sa fejn ikun possibbli, il-prezz tal-bejgħ. L-istituzzjoni ta' kreditu jew kwalunkwe intermedjarju li jaġixxi f'isem l-istituzzjoni ta' kreditu jenħtieġ li japplika regoli li huma adegwati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' assi, ta' drittijiet u ta' obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrejja potenzjali. Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li l-użu tar-riżorsi ***tad-DGS jiġu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet li japplikaw għar-riżorsi tal-Istat soġġetti għal regoli*** rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat skont it-Trattat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti għandhom japprovaw il-miżuri ta' ristrutturar.

Emenda 123
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Peress li l-għan ewlieni tad-DGSs huwa li jipproteġu d-depożiti koperti, jenħtieġ li d-DGSs jitħallew jiffinanzjaw interventi għajr meta t-tali interventi jkunu orħos mill-iżborżi. L-esperjenza bl-applikazzjoni ta' dik ir-regola ("test tal-anqas kost") żvelat diversi nuqqasijiet peress li l-qafas kurrenti ma jagħti l-ebda dettall dwar kif għandu jiġi ddeterminat il-kost ta' dawk l-interventi u lanqas il-kost tal-iżborż. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tat-test tal-anqas kost madwar l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġi speċifikat il-kalkolu ta' dawk il-kostijiet. Fl-istess ħin, huwa neċessarju li jiġu evitati kundizzjonijiet eċċessivament stretti li effettivament ma jippermettux l-użu tal-fondi tad-DGSs għal interventi oħrajn minbarra l-iżborż. Meta jwettqu l-valutazzjoni tal-anqas kost, jenħtieġ li d-DGS l-ewwel jivverifikaw li l-kost għall-finanzjament tal-miżura magħżula jkun aktar baxx mill-kost tar-rimborż ta' depożiti koperti. Il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-anqas kost jenħtieġ li tqis il-valur taż-żmien tal-flus.	(29) Peress li l-għan ewlieni tad-DGSs huwa li jipproteġu d-depożiti koperti, jenħtieġ li d-DGSs jitħallew jiffinanzjaw interventi għajr meta t-tali interventi jkunu ***aktar effiċjenti*** mill-iżborżi ***u jkunu jistgħu jiżguraw, b'mod aktar effettiv, l-aċċess tad-depożitanti għad-depożiti tagħhom***. L-esperjenza bl-applikazzjoni ta' dik ir-regola ("test tal-anqas kost") żvelat diversi nuqqasijiet peress li l-qafas kurrenti ma jagħti l-ebda dettall dwar kif għandu jiġi ddeterminat il-kost ta' dawk l-interventi u lanqas il-kost tal-iżborż. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tat-test tal-anqas kost madwar l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġi speċifikat il-kalkolu ta' dawk il-kostijiet. Fl-istess ħin, huwa neċessarju li jiġu evitati kundizzjonijiet eċċessivament stretti li effettivament ma jippermettux l-użu tal-fondi tad-DGSs għal interventi oħrajn minbarra l-iżborż. Meta jwettqu l-valutazzjoni tal-anqas kost, jenħtieġ li d-DGS l-ewwel jivverifikaw li l-kost għall-finanzjament tal-miżura magħżula jkun aktar baxx mill-kost tar-rimborż ta' depożiti koperti. Il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-anqas kost jenħtieġ li tqis il-valur taż-żmien tal-flus.

Or. en

Emenda 124
Esther de Lange

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Jenħtieġ li l-awtoritajiet dežinjati jistmaw il-kost tal-miżura għad-DGS, inkluż wara r-ripagament ta' self, injezzjoni ta' kapital jew l-użu ta' garanzija, nett mill-qligħ mistenni, mill-ispejjeż operatorji, u mit-telf potenzjali, kontra xenarju kontrofattwali bbażat fuq telf finali ipotetiku fi tmiem il-proċedimenti ta' insolvenza, li jenħtieġ li jqis l-irkupri mid-DGS bħala parti mill-proċedimenti ta' likwidazzjoni ta' bank. Sabiex tingħata stampa ġusta u aktar komprensiva tal-kost attwali tar-ripagament tad-depożitanti, l-istima tat-telf imġarrab minħabba r-rimborż ta' depożiti koperti jenħtieġ li tinkludi kostijiet relatati ***indirettament*** mar-rimborż tad-depożitanti. Dawn il-kostijiet jenħtieġ li jinkludu l-kost tar-rikostituzzjoni tad-DGS u l-kost li d-DGS tista' ġġarrab minħabba r-rikors għal finanzjament alternattiv. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tat-test tal-anqas kost, jenħtieġ li l-EBA tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-metodoloġija għall-kalkolu tal-kost ta' interventi differenti tad-DGSs. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-anqas kost mal-mandat statutorju jew kuntrattwali tad-DGS fir-rigward tal-miżuri preventivi, jenħtieġ li l-EBA, meta tiżviluppa dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, tqis ir-rilevanza tal-miżuri preventivi fil-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontrofattwali għall-iżborż.	(31) Jenħtieġ li l-awtoritajiet dežinjati jistmaw il-kost tal-miżura għad-DGS, inkluż wara r-ripagament ta' self, injezzjoni ta' kapital jew l-użu ta' garanzija, nett mill-qligħ mistenni, mill-ispejjeż operatorji, u mit-telf potenzjali, kontra xenarju kontrofattwali bbażat fuq telf finali ipotetiku fi tmiem il-proċedimenti ta' insolvenza, li jenħtieġ li jqis l-irkupri mid-DGS bħala parti mill-proċedimenti ta' likwidazzjoni ta' bank. Sabiex tingħata stampa ġusta u aktar komprensiva tal-kost attwali tar-ripagament tad-depożitanti, l-istima tat-telf imġarrab minħabba r-rimborż ta' depożiti koperti jenħtieġ li tinkludi kostijiet relatati ***direttament*** mar-rimborż tad-depożitanti. Dawn il-kostijiet jenħtieġ li jinkludu l-kost tar-rikostituzzjoni tad-DGS u l-kost li d-DGS tista' ġġarrab minħabba r-rikors għal finanzjament alternattiv. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tat-test tal-anqas kost, jenħtieġ li l-EBA tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-metodoloġija għall-kalkolu tal-kost ta' interventi differenti tad-DGSs. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-anqas kost mal-mandat statutorju jew kuntrattwali tad-DGS fir-rigward tal-miżuri preventivi, jenħtieġ li l-EBA, meta tiżviluppa dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, tqis ir-rilevanza tal-miżuri preventivi fil-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontrofattwali għall-iżborż.

Or. en

Emenda 125
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Il-kooperazzjoni bejn id-DGSs madwar l-Unjoni hija vitali sabiex jiġi żgurat ripagament rapidu u kosteffiċjenti tad-depożitanti meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu jwettqu servizz bankarju permezz ta' fergħat fi Stati Membri oħrajn. Fid-dawl tal-avvanzi teknoloġiċi li jippromwovu l-użu ta' trasferimenti transfruntiera u identifikazzjoni mill-bogħod, jenħtieġ li d-DGS tal-Istat Membru domiċiljari titħalla tagħmel ir-ripagamenti direttament lid-depożitanti f'fergħat li jinsabu fi Stat Membru ieħor, dment li l-piż u l-kostijiet amministrattivi jkunu aktar baxxi milli kieku r-ripagament jitwettaq mid-DGS tal-Istat Membru ospitanti. Jenħtieġ li dik il-flessibbiltà tikkomplementa l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni kurrenti, li jirrikjedi li d-DGS tal-Istat Membru ospitanti tħallas lura lid-depożitanti f'fergħat f'isem id-DGS tal-Istat Membru domiċiljari. Sabiex tiġi ppreservata l-kunfidenza tad-depożitanti kemm fl-Istati Membri ospitanti kif ukoll f'dawk domiċiljari, jenħtieġ li l-EBA toħroġ linji gwida sabiex tgħin lid-DGSs f'kooperazzjoni bħal din, fost l-oħrajn billi tissuġġerixxi lista ta' kundizzjonijiet li fihom DGS tal-Istat Membru domiċiljari tista' tiddeċiedi li tħallas lura lid-depożitanti f'fergħat li jinsabu fl-Istat Membru ospitanti.	(33) Il-kooperazzjoni bejn id-DGSs madwar l-Unjoni hija vitali sabiex jiġi żgurat ripagament rapidu u kosteffiċjenti tad-depożitanti meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu jwettqu servizz bankarju permezz ta' fergħat fi Stati Membri oħrajn. Fid-dawl tal-avvanzi teknoloġiċi li jippromwovu l-użu ta' trasferimenti transfruntiera u identifikazzjoni mill-bogħod, jenħtieġ li d-DGS tal-Istat Membru domiċiljari titħalla tagħmel ir-ripagamenti direttament lid-depożitanti f'fergħat li jinsabu fi Stat Membru ieħor, dment li l-piż u l-kostijiet amministrattivi jkunu aktar baxxi milli kieku r-ripagament jitwettaq mid-DGS tal-Istat Membru ospitanti. Jenħtieġ li dik il-flessibbiltà tikkomplementa l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni kurrenti, li jirrikjedi li d-DGS tal-Istat Membru ospitanti tħallas lura lid-depożitanti f'fergħat f'isem id-DGS tal-Istat Membru domiċiljari. Sabiex tiġi ppreservata l-kunfidenza tad-depożitanti kemm fl-Istati Membri ospitanti kif ukoll f'dawk domiċiljari, jenħtieġ li l-EBA toħroġ linji gwida ***taħt il-kunsiderazzjoni ta' għarfien espert disponibbli kondiviż mill-EFDI*** sabiex tgħin lid-DGSs f'kooperazzjoni bħal din, fost l-oħrajn billi tissuġġerixxi lista ta' kundizzjonijiet li fihom DGS tal-Istat Membru domiċiljari tista' tiddeċiedi li tħallas lura lid-depożitanti f'fergħat li jinsabu fl-Istat Membru ospitanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-linji gwida possibbli tal-EBA għandhom iqisu l-informazzjoni disponibbli u l-esperjenza tal-EFDI biex jirriflettu fehma tal-prattikanti.

Emenda 126
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jbiddlu l-affiljazzjoni ma' DGS minħabba li jċaqilqu l-kwartieri ġenerali tagħhom lejn Stat Membru ieħor jew jaqilbu s-sussidjarja tagħhom f'fergħa jew viċi versa. L-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2014/49/UE jirrikjedi li l-kontribuzzjonijiet ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu mħallsin matul it-12-il xahar ta' qabel it-trasferiment jiġu ttrasferiti lid-DGS l-oħra bi proporzjon mal-ammont ta' depożiti koperti ttrasferiti. Sabiex jiġi żgurat li t-trasferiment tal-kontribuzzjonijiet lid-DGS riċeventi ma jkunx jiddependi ***fuq*** regoli nazzjonali diverġenti dwar il-fatturazzjoni jew id-data attwali tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet, id-DGS ta' oriġini jenħtieġ li tikkalkola l-ammont li għandu jiġi ttrasferit fuq il-bażi ***tal-kontribuzzjonijiet dovuti minflok tal-kontribuzzjonijiet imħallsin***.	(34) L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jbiddlu l-affiljazzjoni ma' DGS minħabba li jċaqilqu l-kwartieri ġenerali tagħhom lejn Stat Membru ieħor jew jaqilbu s-sussidjarja tagħhom f'fergħa jew viċi versa. L-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2014/49/UE jirrikjedi li l-kontribuzzjonijiet ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu mħallsin matul it-12-il xahar ta' qabel it-trasferiment jiġu ttrasferiti lid-DGS l-oħra bi proporzjon mal-ammont ta' depożiti koperti ttrasferiti. Sabiex jiġi żgurat li t-trasferiment tal-kontribuzzjonijiet lid-DGS riċeventi ma jkunx jiddependi ***minn*** regoli nazzjonali diverġenti dwar il-fatturazzjoni jew id-data attwali tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet, id-DGS ta' oriġini jenħtieġ li tikkalkola l-ammont li għandu jiġi ttrasferit fuq il-bażi ***tal-metodoloġija li għandha tiġi żviluppata mill-EBA***.

Or. en

Emenda 127
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jbiddlu l-affiljazzjoni ma' DGS minħabba li jċaqilqu l-kwartieri ġenerali tagħhom lejn Stat Membru ieħor jew jaqilbu s-sussidjarja tagħhom f'fergħa jew viċi versa. ***L-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2014/49/UE***	(34) L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jbiddlu l-affiljazzjoni ma' DGS minħabba li jċaqilqu l-kwartieri ġenerali tagħhom lejn Stat Membru ieħor jew jaqilbu s-sussidjarja tagħhom f'fergħa jew viċi versa. ***Il-kontribuzzjonijiet*** ta' dik l-istituzzjoni ta'

jirrikjedi li l-kontribuzzjonijiet ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu ***mħallsin matul it-12-il xahar*** ta' qabel it-trasferiment jiġu ttrasferiti lid-DGS l-oħra bi proporzjon mal-ammont ta' depożiti koperti ttrasferiti. Sabiex jiġi żgurat li t-trasferiment tal-kontribuzzjonijiet lid-DGS riċeventi ma jkunx jiddependi ***fuq*** regoli nazzjonali diverġenti dwar il-fatturazzjoni jew id-data attwali tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet, id-DGS ta' oriġini jenħtieġ li tikkalkola l-ammont li għandu jiġi ttrasferit fuq il-bażi tal-kontribuzzjonijiet dovuti minflok tal-kontribuzzjonijiet imħallsin.	kreditu ta' qabel it-trasferiment***, l-ammont nett ta' kwalunkwe żbalanċ u l-pro rata, jenħtieġ li*** jiġu ttrasferiti lid-DGS l-oħra bi proporzjon mal-ammont ta' depożiti koperti ttrasferiti. Sabiex jiġi żgurat li t-trasferiment tal-kontribuzzjonijiet lid-DGS riċeventi ma jkunx jiddependi ***minn*** regoli nazzjonali diverġenti dwar il-fatturazzjoni jew id-data attwali tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet, id-DGS ta' oriġini jenħtieġ li tikkalkola l-ammont li għandu jiġi ttrasferit fuq il-bażi tal-kontribuzzjonijiet dovuti minflok tal-kontribuzzjonijiet imħallsin.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bidla fis-sħubija tad-DGS tittrasferixxi r-riskju kollu mid-DGS oriġinali għad-DGS il-ġdida. U ma hemmx raġuni li kontribuzzjoni titħallas darbtejn għall-istess riskju. Sakemm din id-dispożizzjoni ma tiġix emendata, timponi spiża sinifikanti fuq kwalunkwe organizzazzjoni mill-ġdid transfruntiera, speċifikament permezz ta' "organizzazzjoni f'fergħat", kif irrimarkat mill-President tal-SSM f'Settembru 2021. L-ammont li għandu jiġi ttrasferit għandu jkun qrib l-ammont totali mħallas mill-istituzzjoni ta' kreditu relatata (bl-eċċezzjoni ta' kontribuzzjonijiet straordinarji u parti mill-kontribuzzjonijiet użati għal interventi fil-passat).

Emenda 128
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Divulgazzjoni ta' informazzjoni standardizzata u regolari ttejjeb l-għarfien fost id-depożitanti dwar il-protezzjoni tad-depożiti. Sabiex jiġu allinjati r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mal-iżviluppi teknoloġiċi, jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jqisu l-kanali ta' komunikazzjoni diġitali l-ġodda li permezz tagħhom l-istituzzjonijiet ta' kreditu jinteraġixxu mad-depożitanti. Jenħtieġ li d-depożitanti jiksbu informazzjoni ċara u omoġenja li tispjega l-protezzjoni tad-depożiti tagħhom, filwaqt	(36) Divulgazzjoni ta' informazzjoni standardizzata u regolari ttejjeb l-għarfien fost id-depożitanti dwar il-protezzjoni tad-depożiti. Sabiex jiġu allinjati r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mal-iżviluppi teknoloġiċi, jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jqisu l-kanali ta' komunikazzjoni diġitali l-ġodda li permezz tagħhom l-istituzzjonijiet ta' kreditu jinteraġixxu mad-depożitanti. Jenħtieġ li d-depożitanti jiksbu informazzjoni ċara u omoġenja li tispjega l-protezzjoni tad-depożiti tagħhom, filwaqt

li jillimitaw il-piż amministrattiv relatat għall-istituzzjonijiet ta' kreditu jew għad-DGSs. Jenħtieġ li l-EBA tingħata l-mandat li tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika, minn naħa, il-kontenut u l-format tal-iskeda ta' informazzjoni tad-depożitanti sabiex tikkomunika lid-depożitanti fuq bażi annwali ***u, min-naħa l-oħra, l-informazzjoni fil-mudell li jew id-DGSs jew l-istituzzjonijiet ta' kreditu huma meħtieġa jikkomunikaw lid-depożitanti f'sitwazzjonijiet speċifiċi, inklużi fużjonijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, determinazzjoni li d-depożiti ma jkunux disponibbli, jew ir-ripagament ta' depożiti ta' fondi tal-klijenti***.	li jillimitaw il-piż amministrattiv relatat għall-istituzzjonijiet ta' kreditu jew għad-DGSs. Jenħtieġ li l-EBA tingħata l-mandat li tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika, minn naħa, il-kontenut u l-format tal-iskeda ta' informazzjoni tad-depożitanti sabiex tikkomunika lid-depożitanti fuq bażi annwali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma huwiex il-kompitu tad-DGS li tinforma lid-depożitanti dwar fużjoni. L-informazzjoni dwar id-depożiti li jsiru mhux disponibbli, jew il-ħlas lura tad-depożiti tal-fondi tal-klijenti għandu jiġi pprovdut mid-DGS b'mod awtorevoli iżda ma għandux jingħata b'mod uniformi permezz ta' mudell tal-EBA. It-tip ta' informazzjoni pprovduta minn DGS f'tali każ jiddependi ħafna miċ-ċirkostanzi nazzjonali u l-proċessi rispettivi stabbiliti u għandu jitħalla għad-diskrezzjoni tad-DGS.

Emenda 129
Luděk Niedermayer

Proposta għal direttiva
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Il-fużjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu jew il-konverżjoni ta' sussidjarja f'fergħa jew viċi versa jistgħu jaffettwaw il-karatteristiċi ewlenin tal-protezzjoni tad-depożitanti. Sabiex jiġu evitati impatti negattivi fuq id-depożitanti li jkollhom depożiti fiż-żewġ banek li jingħaqdu kif ukoll li l-pretensjoni tagħhom għall-kopertura tad-depożiti titnaqqas minħabba bidliet fl-affiljazzjoni tad-DGS, jenħtieġ li	(37) Il-fużjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu jew il-konverżjoni ta' sussidjarja f'fergħa jew viċi versa jistgħu jaffettwaw il-karatteristiċi ewlenin tal-protezzjoni tad-depożitanti. Sabiex jiġu evitati impatti negattivi fuq id-depożitanti li jkollhom depożiti fiż-żewġ banek li jingħaqdu kif ukoll li l-pretensjoni tagħhom għall-kopertura tad-depożiti titnaqqas minħabba bidliet fl-affiljazzjoni tad-DGS, jenħtieġ li

d-depożitanti kollha jiġu infurmati dwar tali bidliet ***u*** jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jipprelevaw il-fondi tagħhom mingħajr ma jġarrbu penali sa ammont ugwali għall-kopertura mitlufa tad-depożiti.	d-depożitanti kollha jiġu infurmati dwar tali bidliet***. Id-depożitanti*** jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jipprelevaw il-fondi tagħhom mingħajr ma jġarrbu penali sa ammont ugwali għall-kopertura mitlufa tad-depożiti.

Or. en

Emenda 130
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja, jiġi evitat il-kontaġju u d-depożitanti jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom li jitolbu d-depożiti meta applikabbli, jenħtieġ li ***l-awtoritajiet dežinjati, id-DGSs u l-istituzzjonijiet ta' kreditu kkonċernati*** jinformaw lid-depożitanti dwar il-fatt li d-depożiti jsiru indisponibbli.	(38) Sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja, jiġi evitat il-kontaġju u d-depożitanti jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom li jitolbu d-depożiti meta applikabbli, jenħtieġ li ***d-DGSs*** jinformaw lid-depożitanti dwar il-fatt li d-depożiti jsiru indisponibbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-DGS għandha tkun is-sors awtorevoli ta' informazzjoni f'tali każ; l-informazzjoni minn tliet aġenziji differenti tikkawża sforz ta' koordinazzjoni mhux meħtieġ mingħajr ma jiġi pprovdut valur miżjud, għall-kuntrarju, tista' twassal għal konfużjoni fost id-depożitaturi.

Emenda 131
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Sabiex tiżdied it-trasparenza għad-depożitanti u sabiex jiġu promossi r-	(39) Sabiex tiżdied it-trasparenza għad-depożitanti u sabiex jiġu promossi r-

robustezza finanzjarja u l-kunfidenza fost id-DGSs meta jwettqu l-mandat tagħhom, jenħtieġ li jittejbu l-obbligi ta' rapportar kurrenti. Filwaqt li jibnu fuq l-obbligi kurrenti li jippermettu lid-DGSs jitolbu l-informazzjoni neċessarja kollha mingħand l-istituzzjonijiet membri tagħhom sabiex iħejju għall-iżborż, jenħtieġ li d-DGS ikunu jistgħu jitolbu wkoll l-informazzjoni neċessarja sabiex iħejju għal żborż fil-kuntest ta' kooperazzjoni transfruntiera. Fuq talba minn DGS, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet membri jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni ġenerali dwar kwalunkwe negozju transfruntier materjali fi Stati Membri oħrajn. Bl-istess mod, sabiex l-EBA tingħata l-firxa xierqa ta' informazzjoni dwar l-evoluzzjoni tal-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGSs u dwar l-użu ta' dawk il-mezzi, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li d-DGSs jinformaw lill-EBA fuq bażi annwali dwar l-ammont ta' depożiti koperti u l-mezzi finanzjarji disponibbli, u jinnotifikaw lill-EBA dwar ***iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-użu*** ta' fondi tad-DGSs jew għal żborżi jew inkella għal miżuri oħrajn. Fl-aħħar nett, sabiex jiġi rifless ir-rwol imsaħħaħ tad-DGSs fil-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji ***li għandu l-għan li jiffaċilita l-użu tal-fondi tad-DGSs f'riżoluzzjoni,*** jenħtieġ li d-DGS ***ikollhom id-dritt li*** jirċievu s-sommarju tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu sabiex iżidu t-tħejjija ġenerali tagħhom sabiex jagħmlu l-fondi disponibbli.	robustezza finanzjarja u l-kunfidenza fost id-DGSs meta jwettqu l-mandat tagħhom, jenħtieġ li jittejbu l-obbligi ta' rapportar kurrenti. Filwaqt li jibnu fuq l-obbligi kurrenti li jippermettu lid-DGSs jitolbu l-informazzjoni neċessarja kollha mingħand l-istituzzjonijiet membri tagħhom sabiex iħejju għall-iżborż, jenħtieġ li d-DGS ikunu jistgħu jitolbu wkoll l-informazzjoni neċessarja sabiex iħejju għal żborż fil-kuntest ta' kooperazzjoni transfruntiera. Fuq talba minn DGS, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet membri jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni ġenerali dwar kwalunkwe negozju transfruntier materjali fi Stati Membri oħrajn. Bl-istess mod, sabiex l-EBA tingħata l-firxa xierqa ta' informazzjoni dwar l-evoluzzjoni tal-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGSs u dwar l-użu ta' dawk il-mezzi, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li d-DGSs jinformaw lill-EBA fuq bażi annwali dwar l-ammont ta' depożiti koperti u l-mezzi finanzjarji disponibbli, u jinnotifikaw lill-EBA dwar ***il-każijiet tal-użu*** ta' fondi tad-DGSs jew għal żborżi jew inkella għal miżuri oħrajn. Fl-aħħar nett, sabiex jiġi rifless ir-rwol imsaħħaħ tad-DGSs fil-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji jenħtieġ li d-DGS jirċievu s-sommarju tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ***fuq bażi annwali*** sabiex iżidu t-tħejjija ġenerali tagħhom sabiex jagħmlu l-fondi disponibbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċirkostanzi li jwasslu għall-użu tal-fondi ma jagħtux informazzjoni sinifikattiva fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGS. L-aċċess regolari għal informazzjoni dwar il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni għad-DGS għandu jkun indipendenti mir-rwol futur potenzjali tagħhom fir-riżoluzzjoni. It-titjib tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn id-DGS u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni huwa f'konformità mal-aħjar prattika.

Emenda 132
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) ***Jenħtieġ li*** l-istandards tekniċi fis-servizzi finanzjarji jiffaċilitaw l-armonizzazzjoni konsistenti u l-protezzjoni xierqa tad-depożitanti madwar l-Unjoni kollha. Bħala korp b'għarfien espert speċjalizzat ħafna, ikun effiċjenti u xieraq li l-EBA tiġi fdata bl-iżvilupp ta' abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni li ma jinvolvux għażliet ta' politika, li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.	(40) ***F'ċerti każijiet,*** l-istandards tekniċi fis-servizzi finanzjarji ***jistgħu*** jiffaċilitaw l-armonizzazzjoni konsistenti u l-protezzjoni xierqa tad-depożitanti madwar l-Unjoni kollha. ***Meta jkun hemm ħtieġa reali fil-prattika ta' dispożizzjonijiet aktar dettaljati, dawn għandhom jiġu inklużi fit-Test Legali tal-Livell 1 meta fattibbli. Inkella,*** bħala korp b'għarfien espert speċjalizzat ħafna, ***jista' eċċezzjonalment*** ikun effiċjenti u xieraq li l-EBA tiġi fdata bl-iżvilupp ta' abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni li ma jinvolvux għażliet ta' politika, li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni. ***Dan jenħtieġ li jiġi ppreċedut minn analiżi kost-benefiċċji u valutazzjoni tal-piż amministrattiv assoċjat.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-EBA ma hijiex korp leġitimizzat b'mod demokratiku għalhekk l-influwenza tagħha fuq it-testi legali għandha tiġi ristretta. Minflok, meta jkun sensibbli u fattibbli, għandhom jiġu ppreferuti t-testi ta' livell 1.

Emenda 133
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Id-Direttiva 2014/49/UE tippermetti lill-Istati Membri jirrikonoxxu IPS bħala DGS jekk tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament	(45) Id-Direttiva 2014/49/UE tippermetti lill-Istati Membri jirrikonoxxu IPS bħala DGS jekk tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament

(UE) Nru 575/2013 u tikkonforma mad-Direttiva 2014/49/UE. Sabiex jitqies il-mudell kummerċjali speċifiku ta' dawk l-IPSs, b'mod partikolari r-rilevanza tal-miżuri preventivi fil-qalba tal-mandat tagħhom, xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà li l-Istati Membri ***jippermettu lill-IPSs jadattaw għas-salvagwardji l-ġodda għall-applikazzjoni ta' miżuri preventivi fi żmien perjodu ta' 6 snin***. ***Dan il-perjodu ta' konformità possibbilment itwal iqis l-iskeda ta' żmien għall-akkumulazzjoni ta' fond segregat għal finijiet tal-IPS għajr l-assigurazzjoni tad-depożiti kif miftiehem bejn il-Bank Ċentrali Ewropew, l-awtorità nazzjonali kompetenti u l-IPSs rilevanti.***	(UE) Nru 575/2013 u tikkonforma mad-Direttiva 2014/49/UE. Sabiex jitqies il-mudell kummerċjali speċifiku ta' dawk l-IPSs, b'mod partikolari r-rilevanza tal-miżuri preventivi fil-qalba tal-mandat tagħhom ***u l-funzjonament muri tagħhom b'effetti pożittivi fuq il-kunfidenza tad-depożitant u l-istabbiltà finanzjarja***, xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà li l-Istati Membri ***jżommu d-dispożizzjonijiet rispettivi tad-Direttiva 2014/49/UE***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bidla meħtieġa fil-premessa 45 hija riżultat tal-emendi proposti u sostantivi tagħna għall-Artikoli 11 u 11a sa e (ara taħt) kif ukoll tal-objettiv li jkun hemm konformità mad-Dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro minn Ġunju 2022.

Emenda 134
Joachim Schuster

Proposta għal direttiva
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Id-Direttiva 2014/49/UE tippermetti lill-Istati Membri jirrikonoxxu IPS bħala DGS jekk tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u tikkonforma mad-Direttiva 2014/49/UE. Sabiex jitqies il-mudell kummerċjali speċifiku ta' dawk l-IPSs, b'mod partikolari r-rilevanza tal-miżuri preventivi ***fil-qalba tal-mandat tagħhom, xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà li l-Istati Membri jippermettu lill-IPSs jadattaw*** għas-salvagwardji l-ġodda għall-applikazzjoni ta' miżuri	(45) Id-Direttiva 2014/49/UE tippermetti lill-Istati Membri jirrikonoxxu IPS bħala DGS jekk tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u tikkonforma mad-Direttiva 2014/49/UE. Sabiex jitqies il-mudell kummerċjali speċifiku ta' dawk l-IPSs, b'mod partikolari r-rilevanza tal-miżuri preventivi ***li jikkontribwixxu għall-istabbiltà finanzjarja fil-qalba tal-mandat tagħhom, il-ħtieġa possibbli li l-IPS tadatta*** għas-salvagwardji l-ġodda għall-applikazzjoni ta' miżuri preventivi fi żmien

preventivi fi żmien perjodu ta’ 6 snin. ***Dan il-perjodu ta’ konformità possibbilment itwal iqis l-iskeda ta’ żmien għall-akkumulazzjoni ta’ fond segregat għal finijiet tal-IPS għajr l-assigurazzjoni tad-depożiti kif miftiehem bejn il-Bank Ċentrali Ewropew, l-awtorità*** nazzjonali kompetenti u ***l-IPSs*** rilevanti.	perjodu ta’ 6 snin ***jenħtieġ li tiġi vverifikata u approvata mill-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti u ***mill-IPS*** rilevanti.

Or. en

Emenda 135
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Irene Tinagli, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Id-Direttiva 2014/49/UE tippermetti lill-Istati Membri jirrikonoxxu IPS bħala DGS jekk tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u tikkonforma mad-Direttiva 2014/49/UE. Sabiex jitqies il-mudell kummerċjali speċifiku ta’ dawk l-IPSs, b’mod partikolari r-rilevanza tal-miżuri preventivi fil-qalba tal-mandat tagħhom, xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà li l-Istati Membri jippermettu lill-IPSs jadattaw għas-salvagwardji l-ġodda għall-applikazzjoni ta’ miżuri preventivi fi żmien perjodu ta’ ***6*** snin. Dan il-perjodu ta’ konformità possibbilment itwal iqis l-iskeda ta’ żmien għall-akkumulazzjoni ta’ fond segregat għal finijiet tal-IPS għajr l-assigurazzjoni tad-depożiti kif miftiehem bejn il-Bank Ċentrali Ewropew, l-awtorità nazzjonali kompetenti u l-IPSs rilevanti.	(45) Id-Direttiva 2014/49/UE tippermetti lill-Istati Membri jirrikonoxxu IPS bħala DGS jekk tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u tikkonforma mad-Direttiva 2014/49/UE. Sabiex jitqies il-mudell kummerċjali speċifiku ta’ dawk l-IPSs, b’mod partikolari r-rilevanza tal-miżuri preventivi fil-qalba tal-mandat tagħhom, xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà li l-Istati Membri jippermettu lill-IPSs jadattaw għas-salvagwardji l-ġodda għall-applikazzjoni ta’ miżuri preventivi fi żmien perjodu ta’ ***tliet*** snin. Dan il-perjodu ta’ konformità possibbilment itwal iqis l-iskeda ta’ żmien għall-akkumulazzjoni ta’ fond segregat għal finijiet tal-IPS għajr l-assigurazzjoni tad-depożiti kif miftiehem bejn il-Bank Ċentrali Ewropew, l-awtorità nazzjonali kompetenti u l-IPSs rilevanti.

Or. en

Emenda 136
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Sabiex id-DGS u l-awtoritajiet dežinjati jkunu jistgħu jibnu l-kapaċità operazzjonali neċessarja sabiex japplikaw ir-regoli l-ġodda dwar l-użu ta' miżuri preventivi, huwa xieraq li tiġi prevista applikazzjoni differita ta' dawk ir-regoli l-ġodda.	(46) Sabiex***, meta jkun applikabbli,*** id-DGS u l-awtoritajiet dežinjati jkunu jistgħu jibnu l-kapaċità operazzjonali neċessarja sabiex japplikaw ir-regoli l-ġodda dwar l-użu ta' miżuri preventivi, huwa xieraq li tiġi prevista applikazzjoni differita ta' dawk ir-regoli l-ġodda.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emendi proposti tagħna ġeneralment jirreferu għal miżuri preventivi mill-IPSs li huma rikonoxxuti uffiċjalment mid-DGS, iżda mhux neċessarjament minn dawk mhux IPSs. L-emenda proposta hawnhekk tirriżulta minn dan il-kuntest.

Emenda 137
Esther de Lange

Proposta għal direttiva
Premessa 47a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(47a) Flimkien mar-riforma tas-CMDI, il-ġabra ta' fondi fi skema kondiviża permezz tal-introduzzjoni tal-EDIS tkun toffri livell ogħla ta' protezzjoni finanzjarja u ta' kunfidenza lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji tal-UE, iżżid il-fiduċja u ssaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja bħala kundizzjonijiet neċessarji għat-tkabbir, għall-prosperità u għar-reżiljenza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja u fl-UE b'mod aktar ġenerali. L-ewwel pass tal-EDIS jista' jkun appoġġ għal-likwidità biss, filwaqt li passi sussegwenti jibqgħu fl-orizzont. Il-komplementarjetà tar-riforma tas-CMDI mal-appoġġ għal-likwidità mill-EDIS issaħħaħ il-ħila tas-sistema tal-assigurazzjoni tad-depożiti fl-

Unjoni Bankarja u twassal għal sinerġiji u titjib fl-effiċjenza għall-industrija.

Or. en

Emenda 138
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli u proċeduri relatati mal-istabbiliment u mal-funzjonament ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti (DGSs), mal-kopertura u mar-ripagament ta' depożiti, ***u*** mal-użu ta' fondi tad-DGS għal miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw l-aċċess tad-depożitanti għad-depożiti tagħhom.;	1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli u proċeduri relatati mal-istabbiliment u mal-funzjonament ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti (DGSs), mal-kopertura u mar-ripagament ta' depożiti, mal-użu ta' fondi tad-DGS għal miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw l-aċċess tad-depożitanti għad-depożiti tagħhom***, u mar-regoli li jirregolaw l-aċċess tad-DGS għall-garanzija tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF), kif previst fl-Artikolu 79a tar-Regolament 806/2014***.;

Or. en

Emenda 139
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli u proċeduri relatati mal-istabbiliment u mal-funzjonament ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti (DGSs), mal-kopertura u mar-ripagament ta' depożiti, u mal-użu ta' fondi	1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli u proċeduri relatati mal-istabbiliment u mal-funzjonament ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti (DGSs), mal-kopertura u mar-ripagament ta' depożiti, u mal-użu ta' fondi

tad-DGS għal miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw l-aċċess tad-depożitanti għad-depożiti tagħhom.;	tad-DGS għal miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw l-aċċess tad-depożitanti għad-depożiti tagħhom***, u mar-regoli li jirregolaw l-aċċess tad-DGS għal-linja ta' kreditu u l-garanzija tal-UE, u l-iskambju ta' informazzjoni magħha***;

Or. en

Emenda 140
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli u proċeduri relatati mal-istabbiliment u mal-funzjonament ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti (DGSs), mal-kopertura u mar-ripagament ta' depożiti, u mal-użu ta' fondi tad-DGS għal miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw ***l-aċċess tad-depożitanti għad-depożiti tagħhom.;***	1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli u proċeduri relatati mal-istabbiliment u mal-funzjonament ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti (DGSs), mal-kopertura u mar-ripagament ta' depożiti, u mal-użu ta' fondi tad-DGS għal miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw ***il-fini tal-assigurazzjoni tad-depożiti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni għandha tkun inqas speċifika biex tinkludi l-finijiet kollha tal-interventi ta' assigurazzjoni tad-depożiti.

Emenda 141
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) "depożiti ta' fondi tal-klijenti" tfisser fondi li d-detenturi ta' kontijiet li huma istituzzjonijiet finanzjarji kif iddefiniti fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiddepożitaw matul in-negozju tagħhom ma' istituzzjoni ta' kreditu għall-kont tal-klijenti tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 142
Martin Hlaváček

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) "depożiti ta' fondi tal-klijenti" tfisser fondi li d-detenturi ta' kontijiet li huma istituzzjonijiet finanzjarji kif iddefiniti fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiddepożitaw matul in-negozju tagħhom ma' istituzzjoni ta' kreditu għall-kont tal-klijenti tagħhom;	(20) "depożiti ta' fondi tal-klijenti" tfisser fondi li d-detenturi ta' kontijiet li huma istituzzjonijiet finanzjarji kif iddefiniti fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ***jew servizzjant tal-kreditu kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 8, tad-Direttiva (UE) 2021/2167*** jiddepożitaw matul in-negozju tagħhom ma' istituzzjoni ta' kreditu għall-kont tal-klijenti tagħhom;

Or. en

Emenda 143
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) "depożiti ta' fondi tal-klijenti" tfisser fondi li d-detenturi ta' kontijiet li huma istituzzjonijiet finanzjarji kif iddefiniti fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiddepożitaw matul in-negozju tagħhom ma' istituzzjoni ta' kreditu għall-kont tal-klijenti tagħhom;	(20) "depożiti ta' fondi tal-klijenti" tfisser fondi li d-detenturi ta' kontijiet li huma istituzzjonijiet finanzjarji kif iddefiniti fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiddepożitaw matul in-negozju tagħhom ***fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/2366, id-Direttiva 2009/110/KE u d-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/593*** ma' istituzzjoni ta' kreditu għall-kont tal-klijenti tagħhom;

Or. en

Emenda 144
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) "depożiti ta' fondi tal-klijenti" tfisser fondi li d-detenturi ta' kontijiet li huma istituzzjonijiet finanzjarji kif iddefiniti fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiddepożitaw matul in-negozju tagħhom ma' istituzzjoni ta' kreditu għall-kont tal-klijenti tagħhom;	(20) "depożiti ta' fondi tal-klijenti" tfisser fondi li d-detenturi ta' kontijiet li huma istituzzjonijiet finanzjarji kif iddefiniti fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiddepożitaw matul in-negozju tagħhom ***fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/2366, id-Direttiva 2009/110/KE u d-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/593*** ma' istituzzjoni ta' kreditu għall-kont tal-klijenti tagħhom;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-abbozz ta' definizzjoni b'referenzi għal "istituzzjonijiet finanzjarji kif iddefiniti fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013" (CRR II) u "jiddepożitaw matul in-negozju tagħhom" huma wesgħin wisq u għandhom jiġu llimitati għall-każijiet tal-użu li l-EBA u l-Kummissjoni jkunu eżaminaw minn qabel. Inkella, dan jista' jwassal għal

inkonsistenzi u konsegwenzi amministrattivi konsiderevoli li la kienu maħsuba u lanqas evalwati minn qabel.

Emenda 145
Roberts Zīle

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta istituzzjoni ta' kreditu ma tikkonformax mal-obbligi tagħha bħala membru ta' DGS, dik id-DGS għandha tinnotifika minnufih b'dan lill-awtorità dežinjata u lill-awtorità kompetenti ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***meta istituzzjoni ta' kreditu ma tikkonformax mal-obbligi tagħha bħala membru ta' DGS, dik id-DGS għandha tinnotifika minnufih b'dan lill-awtorità kompetenti ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti, f'kooperazzjoni ma' dik id-DGS, tuża s-setgħat superviżorji stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE, u tieħu minnufih il-miżuri*** kollha sabiex tiżgura li ***l-istituzzjoni*** ta' kreditu ***kkonċernata tikkonforma*** mal-obbligi ***tagħha, inkluż meta jkun neċessarju billi jiġu imposti penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħrajn f'konformità mal-liġijiet nazzjonali adottati flimkien mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Kapitolu 1 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE.;***	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta istituzzjoni ta' kreditu ma tikkonformax mal-obbligi tagħha bħala membru ta' DGS, dik id-DGS għandha tinnotifika minnufih b'dan lill-awtorità dežinjata u lill-awtorità kompetenti ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-awtorità dežinjata tieħu l-miżuri xierqa*** kollha***, inkluż, jekk meħtieġ, l-impożizzjoni ta' penali,*** sabiex tiżgura li ***l-istituzzjonijiet*** ta' kreditu ***jikkonformaw*** mal-obbligi ***tagħhom bħala membri ta' DGS***. ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli fil-każ ta' ksur mill-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-obbligi li jaqgħu fuqhom bħala membru ta' DGS. Il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.”***

Or. en

Emenda 146
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta istituzzjoni ta' kreditu ma tikkonformax mal-obbligi tagħha bħala membru ta' DGS, dik id-DGS għandha tinnotifika minnufih b'dan lill-awtorità kompetenti ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti, f'kooperazzjoni ma' dik ***id-DGS***, tuża s-setgħat superviżorji stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE, u tieħu minnufih il-miżuri kollha sabiex tiżgura li l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata tikkonforma mal-obbligi tagħha, inkluż meta jkun neċessarju billi jiġu imposti penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħrajn f'konformità mal-liġijiet nazzjonali adottati flimkien mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Kapitolu 1 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE.;	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta istituzzjoni ta' kreditu ma tikkonformax mal-obbligi tagħha bħala membru ta' DGS, dik id-DGS għandha tinnotifika minnufih b'dan ***lill-awtorità dežinjata u*** lill-awtorità kompetenti ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti, f'kooperazzjoni ma' dik ***l-awtorità dežinjata***, tuża s-setgħat superviżorji stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE, u tieħu minnufih il-miżuri kollha sabiex tiżgura li l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata tikkonforma mal-obbligi tagħha, inkluż meta jkun neċessarju billi jiġu imposti penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħrajn f'konformità mal-liġijiet nazzjonali adottati flimkien mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Kapitolu 1 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE.;

Or. en

Emenda 147
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta istituzzjoni ta' kreditu ma tikkonformax mal-obbligi tagħha bħala membru ta' DGS, dik id-DGS għandha tinnotifika minnufih b'dan lill-awtorità	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta istituzzjoni ta' kreditu ma tikkonformax mal-obbligi tagħha bħala membru ta' DGS, dik id-DGS għandha tinnotifika minnufih b'dan lill-awtorità

dežinjata u lill-awtorità kompetenti ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti, f'kooperazzjoni ma' dik id-DGS, tuża s-setgħat superviżorji stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE, u tieħu minnufih il-miżuri kollha sabiex tiżgura li l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata tikkonforma mal-obbligi tagħha, inkluż meta jkun neċessarju billi jiġu imposti penali ***amministrattivi*** u miżuri ***amministrattivi*** oħrajn f'konformità mal-liġijiet nazzjonali adottati flimkien mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Kapitolu 1 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE.;	dežinjata u lill-awtorità kompetenti ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti, f'kooperazzjoni ma' dik id-DGS, tuża s-setgħat superviżorji stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE, u tieħu minnufih il-miżuri kollha sabiex tiżgura li l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata tikkonforma mal-obbligi tagħha, inkluż meta jkun neċessarju billi jiġu imposti penali u miżuri oħrajn f'konformità mal-liġijiet nazzjonali adottati flimkien mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Kapitolu 1 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE.**"**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni tħalli lok għal interpretazzjoni fir-rigward tal-kompiti assenjati lid-DGSs (tipi differenti tagħhom). F'dan il-punt aħna favur li jinżamm l-istatus quo. F'dan ir-rigward, il-formulazzjoni għandha tiġi rfinata, jiġifieri l-kelma "amministrattivi" jeħtieġ li titħassar.

Emenda 148
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGS tinforma lill-awtorità dežinjata meta l-miżuri msemmijin fil-paragrafi 4 u 4a jonqsu milli jirrestawraw il-konformità mill-istituzzjoni ta' kreditu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità dežinjata tivvaluta jekk l-istituzzjoni għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-issoktar tas-sħubija tad-DGS u tinforma lill-awtorità kompetenti bl-eżitu ta' dik il-valutazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iżżomm l-istatus quo.

Emenda 149
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGS tinforma lill-awtorità dežinjata meta l-miżuri msemmijin fil-paragrafi 4 u 4a*** jonqsu milli ***jirrestawraw*** il-konformità ***mill-istituzzjoni*** ta' kreditu. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità dežinjata tivvaluta jekk l-istituzzjoni għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-issoktar tas-sħubija tad-DGS u tinforma lill-awtorità kompetenti bl-eżitu ta' dik il-valutazzjoni.***	5. ***Jekk il-miżuri meħudin skont il-paragrafu 4*** jonqsu milli ***jiżguraw*** il-konformità ***min-naħa tal-istituzzjoni*** ta' kreditu***, id-DGS tista', soġġett għad-dritt nazzjonali u għall-kunsens espress tal-awtoritajiet kompetenti, fin-nuqqas ta' alternattivi effiċjenti oħra u filwaqt li tqis in-natura u s-severità tal-ksur, tagħti notifika ta' mhux anqas minn xahar tal-intenzjoni tagħha li teskludi l-istituzzjoni ta' kreditu mis-sħubija tad-DGS***. ***Id-depożiti magħmula qabel ma jiskadi l-perjodu ta' dik in-notifika għandhom jibqgħu koperti bis-shih mid-DGS. Jekk, meta jiskadi l-perjodu ta' dik in-notifika, l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx konformi mal-obbligi tagħha, id-DGS għandha teskludi l-istituzzjoni ta' kreditu***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-DGS fl-aħħar mill-aħħar ma tibqax involuta fid-deċiżjoni li teskludi istituzzjoni ta' kreditu, għalkemm kienet tagħmel dan preċedentement. L-istatus quo għandu jinżamm. Ir-riformulazzjoni għandha tispeċifika li esklużjoni għandha tintgħażel biss bħala l-aħħar rimedju, filwaqt li tqis in-natura u s-severità tal-ksur, u skadenza (ġdida) stabbilita. Barra minn hekk, it-theddida tal-esklużjoni inkluż l-istabbiliment ta' skadenza fir-rigward tal-istituzzjoni tħassret f'dan il-paragrafu. F'dan ir-rigward ukoll, ir-regolament preċedenti għandu jinżamm minħabba raġunijiet ta' proporzjonalità.

Emenda 150
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tirtira l-awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru tad-DGS. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożiti miżmumin fid-data li fiha istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru tad-DGS jibqgħu koperti minn dik id-DGS.;	6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tirtira l-awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru tad-DGS. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożiti miżmumin fid-data li fiha istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru tal-SGD jibqgħu koperti minn dik l-SGD ***għal perjodu massimu ta' sitt xhur***. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożitanti ta' istituzzjoni ta' kreditu li ma baqgħetx membru tad-DGS jiġu infurmati kif xieraq dwar il-konsegwenzi ta' dan u jkunu jistgħu, mingħajr ma jġarrbu xi spiża, jittrasferixxu d-depożiti tagħhom lil istituzzjoni oħra li hija membru tal-istess DGS.*** ;

Or. en

Emenda 151
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tirtira l-awtorizzazzjoni	6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tirtira l-awtorizzazzjoni

f'konformità mal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru tad-DGS. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożiti miżmumin fid-data li fiha istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru tad-DGS jibqgħu koperti minn dik id-DGS.***;***	f'konformità mal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru tad-DGS. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożiti miżmumin fid-data li fiha istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru tad-DGS jibqgħu koperti minn dik id-DGS. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjoni ta' kreditu tipprovdi lid-DGS previżjoni ta' klijent uniku (SCV) mid-data effettiva tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni bankarja mingħajr dewmien.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi żgurat li l-SCV tingħata immedjatament mal-irtirar tal-awtorizzazzjoni bankarja mid-data tal-irtirar minħabba raġunijiet ta' obbligazzjoni ta' segwitu.

Emenda 152
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 4 – paragrafu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. Sa… [OP – jekk jogħġbok żid ***36 xhur*** wara d-dħul fis-seħħ], l-EBA għandha tiżviluppa ***linji gwida*** dwar l-ambitu, il-kontenut u l-proċeduri tal-istress tests imsemmijin fil-paragrafu 10.***"***;	13. Sa… [OP – jekk jogħġbok żid ***24 xahar*** wara d-dħul fis-seħħ], l-EBA għandha tiżviluppa ***abbozz ta' standards tekniċi regolatorji*** dwar l-ambitu, il-kontenut u l-proċeduri tal-istress tests imsemmijin fil-paragrafu 10.; ***L-EBA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa … [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].*** ***Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10***

sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. ;

Or. en

Emenda 153
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a – punt iii
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) jitħassar il-punt (e);	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-depożiti mid-ditti ta' investiment ma għandhomx jitħassru mil-lista ta' esklużjonijiet.

Emenda 154
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a – punt iii
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) ***jitħassar il-punt (e);***	(iii) ***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma huwiex komprensibbli għaliex id-ditti ta' investiment tħassru kompletament mill-katalgu tal-Artikolu 5(1). B'referenza għall-Premessa 4, id-ditti ta' investiment ma humiex istituzzjonijiet finanzjarji skont it-tifsira tal-Artikolu 4(26), (3) u (2) tas-CRR.

Emenda 155
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a – punt v
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) jitħassar il-punt (j);	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-depożiti tal-entitajiet pubbliċi ma għandhomx jiġu protetti minħabba l-idea ta' protezzjoni tal-konsumatur u l-evitar ta' "assalt bankarju" ma japplikax f'dan il-każ.

Emenda 156
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a – punt v
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) ***jitħassar*** il-punt (j);	(v) il-punt (j) ***huwa sostitwit b'dan li ġej:*** ***"(j) depożiti minn gvernijiet ċentrali u reġjonali"***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-objettiv ġenerali li fil-kopertura jiġu inklużi xi entitajiet settorjali pubbliċi li ma humiex depożitaturi sofistikati (bħal skejjel, sptarijiet, xi servizzi lokali eċċ.), din l-emenda tiċċara li l-gvernijiet ċentrali/reġjonali għandhom jibqgħu esklużi mill-kopertura. Dan inaqqas ir-riskju li parti mill-piż tar-riskju sovran titqiegħed fuq id-DGS.

Emenda 157
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a – punt v
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) ***jitħassar il-punt (j);***	***imħassar***

Or. en

Emenda 158
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a – punt va (ġdid)
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(va) jiżdied il-punt (ka):
	(ka) depożiti minn persuni jew entitajiet ġuridiċi soġġetti għal sanzjonijiet finanzjarji mmirati adottati mill-Unjoni.

Or. en

Emenda 159
Irene Tinagli

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt -a (ġdid)
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-livell ta' kopertura għad-depożiti aggregati ta' kull depożitant għandu jkun ta' ***EUR***	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-livell ta' kopertura għad-depożiti aggregati ta' kull depożitant għandu jkun ta' ***EUR***

100 000 fil-każ li d-depożiti ma jkunux disponibbli.	***200 000*** fil-każ li d-depożiti ma jkunux disponibbli. ***”***

Or. en

Emenda 160
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a – punt ii
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) depożiti li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta’ proprjetà immobbli relatati ma’ proprjetajiet residenzjali privati u depożiti maħsubin għal tali tranżazzjonijiet, dment li dawk it-tranżazzjonijiet jiġu konklużi ***fuq terminu qasir*** minn persuna fiżika, u dment li dik il-persuna fiżika tkun tista’ tipprovdi dokumenti li jagħtu prova ta’ tali tranżazzjoni;”;	(a) depożiti li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta’ proprjetà immobbli relatati ma’ proprjetajiet residenzjali privati u depożiti maħsubin għal tali tranżazzjonijiet, dment li dawk it-tranżazzjonijiet jiġu konklużi ***f’perjodu ta’ tliet xhur*** minn persuna fiżika, u dment li dik il-persuna fiżika tkun tista’ tipprovdi dokumenti li jagħtu prova ta’ tali tranżazzjoni;”;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skeda ta’ żmien ċara tipprovdi ċertezza legali.

Emenda 161
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a – punt ii
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) depożiti li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta’ proprjetà immobbli	(a) depożiti li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta’ proprjetà immobbli

relatati ma’ proprjetajiet residenzjali privati u depożiti maħsubin għal tali tranżazzjonijiet, dment li dawk it-tranżazzjonijiet jiġu konklużi ***fuq terminu qasir*** minn persuna fiżika, u dment li dik il-persuna fiżika tkun tista’ tipprovdi dokumenti li jagħtu prova ta’ tali tranżazzjoni;***;***	relatati ma’ proprjetajiet residenzjali privati u depożiti maħsubin għal tali tranżazzjonijiet, dment li dawk it-tranżazzjonijiet jiġu konklużi ***f’perjodu ta’ tliet xhur*** minn persuna fiżika, u dment li dik il-persuna fiżika tkun tista’ tipprovdi dokumenti li jagħtu prova ta’ tali tranżazzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-esperjenza prattika mid-DGSs uriet li affarijiet bħal trasferimenti (eż. minn kontijiet kurrenti għal kontijiet ta’ sejħa), kategoriji (eż. proprjetà immobbli okkupata mis-sid biss), eċċ. u l-fraži “fit-terminu qasir” jeħtieġ li jiġu speċifikati f’aktar dettall (eż. tliet xhur) hawnhekk.

Emenda 162
Luděk Niedermayer

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 7 – paragrafu 7 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	F’każijiet li fihom ir-rati tal-imgħax fuq ċerti depożiti jaqbżu b’mod sinifikanti r-rata tal-imgħax tas-suq prevalenti, kif iddeterminat u abbażi ta’ data trasparenti u disponibbli għall-pubbliku, id-DGS għandha tixpruna lill-awtorità biex taġġusta r-rata imborżata biex tirrifletti r-rata tal-imgħax prevalenti fi żmien id-determinazzjoni jew is-sentenza. Dan l-aġġustament għandu jsir biex jipprevjeni periklu morali. Il-kriterji u l-metodoloġija għad-definizzjoni ta’ “jaqbżu b’mod sinifikanti” u għall-aġġustament, għandhom jiġu stabbiliti b’mod trasparenti, f’konformità mal-linji gwida żviluppati mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità nazzjonali kompetenti.

Or. en

Emenda 163
Martin Hlaváček

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – a (ġdid) Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafi 3a u 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) jiddaħħlu l-paragrafi 3a u 3b li ġejjin:
	"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għal depożiti speċifiċi stabbiliti fid-dritt nazzjonali, il-livell ta' kopertura msemmi fl-Artikolu 6(1) japplika għal kull waħda mill-persuni assolutament intitolati fl-ewwel subparagrafu.
	B'deroga mill-paragrafu 1, meta jiġi ddeterminat l-ammont ripagabbli għal persuna assolutament intitolata individwali, id-DGS ma għandhiex tqis id-depożiti ta' fondi aggregati li jsiru minn dik il-persuna mal-istess istituzzjoni ta' kreditu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs iħallsu lura d-depożiti koperti jew lid-depożitant għall-benefiċċju ta' kull persuna assolutament intitolata jew lill-persuna assolutament intitolata direttament."

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-armonizzazzjoni proposta tar-reġim għad-depożiti tal-fondi tal-klijenti skont l-Artikolu 8b, huwa ssuġġerit li jiġi introdott approċċ armonizzat simili għal depożiti speċifiċi oħra bħal depożiti fuq kontijiet miżmuma minn nutara, avukati, aġenziji tal-proprjetà immobbli, sekwestranti jew amministraturi tal-insolvenza, li f'xi aspetti jistgħu jixbhu d-depożiti li jsiru permezz ta' istituzzjoni ta' pagament jew istituzzjoni tal-flus elettroniċi.

Emenda 164
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jippermettu lid-DGSs japplikaw perjodu ta' ripagament itwal għad-depożiti msemmijin fl-Artikolu 6(2), fl-Artikolu 7(3) u fl-Artikolu 8b, li ma għandux jaqbeż l-20 jum ta' xogħol mid-data li fiha dawk id-DGSs ikunu rċevew id-dokumentazzjoni sħiħa li huma talbu mingħand depożitant sabiex jeżaminaw il-pretensjonijiet u jivverifikaw li l-kundizzjonijiet għar-ripagament ikunu ssodisfati.;	3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jippermettu lid-DGSs japplikaw perjodu ta' ripagament itwal għad-depożiti msemmijin fl-Artikolu 6(2), fl-Artikolu 7(3) u fl-Artikolu 8b, li ma għandux jaqbeż l-20 jum ta' xogħol mid-data li fiha dawk id-DGSs ikunu rċevew id-dokumentazzjoni sħiħa li huma talbu mingħand depożitant ***jew, meta xieraq, detentur ta' kont,*** sabiex jeżaminaw il-pretensjonijiet u jivverifikaw li l-kundizzjonijiet għar-ripagament ikunu ssodisfati. ***Għad-depożiti msemmija fl-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 7(3), meta d-DGS ma jkunux jistgħu jagħmlu l-ammont ripagabbli disponibbli f'anqas minn sebat ijiem ta' xogħol, huma għandhom jiżguraw li d-depożitanti jkollhom aċċess għal ammont xieraq tad-depożiti koperti tagħhom biex ikopru l-għoli tal-ħajja fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn meta jagħmlu talba għal dak l-ammont.*** ;

Or. en

Emenda 165
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jippermettu lid-DGSs japplikaw perjodu ***ta' ripagament*** itwal	3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jippermettu lid-DGSs japplikaw perjodu itwal ***biex iħallsu lura***

għad-depożiti msemmijin fl-Artikolu 6(2), fl-Artikolu 7(3) u fl-Artikolu 8b, li ma għandux jaqbeż l-20 jum ta' xogħol mid-data li fiha dawk id-DGSs ikunu rċevew id-dokumentazzjoni sħiħa li huma talbu mingħand depożitant sabiex jeżaminaw il-pretensjonijiet u jivverifikaw li l-kundizzjonijiet għar-ripagament ikunu ssodisfati.”;	***d-depożiti*** msemmijin fl-Artikolu 6(2), fl-Artikolu 7(3) u fl-Artikolu 8b, li ma għandux jaqbeż l-20 jum ta' xogħol mid-data li fiha dawk id-DGSs ikunu rċevew id-dokumentazzjoni sħiħa li huma talbu mingħand depożitant sabiex jeżaminaw il-pretensjonijiet u jivverifikaw li l-kundizzjonijiet għar-ripagament ikunu ssodisfati.;

Or. en

Emenda 166
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt d
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 8 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta ma jkun hemm l-ebda tranżazzjoni relatata mad-depożitu matul l-aħħar 24 xahar, id-DGSs ikunu jistgħu jistabbilixxu livell limitu dwar il-kostijiet amministrattivi li kieku jiġġarrbu minn dawk id-DGS sabiex jagħmlu ripagament bħal dan. Id-DGSs ma għandhomx ikunu obbligati jieħdu passi attivi sabiex iħallsu lura lid-depożitanti f'livell taħt dak il-livell limitu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs iħallsu lura lid-depożitanti taħt dak il-livell limitu meta jintalbu jagħmlu dan minn dawk id-depożitanti.”;	9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta ma jkun hemm l-ebda tranżazzjoni relatata mad-depożitu matul l-aħħar 24 xahar, ***jew il-bilanċ tal-kont ta' depożitu jkun baxx***, id-DGSs ikunu jistgħu jistabbilixxu livell limitu dwar il-kostijiet amministrattivi li kieku jiġġarrbu minn dawk id-DGS sabiex jagħmlu ripagament bħal dan. Id-DGSs ma għandhomx ikunu obbligati jieħdu passi attivi sabiex iħallsu lura lid-depożitanti f'livell taħt dak il-livell limitu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs iħallsu lura lid-depożitanti taħt dak il-livell limitu meta jintalbu jagħmlu dan minn dawk id-depożitanti.”;

Or. en

Emenda 167
Christophe Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 8b – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-klijenti msemmijin fil-punt (a) jiġu identifikati jew ikunu identifikabbli qabel id-data li fiha awtorità amministrattiva rilevanti tagħmel determinazzjoni kif imsemmi fil-punt (8)(a) tal-Artikolu 2(1) jew awtorità ġudizzjarja tieħu deċiżjoni kif imsemmi fil-punt (8)(b) tal-Artikolu 2(1).	(c) il-klijenti msemmijin fil-punt (a) jiġu identifikati jew ikunu identifikabbli***, taħt ir-responsabbiltà aħħarija tal-entità li jkollha l-kont f'isem il-klijenti,*** qabel id-data li fiha awtorità amministrattiva rilevanti tagħmel determinazzjoni kif imsemmi fil-punt (8)(a) tal-Artikolu 2(1) jew awtorità ġudizzjarja tieħu deċiżjoni kif imsemmi fil-punt (8)(b) tal-Artikolu 2(1).

Or. en

Emenda 168
Martin Hlaváček

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 8b – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Minbarra l-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożiti tal-fondi tal-klijenti f'kontijiet miżmuma minn fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2023/1114, il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u s-servizzjanti tal-kreditu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (a) u (c) ta' dan l-Artikolu huma koperti mid-DGSs.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-armonizzazzjoni proposta tar-reġim għad-depożiti tal-fondi tal-klijenti skont l-Artikolu 8b, huwa ssuġġerit li jiġi introdott approċċ armonizzat simili għal depożiti speċifiċi oħra bħal depożiti fuq kontijiet miżmuma minn fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi,

fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jew servizzjanti tal-kreditu, li f'xi aspetti jistgħu jixbhu d-depożiti li jsiru permezz ta' istituzzjoni ta' pagament jew istituzzjoni tal-flus elettroniċi.

Emenda 169
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 8b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-livell ta' kopertura msemmi fl-Artikolu 6(1) japplika għal kull klijent li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. B'deroga mill-Artikolu 7(1), meta jiġi ddeterminat l-ammont ripagabbli għal klijent individwali, id-DGS ma għandhiex tqis id-depożiti ta' fondi aggregati li jsiru minn dak il-klijent mal-istess istituzzjoni ta' kreditu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 170
Luděk Niedermayer

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 8b – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***d-DGSs iħallsu lura d-depożiti*** koperti jew lid-detentur ta' kont għall-benefiċċju ta' kull klijent, jew lill-klijent direttament.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***r-ripagament mid-DGSs tad-depożiti*** koperti ***jsir*** jew lid-detentur ta' kont għall-benefiċċju ta' kull klijent, jew lill-klijent direttament.

Or. en

Emenda 171
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każ ta' miżura ta' appoġġ kapitali, ***in-nota msemmija*** fil-paragrafu 1 ***tidentifika*** l-miżuri kollha ta' ġenerazzjoni tal-kapital li jistgħu jiġu implimentati, inklużi salvagwardji li jipprevjenu l-ħruġ ta' fondi, valutazzjoni tal-adegwatezza kapitali li tħares 'il quddiem, u determinazzjoni sussegwenti tad-defiċit ta' kapital li d-DGS għandha tkopri.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każ ta' miżura ta' appoġġ kapitali, ***il-pjan ta' ristrutturar imsemmi*** fil-paragrafu 1 ***jidentifika*** l-miżuri kollha ta' ġenerazzjoni tal-kapital li jistgħu jiġu implimentati, inklużi salvagwardji li jipprevjenu l-ħruġ ta' fondi, valutazzjoni tal-adegwatezza kapitali li tħares 'il quddiem, u determinazzjoni sussegwenti tad-defiċit ta' kapital li d-DGS għandha tkopri.

Or. en

Emenda 259
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Irene Tinagli, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11b – Paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każ ta' miżura ta' appoġġ kapitali, in-nota msemmija fil-paragrafu 1 tidentifika l-miżuri kollha ta' ġenerazzjoni tal-kapital li jistgħu jiġu implimentati, inklużi salvagwardji li jipprevjenu l-ħruġ ta' fondi, valutazzjoni tal-adegwatezza kapitali li tħares 'il quddiem, u ***determinazzjoni sussegwenti tad-defiċit*** ta' kapital li d-DGS għandha tkopri.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każ ta' miżura ta' appoġġ kapitali, in-nota msemmija fil-paragrafu 1 tidentifika l-miżuri kollha ta' ġenerazzjoni tal-kapital li jistgħu jiġu implimentati, inklużi salvagwardji li jipprevjenu l-ħruġ ta' fondi, valutazzjoni tal-adegwatezza kapitali li tħares 'il quddiem, u ***kif iddeterminat mill-awtorità kompetenti, id-defiċit*** ta' kapital li d-DGS għandha tkopri.
	Or. en

Emenda 260
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11b – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fil-każ ta' miżura ta' appoġġ kapitali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonisti u d-detenturi tad-dejn subordinati tal-istituzzjoni ta' kreditu appoġġata jkunu kkontribwew għat-tnaqqis tad-defiċit ta' kapital. Tali kontribuzzjonijiet għandhom jieħdu l-forma ta' tniżżil fil-valur u konverżjoni ta' strumenti kapitali u obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikoli 59 sa 62 tad-Direttiva 2014/59/UE mill-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma tittieħed l-ebda miżura preventiva fil-forma ta' appoġġ tal-kapital iffinanzjat minn DGSs qabel ma jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.
	Or. en

Emenda 261
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11b – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fil-każ ta' miżura ta' appoġġ kapitali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonisti u d-detenturi tad-dejn tal-istituzzjoni ta' kreditu appoġġata jkunu kkontribwew għat-tnaqqis tad-defiċit ta' kapital sal-limitu massimu.

Or. en

Emenda 262
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11b – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Meta rilevanti,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-miżuri previsti fin-nota msemmija fil-paragrafu 1 ikunu allinjati mal-pjan ta' konservazzjoni tal-kapital imsemmi fl-Artikolu 142 tad-Direttiva 2013/36/UE***.	5. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li l-ebda dividend, xiri lura ta' ishma jew rimunerazzjoni varjabbli ma jitħallsu u li ma jittieħed l-ebda impenn irrevokabbli biex jitħallsu dividendi, xiri lura ta' ishma jew rimunerazzjoni varjabbli mill-istituzzjoni ta' kreditu appoġġata.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***r-restrizzjonijiet skont dan il-paragrafu jibqgħu stabbiliti sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu appoġġata tkun rikostitwiet id-DGS bl-istess ammont għal tali miżuri***.

Or. en

Emenda 263
Roberts Zīle

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11b – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Meta rilevanti,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-miżuri previsti fin-nota msemmija fil-paragrafu 1 ikunu allinjati mal-pjan ta' konservazzjoni tal-kapital imsemmi fl-Artikolu 142 tad-Direttiva 2013/36/UE***.	5. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li l-ebda dividend, xiri lura ta' ishma jew rimunerazzjoni varjabbli ma jitħallsu u li ma jittieħed l-ebda impenn irrevokabbli biex jitħallsu dividendi, xiri lura ta' ishma jew rimunerazzjoni varjabbli mill-istituzzjoni ta' kreditu appoġġata.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***r-restrizzjonijiet skont dan il-paragrafu jibqgħu stabbiliti sakemm l-istituzzjonijiet ta' kreditu appoġġati jipprovdu lid-DGS bil-mezzi użati għal tali miżuri***.

Or. en

Emenda 264
Luděk Niedermayer

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11b – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Għandu jiġi żgurat li l-iskema ta' assigurazzjoni tad-depożiti tkun remunerata kif xieraq għall-miżura preventiva u li l-istituzzjoni ta' kreditu benefiċjarja, l-azzjonisti tagħha, il-krediturі tagħha jew il-grupp kummerċjali li tappartjeni għalih, jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għar-ristrutturar jew il-

kostijiet tal-likwidazzjoni mir-riżorsi proprji tagħhom. Miżuri preventivi biex jappoġġaw id-dispożizzjoni tal-likwidità għandhom ikunu temporanji, ma għandhomx jintużaw biex jassorbu telf u ma għandhomx isiru appoġġ kapitali. Għandha titħallas remunerazzjoni xierqa għall-iskema ta' garanzija tad-depożiti għall-miżuri preventivi approvati biex jappoġġaw id-dispożizzjoni tal-likwidità.

Or. en

Emenda 265
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11b – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Għandu jiġi żgurat li d-DGS tkun remunerata kif xieraq għall-miżura preventiva u li l-istituzzjoni ta' kreditu benefiċjarja, l-azzjonisti tagħha, il-krediturі tagħha jew il-grupp kummerċjali li tappartjeni għalih, jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-kostijiet ta' ristrutturar jew likwidazzjoni mir-riżorsi proprji tagħhom. Miżuri preventivi biex jappoġġaw id-dispożizzjoni tal-likwidità għandhom ikunu temporanji, ma għandhomx jintużaw biex jassorbu telf u ma għandhomx isiru appoġġ kapitali. Għandha titħallas remunerazzjoni xierqa għad-DGS fil-każ tal-miżuri preventivi approvati biex jappoġġaw id-dispożizzjoni tal-likwidità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-forom preventivi ta' appoġġ għandhom jiġu ttrattati fuq l-istess livell biex jiġu ppreżervati l-kundizzjonijiet ekwi, kemm jekk jiġu minn fondi pubbliċi kif ukoll minn DGS privata.

Għalhekk dawn il-kundizzjonijiet għandhom ikunu allinjati ma' dawk tal-Artikolu 32c tal-BRRD u jridu jiżguraw li l-prinċipji ewlenin tal-qafas tal-Għajnuna mill-Istat huma minquxa fil-livell 1 fid-DGSD. Dan naturalment jista' jaffettwa l-funzjonament tal-IPSs fir-rigward tal-missjonijiet volontarji u statutorji tagħhom, u għalhekk jista' jkun hemm bżonn li jiġu esplorati mezzi biex jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet tagħhom.

Emenda 266
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11b – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Meta jkun applikabbli l-qafas tal-Unjoni*** dwar l-għajnuna mill-Istat***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri previsti fin-nota msemmijin fil-paragrafu 1 ikunu allinjati mal-pjan ta' ristrutturar li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun meħtieġa tissottometti lill-Kummissjoni skont dak il-qafas***.	6. ***Il-miżuri kollha skont din id-Direttiva ma humiex soġġetti għal-liġi*** dwar l-għajnuna mill-Istat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri kollha skont id-DGSD espliċitament ma għandhomx ikunu soġġetti għal-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-fondi tad-DGS jingabru privatament, ma humiex flus il-kontribwenti. Barra minn hekk, awditu dwar l-għajnuna mill-Istat jikkawża dewmien twil, li jipprevjeni l-implimentazzjoni malajr ta' miżuri preventivi jew alternattivi jew kumpens tad-depożitu. L-Artikolu 11b(6) jagħmel l-implimentazzjoni tal-miżuri preventivi virtwalment impossibbli fid-dawl tal-iskeda ta' żmien. Kif xieraq, l-abbozz tal-Artikolu 11b(6) tad-DGSD għandu jitħassar.

Emenda 267
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11b – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Meta jkun applikabbli l-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri previsti fin-nota msemmijin fil-paragrafu 1 ikunu allinjati mal-pjan ta' ristrutturar li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun meħtieġa tissottometti lill-Kummissjoni skont dak il-qafas.	6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri previsti fin-nota msemmijin fil-paragrafu 1 ikunu allinjati mal-pjan ta' ristrutturar li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun meħtieġa tissottometti lill-Kummissjoni skont dak il-qafas***, f'konformità mal-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, li għandu jiġi aġġornat kif xieraq billi jitqiesu l-istqarrijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva***.

Or. en

Emenda 268
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11b – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Meta jkun applikabbli l-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri previsti fin-nota msemmijin fil-paragrafu 1 ikunu allinjati mal-pjan ta' ristrutturar li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun meħtieġa tissottometti lill-Kummissjoni skont dak il-qafas.	6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri previsti fin-nota msemmijin fil-paragrafu 1 ikunu allinjati mal-pjan ta' ristrutturar li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun meħtieġa tissottometti lill-Kummissjoni skont dak il-qafas***, f'konformità mal-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li għandu jiġi aġġornat kif xieraq qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva***.

Or. en

Emenda 269
Luděk Niedermayer

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11b – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta jkun applikabbli l-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri previsti ***fin-nota msemmijin*** fil-paragrafu 1 ikunu ***allinjati*** mal-pjan ta' ristrutturar li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun meħtieġa tissottometti lill-Kummissjoni skont dak il-qafas.	6. Meta jkun applikabbli l-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri previsti ***fil-pjan ta' ristrutturar imsemmijin*** fil-paragrafu 1 ikunu ***kompatibbli*** mal-pjan ta' ristrutturar li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun meħtieġa tissottometti lill-Kummissjoni skont dak il-qafas.

Or. en

Emenda 270
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11b – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta jkun applikabbli l-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri previsti ***fin-nota msemmijin*** fil-paragrafu 1 ikunu ***allinjati*** mal-pjan ta' ristrutturar li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun meħtieġa tissottometti lill-Kummissjoni skont dak il-qafas.	6. Meta jkun applikabbli l-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri previsti ***fil-pjan ta' ristrutturar imsemmijin*** fil-paragrafu 1 ikunu ***kompatibbli*** mal-pjan ta' ristrutturar li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun meħtieġa tissottometti lill-Kummissjoni skont dak il-qafas.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-forom preventivi ta' appoġġ għandhom jiġu ttrattati fuq l-istess livell biex jiġu ppreżervati l-kundizzjonijiet ekwi, kemm jekk jiġu minn fondi pubbliċi kif ukoll minn DGS privata. Għalhekk dawn il-kundizzjonijiet għandhom ikunu allinjati ma' dawk tal-Artikolu 32c tal-BRRD u jridu jiżguraw li l-prinċipji ewlenin tal-qafas tal-Għajnuna mill-Istat huma minquxa

fil-livell 1 fid-DGSD. Dan naturalment jista' jaffettwa l-funzjonament tal-IPSs fir-rigward tal-missjonijiet volontarji u statutorji tagħhom, u għalhekk jista' jkun hemm bżonn li jiġu esplorati mezzi biex jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet tagħhom.

Emenda 271
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11b – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, b'deroga mill-paragrafi (1) sa (5) ta' dan l-Artikolu, għall-istituzzjonijiet membri ta' IPS imsemmijin fl-Artikolu 1(2), il-punt (c), ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw dawn li ġejjin: Meta tiġi approvata miżura preventiva, l-IPS tirrikjedi u l-istituzzjoni ta' kreditu hija obbligata li tħejji u tissottometti lill-IPS kunċett ta' ristrutturar komprensiv f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara li tiġi approvata l-miżura, li juri l-mod kif tiġi rrestawrata l-profittabbiltà bażika tal-istituzzjoni. Dan jinkludi l-konformità mar-rekwiżiti regolatorji applikabbli għall-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

A comprehensive, institution-specific restructuring concept, including a detailed status-quo analysis and a business plan, is in any case already regularly a mandatory part of the contract on support measures between the institution and the IPS. However, preparation requires some time until final acceptance by the IPS, in order to show valid results and thus the way to restore the bank's basic profitability. This concept with an underlying and reliable business plan is also subject to close implementation control by the IPS as is,including all necessary countermeasures in the event of significant deviations.

Emenda 272
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11b – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi n-nota lill-awtorità ta' riżoluzzjoni. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' teżamina n-nota bil-ħsieb li tidentifika kwalunkwe azzjoni li jista' jkollha impatt ħażin fuq ir-riżolvibbiltà tal-istituzzjoni u tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-awtorità kompetenti rigward dawk il-kwistjonijiet. L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tikkomunika l-valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet tagħha fil-perjodu ta' żmien stabbilit mill-awtorità kompetenti.

Or. en

Emenda 273
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11b – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-awtorità kompetenti għandu jkollha ġimagħtejn biex tapprova l-pjan ta' ristrutturar. Meta l-awtorità kompetenti tqis li l-pjan ta' ristrutturar ma huwiex sodisfaċenti, il-miżura preventiva prevista ma tistax titwettaq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-forom preventivi ta' appoġġ għandhom jiġu ttrattati fuq l-istess livell biex jiġu ppreżervati

l-kundizzjonijiet ekwi, kemm jekk jiġu minn fondi pubbliċi kif ukoll minn DGS privata. Għalhekk dawn il-kundizzjonijiet għandhom ikunu allinjati ma' dawk tal-Artikolu 32c tal-BRRD u jridu jiżguraw li l-prinċipji ewlenin tal-qafas tal-Għajnuna mill-Istat huma minquxa fil-livell 1 fid-DGSD. Dan naturalment jista' jaffettwa l-funzjonament tal-IPSs fir-rigward tal-missjonijiet volontarji u statutorji tagħhom, u għalhekk jista' jkun hemm bżonn li jiġu esplorati mezzi biex jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet tagħhom.

Emenda 274
Luděk Niedermayer

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11b – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-awtorità kompetenti għandu jkollha ġimagħtejn biex tapprova l-pjan ta' ristrutturar. Meta l-awtorità kompetenti tqis li l-pjan ta' ristrutturar ma huwiex sodisfaċenti, il-miżura preventiva prevista ma tistax titwettaq.

Or. en

Emenda 275
Eero Heinäluoma

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11c – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-istituzzjoni ta' kreditu tonqos milli tissodisfa l-impenji deskritti ***fin-nota msemmija*** fl-Artikolu 11b(1), jew tonqos milli tħallas lura l-ammont ikkontribwit skont il-miżuri preventivi mal-maturità, id-DGS tinforma lill-awtorità kompetenti b'dan mingħajr dewmien.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-istituzzjoni ta' kreditu tonqos milli tissodisfa l-impenji deskritti ***fil-pjan ta' ristrutturar imsemmi*** fl-Artikolu 11b(1), jew tonqos milli tħallas lura l-ammont ikkontribwit skont il-miżuri preventivi mal-maturità, id-DGS tinforma lill-awtorità kompetenti b'dan mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 276
José Manuel García-Margallo y Marfil

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11c – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fis-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti ***titlob lill-istituzzjoni ta' kreditu*** tissottometti pjan ta' rimedju li jiddeskrivi l-passi li se tieħu l-istituzzjoni ta' kreditu sabiex tiżgura jew tirrestawra l-konformità mar-rekwiżiti superviżorji, sabiex tiżgura l-vijabbiltà fit-tul tagħha u sabiex tħallas lura l-ammont dovut ikkontribwit mid-DGS għall-miżura preventiva, kif ukoll il-perjodu ta' żmien assoċjat.	2. Fis-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti għandha tissottometti pjan ta' rimedju ***lill-awtorità dežinjata u lid-DGS*** li jiddeskrivi l-passi li se tieħu l-istituzzjoni ta' kreditu sabiex tiżgura jew tirrestawra l-konformità mar-rekwiżiti superviżorji, sabiex tiżgura l-vijabbiltà fit-tul tagħha u sabiex tħallas lura l-ammont dovut ikkontribwit mid-DGS għall-miżura preventiva, kif ukoll il-perjodu ta' żmien assoċjat. ***L-awtorità dežinjata u d-DGS għandhom jikkonsultaw mal-awtorità kompetenti fir-rigward tal-miżuri previsti fil-pjan ta' rimedju sottomess mill-istituzzjoni ta' kreditu li għandu l-għan li jiżgura jew jirrestawra l-konformità mar-rekwiżiti superviżorji.***

Or. en

Emenda 277
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11c – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fis-sitwazzjoni msemmija fil-	2. Fis-sitwazzjoni msemmija fil-

paragrafu 1, ***l-Istati Membri għandhom jiżguraw li*** l-awtorità kompetenti titlob lill-istituzzjoni ta' kreditu tissottometti pjan ta' rimedju li jiddeskrivi l-passi li se tieħu l-istituzzjoni ta' kreditu sabiex tiżgura jew tirrestawra l-konformità mar-rekwiżiti superviżorji, sabiex tiżgura l-vijabbiltà fit-tul tagħha u sabiex tħallas lura l-ammont dovut ikkontribwit mid-DGS għall-miżura preventiva, kif ukoll il-perjodu ta' żmien assoċjat.	paragrafu 1, l-awtorità kompetenti ***għandha*** titlob lill-istituzzjoni ta' kreditu tissottometti pjan ta' rimedju ***lill-awtorità dežinjata u lid-DGS*** li jiddeskrivi l-passi li se tieħu l-istituzzjoni ta' kreditu sabiex tiżgura jew tirrestawra l-konformità mar-rekwiżiti superviżorji, sabiex tiżgura l-vijabbiltà fit-tul tagħha u sabiex tħallas lura l-ammont dovut ikkontribwit mid-DGS għall-miżura preventiva, kif ukoll il-perjodu ta' żmien assoċjat. ***L-awtorità dežinjata u d-DGS għandhom jikkonsultaw mal-awtorità kompetenti fir-rigward tal-miżuri previsti fil-pjan ta' rimedju.***

Or. en

Emenda 278
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11c – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta li l-pjan ta' rimedju jkun kredibbli jew fattibbli, id-DGS ma għandha tagħti l-ebda miżura preventiva ulterjuri lil dik l-istituzzjoni ta' kreditu.	3. Meta l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta li l-pjan ta' rimedju jkun kredibbli jew fattibbli ***jew meta l-istituzzjoni ta' kreditu tonqos milli tikkonforma mal-pjan ta' rimedju previst fl-Artikolu 11c(1) jew tonqos milli tħallas lura l-ammont ikkontribwit skont il-miżuri preventivi f'maturità***, id-DGS ma għandha tagħti l-ebda miżura preventiva ulterjuri lil dik l-istituzzjoni ta' kreditu, ***u l-awtoritajiet rilevanti għandhom iwettqu valutazzjoni dwar jekk l-istituzzjoni hijiex qed tfalli jew hijiex probabbli li tfalli, f'konformità mal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE.***

Or. en

Emenda 279
José Manuel García-Margallo y Marfil

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11c – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-awtorità ***kompetenti*** ma tkunx sodisfatta li l-pjan ta' rimedju jkun kredibbli jew fattibbli, id-DGS ma għandha tagħti l-ebda miżura preventiva ulterjuri lil dik l-istituzzjoni ta' kreditu.	3. Meta l-awtorità ***dežinjata*** ma tkunx sodisfatta li l-pjan ta' rimedju jkun kredibbli jew fattibbli, id-DGS ma għandha tagħti l-ebda miżura preventiva ulterjuri lil dik l-istituzzjoni ta' kreditu.

Or. en

Emenda 280
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11c – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta li l-pjan ta' rimedju jkun kredibbli jew fattibbli, ***id-DGS ma għandha tagħti l-ebda miżura preventiva ulterjuri lil dik l-istituzzjoni ta' kreditu***.	3. Meta l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta li l-pjan ta' rimedju jkun kredibbli jew fattibbli, ***l-istituzzjoni għandha titqies bħala li qed tfalli jew aktarx li tfalli***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'każ li l-pjan ta' rimedju ma jaħdimx, jeħtieġ li jkun hemm determinazzjoni tal-FOLF. Barra minn hekk, il-linji gwida tal-EBA għandhom jiġu adottati aktar kmieni.

Emenda 281
Eero Heinäluoma

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11c – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Sa … [OP – jekk jogħġbok daħħal id-data = ***42*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-EBA għandha toħroġ linji gwida li jistabbilixxu elementi ***tan-nota*** li ***takkumpanja*** l-miżuri preventivi msemmija fl-Artikolu 11b(1) u l-pjan ta' rimedju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.	4. Sa … [OP – jekk jogħġbok daħħal id-data = ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-EBA għandha toħroġ linji gwida li jistabbilixxu elementi ***tal-pjan ta' ristrutturar*** li ***jakkumpanja*** l-miżuri preventivi msemmija fl-Artikolu 11b(1) u l-pjan ta' rimedju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 282
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11c – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Sa … [OP – jekk jogħġbok daħħal id-data = ***42*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-EBA għandha toħroġ linji gwida li jistabbilixxu elementi tan-nota li takkumpanja l-miżuri preventivi msemmija fl-Artikolu 11b(1) u l-pjan ta' rimedju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.	4. Sa … [OP – jekk jogħġbok daħħal id-data = ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-EBA għandha toħroġ linji gwida li jistabbilixxu elementi tan-nota li takkumpanja l-miżuri preventivi msemmija fl-Artikolu 11b(1) u l-pjan ta' rimedju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'każ li l-pjan ta' rimedju ma jaħdimx, jeħtieġ li jkun hemm determinazzjoni tal-FOLF. Barra minn hekk, il-linji gwida tal-EBA għandhom jiġu adottati aktar kmieni.

Emenda 283
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11c – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, b'deroga mill-paragrafi (1) sa (4) ta' dan l-Artikolu, għall-istituzzjonijiet membri ta' IPS imsemmijin fl-Artikolu 1 (2), il-punt (c), ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw dawn li ġejjin: Meta l-istituzzjoni ta' kreditu tonqos milli tissodisfa l-impenji deskritti fil-kunċett ta' ristrutturar imsemmi fl-Artikolu 11b il-paragrafu (7), l-IPS għandha tirrikjedi u l-istitut huwa obbligat li jirrevedi l-kunċett li jiddeskrivi l-passi li se tieħu l-istituzzjoni ta' kreditu biex tiżgura jew tirrestawra l-konformità mar-rekwiżiti superviżorji u tiżgura l-vijabbiltà fit-tul tagħha. L-IPS tinforma lill-awtorità kompetenti b'dan mingħajr dewmien.

Or. en

Ġustifikazzjoni

A comprehensive, institution-specific restructuring concept, including a detailed status-quo analysis and a business plan, is in any case already regularly a mandatory part of the contract on support measures between the institution and the IPS. However, preparation requires some time until final acceptance by the IPS, in order to show valid results and thus the way to restore the bank's basic profitability. This concept with an underlying and reliable business plan is also subject to close implementation control by the IPS, including all necessary countermeasures in the event of significant deviations.

Emenda 284
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11d – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Meta*** l-Istati Membri jippermettu l-użu ta' fondi tad-DGSs għall-miżuri alternattivi msemmijin fl-Artikolu 11(5)***,*** ***huma*** għandhom jiżguraw li meta d-DGSs jiffinanzjaw miżuri bħal dawn, ***l-istituzzjonijiet ta' kreditu jikkummerċjalizzaw,*** jew ***jagħmlu*** arranġamenti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-assi, tad-drittijiet u tal-obbligazzjonijiet li ***dawk*** l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkollhom l-intenzjoni li jittrasferixxu. Mingħajr preġudizzju għall-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, it-tali kummerċjalizzazzjoni għandha tikkonforma ma' dan kollu li ġej:	1. L-Istati Membri ***għandhom*** jippermettu l-użu ta' fondi tad-DGSs għall-miżuri alternattivi msemmijin fl-Artikolu 11(5)***.*** ***L-Istati Membri*** għandhom jiżguraw li meta d-DGSs jiffinanzjaw miżuri bħal dawn, ***għandhom isiru*** kummerċjalizzazzjoni, jew arranġamenti għall-kummerċjalizzazzjoni ***fir-rigward*** tal-assi, tad-drittijiet u tal-obbligazzjonijiet li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkollhom l-intenzjoni li jittrasferixxu. Mingħajr preġudizzju għall-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, it-tali kummerċjalizzazzjoni għandha tikkonforma ma' dan kollu li ġej:

Or. en

Emenda 285
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11d – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Meta*** l-Istati Membri jippermettu l-użu ta' fondi tad-DGSs għall-miżuri alternattivi msemmijin fl-Artikolu 11(5), ***huma għandhom*** jiżguraw li meta d-DGSs jiffinanzjaw miżuri bħal dawn, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jikkummerċjalizzaw, jew jagħmlu arranġamenti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-assi, tad-drittijiet u tal-obbligazzjonijiet li dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkollhom l-intenzjoni li jittrasferixxu. Mingħajr preġudizzju għall-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, it-tali kummerċjalizzazzjoni għandha tikkonforma ma' dan kollu li ġej:	1. L-Istati Membri ***għandhom*** jippermettu l-użu ta' fondi tad-DGSs għall-miżuri alternattivi msemmijin fl-Artikolu 11(5), ***billi*** jiżguraw li meta d-DGSs jiffinanzjaw miżuri bħal dawn, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jikkummerċjalizzaw, jew jagħmlu arranġamenti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-assi, tad-drittijiet u tal-obbligazzjonijiet li dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkollhom l-intenzjoni li jittrasferixxu. Mingħajr preġudizzju għall-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, it-tali kummerċjalizzazzjoni għandha tikkonforma ma' dan kollu li ġej:

Emenda 286
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. "Artikolu 11da
	Appoġġ mogħti lil trasferimenti tal-portafoll f'miżuri alternattivi
	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta d-DGS tintuża f'konformità mal-Artikolu 11(5) fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu, u dment li tali azzjoni tiżgura li l-persuni fiżiċi u l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju jkompli jkollhom aċċess għad-depożiti tagħhom, sabiex jiġi pprevenut li jġarrbu telf, id-DGS li magħha tkun affiljata dik l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tikkontribwixxi l-ammonti li ġejjin:
	(i) l-ammont meħtieġ biex ikopri d-differenza bejn il-valur tad-depożiti koperti u tal-obbligazzjonijiet bl-istess klassifikazzjoni jew b'waħda ta' prijorità ogħla, u l-valur tal-assi tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni li għandhom jiġu ttrasferiti lil riċevitur; u
	(ii) fejn rilevanti, ammont meħtieġ biex tiġi żgurata n-newtralità tal-kapital tar-riċevitur wara t-trasferiment.
	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mezzi finanzjarji disponibbli użati f'konformità mal-Artikolu 11(5) ma jaqbżux il-25 % tal-livell fil-mira tad-DGS skont l-Artikolu 10.
	Jekk l-ammont meħtieġ mid-DGS ikun akbar minn 25 % tal-livell fil-mira tagħha, l-istituzzjonijiet ta' kreditu

affiljati għandhom immedjatament jipprovdu lid-DGS il-mezzi meħtieġa għall-finanzjament tal-parti li jifdal, meta jkun meħtieġ fil-forma ta' kontribuzzjonijiet straordinarji.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kapaċità tad-DGS li tappoġġa strateġiji ta' trasferiment ma hijiex se tkun akbar fl-insolvenza milli fir-riżoluzzjoni, f'konformità mal-objettiv tar-riżoluzzjoni li tippreżerva l-fondi tagħha, applikabbli kemm fir-riżoluzzjoni kif ukoll fl-insolvenza.

Emenda 287
Esther de Lange

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11e – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kost stmat għad-DGS sabiex tiffinanzja l-miżuri msemmijin fl-Artikolu 11(2), (3) jew (5);	(a) il-kost ***dirett*** stmat għad-DGS sabiex tiffinanzja l-miżuri msemmijin fl-Artikolu 11(2), (3) jew (5);

Or. en

Emenda 288
Esther de Lange

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11e – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kost stmat tar-ripagament lid-depożitanti f'konformità mal-Artikolu 8(1).	(b) il-kost ***dirett*** stmat tar-ripagament lid-depożitanti f'konformità mal-Artikolu 8(1).

Or. en

Emenda 289
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11e – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***għall-istima tal-kostijiet*** imsemmijin fil-punt (a) tal-paragrafu 1***, id-DGS għandha tqis il-qligħ mistenni, l-ispejjeż operatorji u t-telf potenzjali relatat mal-miżura***;	(a) ***il-kostijiet*** imsemmijin fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ***għandhom jiġu stmati bħala d-differenza bejn:***
	(i) it-total tal-ammont żborżat mid-DGS biex tiġi ffinanzjata l-miżura, il-kostijiet amministrattivi tal-ingranaġġ tal-kontribuzzjonijiet ex post skont l-Artikolu 10(8) jekk tali kontribuzzjonijiet ikunu meħtieġa biex jiffinanzjaw il-miżura, u l-kostijiet tal-mobilizzazzjoni ta' arranġamenti ta' finanzjament alternattiv skont l-Artikolu 10(9) jekk dawn l-arranġamenti jiġu mmobilizzati; u
	(ii) l-irkupri mistennija fuq il-pretensjoni mid-DGS skont l-Artikolu 9(2).

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tal-anqas kost għandu jiġi speċifikat fit-test tal-livell 1 sal-massimu possibbli.

Emenda 290
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11e – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għall-miżuri msemmijin fl-Artikolu 11(2) u (5), id-DGS għandha tibbaża l-istima tagħha tal-kost tar-ripagament lid-depożitanti, kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, fuq il-valwazzjoni tal-assi u tal-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni ta' kreditu msemmijin fl-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2014/59/UE u l-istima msemmija fl-Artikolu 36(8) ta' dik id-Direttiva;	***imħassar***

Or. en

Emenda 291
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11e – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***għall-miżuri msemmijin fl-Artikolu 11(2), (3) u (5), meta tistma l-kost*** tar-ripagament lid-depożitanti, kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1***, id-DGS għandha tqis il-proporzjon mistenni tal-irkupri, il-kost għar-rikostituzzjoni tad-DGS li għandu jiġġarrab mill-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma membri tad-DGS, u l-kost addizzjonali potenzjali tal-finanzjament għad-DGS;***	(c) il-kost tar-ripagament lid-depożitanti, kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, ***għandu jiġi stmat bħala d-differenza bejn:***
	(i) it-total tal-ammont stmat li għandu jitħallas lid-depożitanti, il-kostijiet amministrattivi marbuta mal-proċess tar-ripagament li ma humiex koperti mill-kontribuzzjonijiet annwali, il-kostijiet amministrattivi tal-ingranaġġ tal-kontribuzzjonijiet ex post skont l-Artikolu 10(8) jekk tali kontribuzzjonijiet ikunu meħtieġa biex isir il-ħlas lura lid-depożitanti, u l-kostijiet tal-

mobilizzazzjoni ta' arranġamenti ta' finanzjament alternattiv skont l-Artikolu 10(9) jekk dawn l-arranġamenti jiġu mmobilizzati; u

(ii) l-irkupri mistennija fuq il-pretensjoni mid-DGS skont l-Artikolu 9(2). Ir-rata ta' rkupru fuq din il-pretensjoni ma għandhiex tkun aktar baxxa minn 50 %.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tal-anqas kost għandu jiġi speċifikat fit-test tal-livell 1 sal-massimu possibbli.

Emenda 292
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11e – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) għall-miżuri msemmijin fl-Artikolu 11(2), (3) u (5), meta tistma l-kost tar-ripagament lid-depożitanti, kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, id-DGS għandha tqis il-proporzjon mistenni tal-irkupri, il-kost għar-rikostituzzjoni tad-DGS li għandu jiġġarrab mill-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma membri tad-DGS, u ***l-kost*** addizzjonali potenzjali tal-finanzjament għad-DGS;	(c) għall-miżuri msemmijin fl-Artikolu 11(2), (3) u (5), meta tistma l-kost tar-ripagament lid-depożitanti, kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, id-DGS għandha tqis il-proporzjon mistenni tal-irkupri ***u kwalunkwe kost indirett***, ***inkluż*** il-kost għar-rikostituzzjoni tad-DGS li għandu jiġġarrab mill-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma membri tad-DGS, u ***l-kostijiet*** addizzjonali potenzjali tal-finanzjament għad-DGS ***u għas-sistema bankarja u l-impatt fuq il-banek aktar dgħajfa***;

Or. en

Emenda 293
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11e – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) għall-miżuri msemmijin fl-Artikolu 11(3), meta tistma l-kost tar-ripagament tad-depożitanti, id-DGS għandha timmoltiplika b'85 % il-proporzjon stmat tal-irkupri kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija msemmija fil-punt b tal-paragrafu 5.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tal-anqas kost għandu jiġi speċifikat fit-test tal-livell 1 sal-massimu possibbli.

Emenda 294
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11e – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) għall-miżuri msemmijin fl-Artikolu ***11(3)***, meta tistma l-kost tar-ripagament tad-depożitanti, id-DGS għandha timmoltiplika b'85 % il-proporzjon stmat tal-irkupri kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija msemmija fil-punt b tal-paragrafu 5.	(d) għall-miżuri msemmijin fl-Artikolu ***11(2), (3) u (5)***, meta tistma l-kost tar-ripagament tad-depożitanti, id-DGS għandha timmoltiplika b'85 % il-proporzjon stmat tal-irkupri kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija msemmija fil-punt b tal-paragrafu 5.

Or. en

Emenda 295
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 11e – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont użat għall-finanzjament tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, kif imsemmi fl-Artikolu 11(2)***, għall-miżuri preventivi msemmijin fl-Artikolu 11(3),*** jew għall-miżuri alternattivi msemmijin fl-Artikolu 11(5), ma jaqbiżx l-ammont ta' depożiti koperti fl-istituzzjoni ta' kreditu.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont użat għall-finanzjament tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, kif imsemmi fl-Artikolu 11(2) jew għall-miżuri alternattivi msemmijin fl-Artikolu 11(5), ma jaqbiżx l-ammont ta' depożiti koperti fl-istituzzjoni ta' kreditu.

Or. en

Emenda 296
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11e – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Mill-aktar fis possibbli wara li jimplimentaw il-miżuri alternattivi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGS tippubblika sommarju tal-elementi ewlenin tal-kalkolu li jsir skont dan l-Artikolu. Dan għandu b'mod partikolari jinkludi r-rata ta' rkupru netta derivata mill-kost stmat tar-ripagamenti lid-depożitanti għad-DGS u ġustifikazzjoni ġenerali tal-prežunzjonijiet sottostanti relatati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tal-anqas kost għandu jiġi speċifikat fit-test tal-livell 1 sal-massimu possibbli.

Emenda 297
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11e – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika:	***imħassar***
(a) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-kost stmat imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1, li għandha tqis il-karatteristiċi speċifiċi tal-miżura kkonċernata;	
(b) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-kost stmat tar-ripagament tad-depożitanti msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, inkluż il-proporzjon stmat tal-irkupri msemmijin fil-punt (c) tal-paragrafu 2;	
(c) il-mod kif għandu jingħata rendikont, fil-metodoloġiji msemmijin fil-punti (a), (b) u (c), meta rilevanti, lill-bidla fil-valur tal-flus minħabba qligħ dovut potenzjali dovut maż-żmien.	
Għall-kalkolu tal-kost stmat tar-ripagament lid-depożitanti kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 fil-każ ta' miżuri preventivi, il-metodoloġija msemmija fil-punt (b) għandha tqis l-importanza ta' miżuri preventivi għall-mandat statutorju jew kuntrattwali tad-DGS, inkluża l-IPS imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2).	
L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa … [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].	
Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta din id-Direttiva billi	

tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tal-anqas kost għandu jiġi speċifikat fit-test tal-livell 1 sal-massimu possibbli.

Emenda 298
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11e – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika:	L-EBA***, wara li tqis l-istandards tekniċi regolatorji żviluppati f'konformità mal-Artikolu 36(15) tad-Direttiva 2014/59/UE u adottati skont l-Artikolu 36(16) tagħha,*** għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika:

Or. en

Emenda 299
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11e – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-EBA għandha tiżviluppa ***abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji*** sabiex tispeċifika:	L-EBA għandha tiżviluppa ***linji gwida*** sabiex tispeċifika***, filwaqt li tqis il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull Stat Membru***:

Or. en

Emenda 300
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11e – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-kost stmat tar-ripagament tad-depożitanti msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, inkluż il-proporzjon stmat tal-irkupri msemmijin fil-punt (c) tal-paragrafu 2;	(b) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-kost stmat tar-ripagament tad-depożitanti msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, inkluż il-proporzjon stmat tal-irkupri msemmijin fil-punt (c) tal-paragrafu 2***, li għandha tqis il-karatteristiċi speċifiċi tal-Istat Membru konċernat***;

Or. en

Emenda 301
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 11e – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-kalkolu tal-kost stmat tar-ripagament lid-depożitanti kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 fil-każ ta' miżuri preventivi, il-metodoloġija msemmija fil-punt (b) għandha tqis l-importanza ta' miżuri preventivi għall-mandat statutorju jew kuntrattwali tad-DGS***, inkluża l-IPS*** imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2).	Għall-kalkolu tal-kost stmat tar-ripagament lid-depożitanti kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 fil-każ ta' miżuri preventivi, il-metodoloġija msemmija fil-punt (b) għandha tqis l-importanza ta' miżuri preventivi għall-mandat statutorju jew kuntrattwali tad-DGS imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2). ***Fir-rigward tal-IPS*** imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2)***, għandha titqies il-ħsara lir-reputazzjoni evitata billi tiġi protetta t-trademark korporattiva konġunta kif ukoll il-kostijiet esterni pprevenuti fir-***

	reġjun speċifiku permezz tal-kontinwazzjoni tal-funzjoni ta' servizzi ta' kreditu u finanzjarji tal-istituzzjonijiet li jappartjenu għal IPS imsemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (c).

Or. en

Emenda 302
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11e – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa … [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].	***imħassar***

Or. en

Emenda 303
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11e – paragrafu 5 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";	***imħassar***

Or. en

Emenda 304
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11e – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta DGS tiffaċċja nuqqas ta' likwidità, din tkun tista' taċċessa l-linja ta' kreditu u l-garanzija tal-UE ġestiti mill-SRB. L-ebda kontribuzzjoni addizzjonali ma għandha tintalab biex tiffinanzja l-linja ta' kreditu u l-garanzija tal-UE. L-SGD rikjedenti għandha tinforma lill-EBA u lill-SRB mingħajr dewmien u tiddikjara r-raġunijiet għaliex u l-ammont ta' flus mitlub biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' likwidità tagħha. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-SGD tinforma lill-SRB hekk kif tantiċipa riskju ta' nuqqas ta' likwidità.
	Meta DGS tkun eżawriet ir-rikors tagħha għal-linja ta' kreditu tal-UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs li jinsabu fi Stati Membri oħra jipprovdu lid-DGS bin-nuqqas ta' likwidità l-mezzi finanzjarji meħtieġa biex twettaq il-funzjonijiet tagħha f'konformità mal-Artikolu 11.
	In-nuqqas ta' likwidità msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat bħala l-ammont totali ta' depożiti koperti miżmuma mill-istituzzjoni ta' kreditu fiż-żmien tal-avveniment ta' żborż jew l-ammont tal-mezzi finanzjarji disponibbli użati mill-SGD għall-finanzjament ta' miżuri preventivi jew alternattivi kif imsemmi fl-Artikolu 11(3) u (5), bit-tnaqqis ta' dan li ġej:
	(a) l-ammont ta' mezzi finanzjarji disponibbli li l-SGD tkun iġġenerat

f'konformità mal-Artikolu 10(1);

(b) l-ammont ta' kontribuzzjonijiet straordinarji skont it-tifsira tal-Artikolu 10(8) li d-DGS tista' tiġġenera fi żmien ħamest ijiem mill-avveniment ta' żborż jew l-ammont ta' arranġamenti ta' finanzjament alternattivi u kontribuzzjonijiet ex post li d-DGS tista' tiġġenera fi żmien ħamest ijiem mill-finanzjament tal-użu ta' miżuri preventivi jew alternattivi.

F'każijiet meta d-DGS tintuża fi proċedimenti ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 11(2), in-nuqqas ta' likwidità tagħha għandu jkun l-ammont iddeterminat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) 806/2014 li minnu jitnaqqas l-ammont tal-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGS. Il-paragrafi 1 sa 1c ta' dan l-Artikolu jistgħu japplikaw f'każijiet meta d-DGS tiltaqa' ma' avveniment ta' żborż jew fil-kuntest tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 11 (2), (3) u (5) ta' din id-Direttiva."

Or. en

Emenda 305
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11e – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet miġbura mid-DGS li tissellef ikunu biżżejjed biex jiġu rimborżati d-DGSs li jsellfu u l-linja ta' kreditu jew il-garanzija tal-UE mal-ammont misluf u jiġi stabbilit mill-ġdid il-livell fil-mira mill-aktar fis possibbli u fi

kwalunkwe każ f'anqas minn sitt snin.

Or. en

Emenda 306
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid)
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) jiddaħħal l-Artikolu 11f li ġej:
	Miżuri preventivi mill-IPSs
	1. B'deroga mill-Artikoli 11a sa 11e, l-IPSs uffiċjalment rikonoxxuti bħala DGSs skont l-Artikolu 4(2) jistgħu jużaw il-mezzi finanzjarji disponibbli għall-miżuri preventivi msemmija fl-Artikolu 11(3a) dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
	(a) l-istituzzjoni ta' kreditur li titlob il-finanzjament tal-miżuri preventivi għandha tkun obbligata tippreżenta pjan biex tiżgura jew tirrestawra l-konformità tal-istituzzjoni ta' kreditu mar-rekwiżiti superviżorji stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli statutorji tal-IPS kif approvat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
	(b) l-awtorità kompetenti tkun ġiet ikkonsultata mill-IPS dwar il-miżuri preventivi u l-kundizzjonijiet imposti fuq l-istituzzjoni ta' kreditu appoġġata;
	(c) l-użu ta' miżuri preventivi mill-IPS huwa marbut ma' kundizzjonijiet imposti fuq l-istituzzjoni ta' kreditu appoġġata, li jinvolvu tal-anqas monitoraġġ tar-riskju aktar strett tal-istituzzjoni ta' kreditu u

drittijiet ta' verifika akbar għall-IPS;

(d) l-użu tal-miżuri preventivi mill-IPS jiddependi mill-impenji tal-istituzzjoni ta' kreditu li tiżgura aċċess għal depożiti koperti;

(e) tiġi kkonfermata l-kapaċità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati li jħallsu l-kontribuzzjonijiet straordinarji f'konformità mal-Artikolu 11(4); u

(f) il-kostijiet tal-miżuri ma jaqbżux il-kostijiet tal-issodisfar tal-mandat statutorju jew kuntrattwali tal-IPS li huwa rikonoxxut bħala li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IPSs ikollhom sistemi ta' monitoraġġ u proċeduri xierqa stabbiliti għall-għażla u għall-implimentazzjoni ta' miżuri preventivi u għall-monitoraġġ tar-riskji affiljati.

3. Tali miżuri preventivi mwettqa minn IPS ma għandhomx iwasslu għad-determinazzjoni li l-istituzzjoni ta' kreditu qed tfalli jew aktarx li tfalli skont it-tifsira tal-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2014/59/UE jew l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 806/2014.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jiġi rikonoxxut ir-rwol speċjali tal-IPS: l-IPSs jużaw miżuri preventivi bħala mezz biex jipprevjenu l-każ tal-kumpens u b'hekk jiżguraw il-protezzjoni tad-depożiti. Għalihom il-miżuri preventivi huma l-każ standard, mhux wieħed mid-diversi strumenti possibbli ta' għażla ta' sett ta' għodod.

Emenda 307
Joachim Schuster

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid) Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 11f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) jiddaħħal l-Artikolu 11f li ġej:
	Artikolu 11f
	Miżuri Preventivi mill-Iskemi ta' Protezzjoni Istituzzjonali
	1. B'deroga mill-Artikolu 11(3) u l-Artikoli 11a sa 11e, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li IPS li taqa' taħt l-Artikolu 1(2)(c) tuża l-mezzi finanzjarji disponibbli għall-miżuri sabiex tipprevjeni falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:
	(a) l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma ħadet l-ebda azzjoni ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE;
	(b) l-IPS ikollha sistemi u proċeduri xierqa stabbiliti għall-għażla u għall-implimentazzjoni tal-miżuri alternattivi u l-monitoraġġ tar-riskji affiljati li ma jaqbżux il-kostijiet tal-issodisfar tal-mandat statutorju jew kuntrattwali tal-IPS;
	(c) l-użu ta' dawn il-miżuri huwa akkumpanjat minn kundizzjonijiet għall-istituzzjoni ta' kreditu appoġġata, inkluż monitoraġġ tar-riskju u impenji aktar stretti fir-rigward tal-assigurazzjoni tal-aċċess għal depożiti koperti;
	(d) l-istituzzjoni ta' kreditur li titlob il-finanzjament tal-miżuri preventivi għandha tkun obbligata tippreżenta pjan biex tiżgura jew tirrestawra l-konformità tal-istituzzjoni ta' kreditu mar-rekwiżiti superviżorji stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli statutorji tal-IPS kif approvat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tkun ġiet

ikkonsultata mill-IPS dwar il-miżuri preventivi u l-kundizzjonijiet imposti fuq l-istituzzjoni ta' kreditu appoġġata. Huma għandhom jivverifikaw ukoll li s-sistemi ta' monitoraġġ u l-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-IPS jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 308
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 11f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11f
	Miżuri preventivi mill-IPS
	1. Meta l-istituzzjoni tkun membru ta' IPS rikonoxxuta skont l-Artikolu 1(2), il-punt (c), l-IPS għandha tiġi kkonsultata mill-awtorità ta' riżoluzzjoni qabel tieħu kwalunkwe miżura ta' riżoluzzjoni u għandha tingħata l-opportunità biex timplimenta l-miżuri preventivi.
	2. B'deroga mill-Artikoli 11a sa 11e, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-IPSs jużaw il-mezzi finanzjarji disponibbli għall-miżuri preventivi msemmija fl-Artikolu 11(3), il-punt (b), dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
	(a) l-awtorità kompetenti tkun ġiet ikkonsultata mill-IPS dwar il-miżuri preventivi u l-kundizzjonijiet imposti fuq l-istituzzjoni ta' kreditu appoġġata;
	(b) l-istituzzjoni ta' kreditur li titlob il-finanzjament tal-miżuri preventivi għandha tkun obbligata tippreżenta pjan biex tiżgura jew tirrestawra l-konformità tal-istituzzjoni ta' kreditu mar-rekwiżiti superviżorji stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE u fir-Regolament (UE) Nru

575/2013 f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli statutorji tal-IPS kif approvat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) l-użu tal-miżuri preventivi mill-IPS jiddependi mill-impenji tal-istituzzjoni ta' kreditu li tiżgura aċċess għal depożiti koperti;

(d) l-użu ta' miżuri preventivi mill-IPS huwa marbut ma' kundizzjonijiet imposti fuq l-istituzzjoni ta' kreditu appoġġata, li jinvolvu tal-anqas monitoraġġ tar-riskju aktar strett tal-istituzzjoni ta' kreditu u drittijiet ta' verifika akbar għall-IPS;

(e) tiġi kkonfermata l-kapaċità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati li jħallsu l-kontribuzzjonijiet straordinarji f'konformità mal-Artikolu 11(4);

(f) il-kostijiet tal-miżuri ma jaqbżux il-kostijiet tal-issodisfar tal-mandat statutorju jew kuntrattwali tal-IPS li huwa rikonoxxut bħala li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli statutorji tal-IPS kif approvat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Għandhom jitqiesu l-kostijiet esterni fis-soċjetà kif ukoll fin-network tal-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IPSs ikollhom sistemi ta' monitoraġġ u proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet stabbiliti li huma xierqa għall-għażla u għall-implimentazzjoni ta' miżuri preventivi u għall-monitoraġġ tar-riskji affiljati.

4. Tali miżuri preventivi mwettqa minn IPS ma għandhomx iwasslu għad-determinazzjoni li l-istituzzjoni ta' kreditu qed tfalli jew aktarx li tfalli skont it-tifsira tal-Artikolu 32(1) tad-Direttiva

2014/59/UE jew l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 806/2014.

Or. en

Emenda 309
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Irene Tinagli, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid)
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) jiżdied l-Artikolu 12a li ġej:
	Appoġġ mill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni għal arranġamenti ta' finanzjament alternattiv
	1. Meta l-intervent ta' DGS fl-Unjoni Bankarja jkun meħtieġ fil-kuntest ta' riżoluzzjoni iżda l-mezzi finanzjarji disponibbli tagħha ma jkunux biżżejjed biex tilħaq l-għanijiet tal-intervent tagħha, id-DGS tista' titlob appoġġ, fil-forma ta' garanzija, mill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF).
	2. It-talba tad-DGS għandha tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż:
	(i) in-nuqqas tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti għall-finijiet tal-intervent speċifiku fir-riżoluzzjoni;
	(ii) il-kundizzjonijiet offruti lill-iskema ta' garanzija tad-depożiti f'arranġamenti alternattivi oħra ta' finanzjament;
	(iii) it-tul mistenni tal-appoġġ mitlub.
	3. Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għandu jieħu deċiżjoni, inkluż dwar it-termini applikabbli għad-dispożizzjoni tal-garanzija, skont l-Artikolu 79a tar-Regolament 806/2014 (UE).
	4. Il-garanzija tal-SRF ipprovduta lid-DGS għandha tintuża bħala kollateral

għal arranġamenti alternattivi ta' finanzjament kif imsemmi fl-Artikolu 10(9) tad-Direttiva 2014/49/UE, u b'hekk jiġi żgurat aċċess għas-swieq f'kundizzjonijiet aktar favorevoli.

Or. en

Emenda 310
Irene Tinagli

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid)
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(13a) L-Artikolu 13(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Il-kontribuzzjonijiet lill-SGD msemmija fl-Artikolu 10 għandhom ikunu bbażati fuq l-ammont ta' depożiti koperti u l-ammont ta' riskju mġarrab ***mill-membru rispettiv***.	***"***1. Il-kontribuzzjonijiet lill-SGD msemmija fl-Artikolu 10 għandhom ikunu bbażati fuq l-ammont ta' depożiti koperti u l-ammont ta' riskju mġarrab ***mill-membri rispettivi ta' kwalunkwe DGS unika***.
L-Istati Membri jistgħu jipprevedu kontribuzzjonijiet aktar baxxi għal setturi b'riskju żgħir li huma regolati mil-liġi nazzjonali.	L-Istati Membri jistgħu jipprevedu kontribuzzjonijiet aktar baxxi għal setturi b'riskju żgħir ***ta' istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati ma' DGS*** li huma regolati mil-liġi nazzjonali.
L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li membri ta' SPI ***iħallsu*** kontribuzzjonijiet aktar baxxi lill-SGD.	L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li membri ta' SPI ***jħallsu*** kontribuzzjonijiet aktar baxxi lill-SGD ***li jkunu affiljati magħha***.
L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-korp ċentrali u l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha affiljati b'mod permanenti mal-korp ċentrali kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jkunu soġġetti b'mod ġenerali għall-piż tar-riskju li jkun ġie ddeterminat għal korp ċentrali u l-istituzzjonijiet affiljati tiegħu fuq bażi konsolidata.	L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-korp ċentrali u l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha affiljati b'mod permanenti mal-korp ċentrali kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jkunu soġġetti b'mod ġenerali għall-piż tar-riskju li jkun ġie ddeterminat għal korp ċentrali u l-istituzzjonijiet affiljati tiegħu fuq bażi konsolidata.
L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jħallsu	L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jħallsu

kontribuzzjoni minima, irrispettivament mill-ammont tad-depożiti koperti tagħhom.	kontribuzzjoni minima, irrispettivament mill-ammont tad-depożiti koperti tagħhom.**”**

Or. en

Emenda 311
Marek Belka

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid)
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Fl-Artikolu 13(1), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:
	L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li membri ta’ IPS iħallsu kontribuzzjonijiet aktar baxxi lid-DGS li ma jkunux membru tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F’xi pajjiżi, l-IPS urew li huma fattur importanti biex iżidu l-istabbiltà tas-settur bankarju kooperattiv, iżidu l-kwalità tal-assi u jipprovdu likwidità addizzjonali u awditjar intern fost il-membri tal-IPS, mingħajr ma jipprovdu saff addizzjonali ta’ protezzjoni tad-DGS. B’hekk, l-argument li jinterferixxu mal-idea tal-EDIS ma huwiex iġġustifikat. Għalhekk, ma naqbilx li jitħassar dan it-test, kif propost mir-Rapporteur. L-approċċ għandu jkun aktar sottili u mhux kwistjoni ta’ “wieħed tajjeb għal kulħadd”.

Emenda 312
Eero Heinäluoma

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt c
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 14 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. L-Istati Membri għandhom	2a. L-Istati Membri għandhom

jiżguraw li DGS ta' Stat Membru ospitanti tkun tista', soġġetta għal ftehim ma' DGS ta' Stat Membru domiċiljari, taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt għad-depożitanti f'istituzzjonijiet ta' kreditu li jeżerċitaw il-libertà li jipprovdu servizzi kif imsemmi fil-Kapitolu 3 tat-Titolu V tad-Direttiva 2013/36/UE, u għandha tiġi kkumpensata għall-kostijiet imġarrbin.	jiżguraw li DGS ta' Stat Membru ospitanti tkun tista', soġġetta għal ftehim ma' DGS ta' Stat Membru domiċiljari, taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt għad-depożitanti f'istituzzjonijiet ta' kreditu li jeżerċitaw il-libertà li jipprovdu servizzi kif imsemmi fil-Kapitolu 3 tat-Titolu V tad-Direttiva 2013/36/UE, u għandha tiġi kkumpensata għall-kostijiet imġarrbin. ***DGS ta' Stat Membru ospitanti għandha tipprovdi lid-DGS tal-Istat Membru ospitanti informazzjoni dwar l-għadd ta' depożitanti, l-ammont ta' depożiti koperti u l-bidliet rilevanti possibbli fihom.***

Or. en

Emenda 313
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Irene Tinagli, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt d
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru ta' DGS u tingħaqad ma' DGS ta' Stat Membru ieħor, jew jekk xi wħud mill-attivitajiet tal-istituzzjoni ta' kreditu jiġu ttrasferiti lil DGS ta' Stat Membru ieħor, id-DGS ta' oriġini għandha tittrasferixxi lid-DGS riċeventi ***l-kontribuzzjonijiet dovuti għall-aħħar 12-il xahar qabel il-bidla fis-sħubija mad-DGS, bl-eċċezzjoni tal-kontribuzzjonijiet straordinarji msemmijin fl-Artikolu 10(8).;***	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru ta' DGS u tingħaqad ma' DGS ta' Stat Membru ieħor, jew jekk xi wħud mill-attivitajiet tal-istituzzjoni ta' kreditu jiġu ttrasferiti lil DGS ta' Stat Membru ieħor, id-DGS ta' oriġini għandha tittrasferixxi lid-DGS riċeventi ***ammont li jirrifletti l-obbligazzjonijiet potenzjali mġarrba mid-DGS riċeventi b'riżultat tat-trasferiment, filwaqt li jitqies l-impatt tat-trasferiment fuq is-sitwazzjoni finanzjarja taż-żewġ DGSs fir-rigward tar-riskji li jkopru.*** ***L-EBA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-metodoloġija għall-kalkolu tal-ammont li għandu jiġi ttrasferit.***

L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [tnax-il xahar ***wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].***

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 314
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt d
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru ta' DGS u tingħaqad ma' DGS ta' Stat Membru ieħor, jew jekk xi wħud mill-attivitajiet tal-istituzzjoni ta' kreditu jiġu ttrasferiti lil DGS ta' Stat Membru ieħor, id-DGS ta' oriġini għandha tittrasferixxi lid-DGS riċeventi ***l-kontribuzzjonijiet dovuti għall-aħħar 12-il xahar qabel il-bidla fis-sħubija mad-DGS, bl-eċċezzjoni tal-kontribuzzjonijiet straordinarji msemmijin fl-Artikolu 10(8).;***	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru ta' DGS u tingħaqad ma' DGS ta' Stat Membru ieħor, jew jekk xi wħud mill-attivitajiet tal-istituzzjoni ta' kreditu jiġu ttrasferiti lil DGS ta' Stat Membru ieħor, id-DGS ta' oriġini għandha tittrasferixxi lid-DGS riċeventi ***ammont li jirrifletti l-obbligazzjonijiet potenzjali mġarrba mid-DGS riċeventi b'riżultat tat-trasferiment, filwaqt li jitqies l-impatt tat-trasferiment fuq is-sitwazzjoni finanzjarja taż-żewġ DGSs fir-rigward tar-riskji li jkopru.*** ***L-EBA għandha tiżviluppa linji gwida biex tispeċifika l-metodoloġija għall-kalkolu tal-ammont li għandu jiġi ttrasferit biex jiġi żgurat impatt newtrali tat-trasferiment fuq is-sitwazzjoni finanzjarja taż-żewġ DGSs fir-rigward***

tar-riskji li jkopru.

L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [tnax-il xahar ***wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]***.

Or. en

Emenda 315
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt d
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru ta' DGS u tingħaqad ma' DGS ta' Stat Membru ieħor, jew jekk xi wħud mill-attivitajiet tal-istituzzjoni ta' kreditu jiġu ttrasferiti lil DGS ta' Stat Membru ieħor, id-DGS ta' oriġini għandha tittrasferixxi lid-DGS riċeventi l-kontribuzzjonijiet ***dovuti għall-aħħar 12-il xahar qabel il-bidla fis-sħubija mad-DGS***, bl-eċċezzjoni tal-kontribuzzjonijiet straordinarji msemmijin fl-Artikolu 10(8).;	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru ta' DGS u tingħaqad ma' DGS ta' Stat Membru ieħor, jew jekk xi wħud mill-attivitajiet tal-istituzzjoni ta' kreditu jiġu ttrasferiti lil DGS ta' Stat Membru ieħor, id-DGS ta' oriġini għandha tittrasferixxi lid-DGS riċeventi l-kontribuzzjonijiet ***tal-istituzzjoni ta' kreditu relatata***, bl-eċċezzjoni tal-kontribuzzjonijiet straordinarji msemmijin fl-Artikolu 10(8)***, l-ammont nett ta' profitti u telf irreġistrat mid-DGS ta' oriġini, inkluż intervent fil-passat, introjtu mill-investimenti u l-irkupru mistenni.”***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

The change of DGS membership transfers all the risk from the original DGS to the new DGS. And there is no rationale for paying twice a contribution for the same risk. Unless this provision is amended, it imposes a significant cost on any crossborder re-organisation, specifically through "branchification", as pointed out by the SSM President in September 2021.The amount to be transferred should be close to the total amount paid by the related credit institution (with the exception of extraordinary contributions and part of the contributions used for past interventions). Some technical elements regarding the calculation

of the amount to be transfered could also be set by EBA guidelines.

Emenda 316
José Manuel García-Margallo y Marfil

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt d
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru ta' DGS u tingħaqad ma' DGS ta' Stat Membru ieħor, jew jekk xi wħud mill-attivitajiet tal-istituzzjoni ta' kreditu jiġu ttrasferiti lil DGS ta' Stat Membru ieħor, id-DGS ta' oriġini għandha tittrasferixxi lid-DGS riċeventi l-kontribuzzjonijiet ***dovuti għall-aħħar 12-il xahar*** qabel il-bidla fis-sħubija mad-DGS, bl-eċċezzjoni tal-kontribuzzjonijiet straordinarji msemmijin fl-Artikolu 10(8).;	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru ta' DGS u tingħaqad ma' DGS ta' Stat Membru ieħor, jew jekk xi wħud mill-attivitajiet tal-istituzzjoni ta' kreditu jiġu ttrasferiti lil DGS ta' Stat Membru ieħor, id-DGS ta' oriġini għandha tittrasferixxi lid-DGS riċeventi l-kontribuzzjonijiet qabel il-bidla fis-sħubija mad-DGS***, netti tas-sehem relattiv ta' avvenimenti ta' żborż, li seħħew matul is-sħubija mad-DGS***, bl-eċċezzjoni tal-kontribuzzjonijiet straordinarji msemmijin fl-Artikolu 10(8).

Or. en

Emenda 317
José Manuel García-Margallo y Marfil

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt d
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 14 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Sabiex tispeċifika l-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti f'konformità mal-paragrafu 3, l-EBA għandha tabbozza Standards tekniċi regolatorji fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan

ir-Regolament.

Or. en

Emenda 318
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt e
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 14 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3a. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGS ta' oriġini tittrasferixxi l-ammont imsemmi f'dak il-paragrafu fi żmien ***xahar wieħed (1) mill-bidla*** fis-sħubija mad-DGS.;	3a. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGS ta' oriġini tittrasferixxi l-ammont imsemmi f'dak il-paragrafu fi żmien ***tliet xhur mill-punt li fih id-DGS tiġi infurmata bil-bidla*** fis-sħubija mad-DGS.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mil-lat prattiku, perjodu ta' xahar ħafna drabi jkun qasir wisq. Peress li l-Informazzjoni tista' ma sseħħx fl-istess żmien bħall-bidla, il-perjodu ma għandux jinbeda sakemm tkun ġiet infurmata d-DGS.

Emenda 319
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 15a – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-EBA għandha toħroġ linji gwida li jispeċifikaw iċ-ċirkostanzi li fihom l-awtoritajiet dežinjati għandhom japprovaw il-kopertura tad-depożitanti fi friegħi li jkunu ġew stabbiliti fil-pajjiżi terzi mill-istituzzjonijiet ta' kreditu

membri tad-DGSs.

Or. en

Emenda 320
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt c
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu l-iskeda ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 qabel ma jidħlu f'kuntratt dwar it-teħid ta' depożiti ***u, wara dan, kull sena. Id-depożitanti għandhom jikkonfermaw ir-riċevuta ta' dik l-iskeda ta' informazzjoni.***;	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu l-iskeda ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 qabel ma jidħlu f'kuntratt dwar it-teħid ta' depożiti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Rekwiżiti ta' informazzjoni annwali u l-kisba tar-rikonoxximent li l-iskeda tal-informazzjoni waslet għand id-depożitant jitqiesu bħala piż mhux meħtieġ.

Emenda 321
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt c
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu l-iskeda ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 qabel ma jidħlu f'kuntratt dwar it-teħid ta' depożiti ***u, wara***	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu l-iskeda ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 qabel ma jidħlu f'kuntratt dwar it-teħid ta' depożiti;

dan, kull sena. Id-depożitanti għandhom jikkonfermaw ir-riċevuta ta' dik l-iskeda ta' informazzjoni.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Credit Institutions should not be obliged to obtain the acknowledgement of receipt of the information sheet by the depositor. They should also not have to provide the depositor with the information sheet every year. It should suffice that they provide the depositor with the information sheet once before they enter into a contract on deposit-taking.The information sheet does not provide a real benefit to the depositor, its distribution is very expensive and harmful to the environment and it leads to cumbersome user journeys online. In analogous processes, the mailing of the information sheet and the acknowledgement of receipt causes enormous costs (costs for mailing and/or expansion of IT systems as well as corresponding customer information; costs due to closure of corresponding deposit accounts in the event of non-confirmation; at least EUR 5 per customer) without in any way ensuring that the customers read the information sheet.Even if read by the depositor, the information is not of much use to him. In view of the similarity of the statutory deposit protection at all credit institutions, there are no better or worse protection alternatives. There is also no longer any need to apply for compensation; instead, the credit balance must be reimbursed automatically by the compensation scheme. There is even less of a need for depositors to receive this information anew every year. This regularly causes uncertainty and queries – customers ask their bank for an explanation of the letter or even outright demand the payment of the protected amount to themselves.

Emenda 322
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt g
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 16 – paragrafu 7a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-awtoritajiet dežinjati, id-DGSs u l-istituzzjonijiet ta' kreditu kkonċernati*** jinformaw lid-depożitanti, inkluż permezz ta' pubblikazzjoni fuq is-siti web tagħhom, dwar il-fatt li awtorità amministrattiva rilevanti tkun għamlet determinazzjoni kif imsemmi fil-punt (8)(a) tal-Artikolu 2(1), jew awtorità ġudizzjarja tkun ħadet deċiżjoni kif	7a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***d-DGSs*** jinformaw lid-depożitanti, inkluż permezz ta' pubblikazzjoni fuq is-siti web tagħhom, dwar il-fatt li awtorità amministrattiva rilevanti tkun għamlet determinazzjoni kif imsemmi fil-punt (8)(a) tal-Artikolu 2(1), jew awtorità ġudizzjarja tkun ħadet deċiżjoni kif imsemmi fil-punt (8)(b) tal-Artikolu 2(1).

imsemmi fil-punt (8)(b) tal-Artikolu 2(1).***;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-DGS għandha tkun is-sors awtorevoli ta' informazzjoni f'tali każ; l-informazzjoni minn tliet aġenziji differenti tikkawża sforz ta' koordinazzjoni mhux meħtieġ mingħajr ma jiġi pprovdut valur miżjud, għall-kuntrarju, tista' twassal għal konfużjoni fost id-depożitaturi.

Emenda 323
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 16a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, id-DGSs jinformaw lill-EBA bl-ammont ta' depożiti koperti fl-Istat Membru tagħhom fil-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti. Sal-istess data, id-DGSs għandhom jirrapportaw ukoll lill-EBA l-ammont tal-mezzi finanzjarji disponibbli tagħhom, inkluż is-sehem ta' riżorsi meħudin b'self, l-impenji ta' pagament u l-iskeda ta' żmien sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira f'każ ta' użu ta' fondi tad-DGSs.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, l-SGD jinformaw lill-EBA ***u lill-SRB*** bl-ammont ta' depożiti koperti fl-Istat Membru tagħhom fil-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti. Sal-istess data, id-DGSs għandhom jirrapportaw ukoll lill-EBA ***u lill-SRB*** l-ammont tal-mezzi finanzjarji disponibbli tagħhom, inkluż is-sehem ta' riżorsi meħudin b'self, l-impenji ta' pagament u l-iskeda ta' żmien sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira ***wara żborż tal-fondi tad-DGS imsemmija fl-Artikolu 10(2)***.

Or. en

Emenda 324
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 16a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, id-DGSs jinformaw lill-EBA bl-ammont ta' depożiti koperti fl-Istat Membru tagħhom fil-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti. Sal-istess data, id-DGSs għandhom jirrapportaw ukoll lill-EBA l-ammont tal-mezzi finanzjarji disponibbli tagħhom, ***inkluż is-sehem ta' riżorsi meħudin b'self, l-impenji ta' pagament*** u l-iskeda ta' żmien sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira f'każ ta' użu ta' fondi tad-DGSs.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, id-DGSs jinformaw lill-EBA bl-ammont ta' depożiti koperti fl-Istat Membru tagħhom fil-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti. Sal-istess data, id-DGSs għandhom jirrapportaw ukoll lill-EBA l-ammont tal-mezzi finanzjarji disponibbli tagħhom, u l-iskeda ta' żmien sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira f'każ ta' użu ta' fondi tad-DGSs.

Or. en

Emenda 325
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 16a – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet dežinjati jinnotifikaw lill-EBA, mingħajr dewmien żejjed, dwar dan kollu li ġej:	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet dežinjati jinnotifikaw lill-EBA ***u lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni***, mingħajr dewmien żejjed, dwar dan kollu li ġej:

Or. en

Emenda 326
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 16a – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jekk ġietx applikata kwalunkwe waħda mill-miżuri msemmijin fl-Artikolu 11(2), (3) u (5) u l-ammont ta' fondi użati f'konformità mal-Artikolu 8(1) u mal-Artikolu 11(2), (3) u (5)***, u, meta applikabbli u ladarba jkun disponibbli, l-ammont ta' fondi rkuprati, il-kost li jirriżulta għad-DGS u d-durata tal-proċess ta' rkupru;***	(b) jekk ġietx applikata kwalunkwe waħda mill-miżuri msemmijin fl-Artikolu 11(2), (3) u (5) u l-ammont ta' fondi użati f'konformità mal-Artikolu 8(1) u mal-Artikolu 11(2), (3) u (5)**.**

Or. en

Emenda 327
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 16a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
In-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jkun fiha sommarju li jiddeskrivi dawn kollha li ġejjin:	***imħassar***
(a) is-sitwazzjoni inizjali tal-istituzzjoni ta' kreditu;	
(b) il-miżuri li għalihom intużaw fondi tad-DGS;	
(c) l-ammont mistenni ta' mezzi finanzjarji disponibbli użati.	

Or. en

Emenda 328
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18

Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 16a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu membru ta' DGS jipprovdu lil dik id-DGS***,*** ***fuq talba,*** bis-sommarju tal-elementi ewlenin tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni kif imsemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 10(7) tad-Direttiva 2014/59/UE***, dment li tali informazzjoni tkun neċessarja għad-DGS u għall-awtoritajiet dežinjati sabiex jeżerċitaw l-obbligi msemmijin fl-Artikolu 11(2), (3) u (5) u fl-Artikolu 11e***.	6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu membru ta' DGS jipprovdu lil dik id-DGS ***kull sena*** bis-sommarju tal-elementi ewlenin tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni kif imsemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 10(7) tad-Direttiva 2014/59/UE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fir-rigward tal-paragrafu 6, għandu jiġi speċifikat li sommarju tal-pjan ta' riżoluzzjoni ma għandux jintbagħat biss fuq talba, iżda li għandu jsir skambju kostanti tal-informazzjoni meħtieġa, f'konformità mal-aħjar prattika.

Emenda 329
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 16a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu membru ta' DGS jipprovdu lil dik id-DGS***,*** ***fuq talba,*** bis-sommarju tal-elementi ewlenin tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni kif imsemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 10(7) tad-Direttiva 2014/59/UE***, dment li tali informazzjoni tkun neċessarja għad-DGS u għall-awtoritajiet dežinjati sabiex jeżerċitaw l-obbligi msemmijin fl-Artikolu***	6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu membru ta' DGS jipprovdu lil dik id-DGS ***darba fis-sena*** bis-sommarju tal-elementi ewlenin tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni kif imsemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 10(7) tad-Direttiva 2014/59/UE.

11(2), (3) u (5) u fl-Artikolu 11e.

Or. en

Emenda 330
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Irene Tinagli, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'deroga mill-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2014/49/UE, kif emendata b'din id-Direttiva, u l-Artikoli 11a, 11b, 11c u 11e fir-rigward tal-miżuri preventivi, sa [OP – jekk jogħġbok daħħal id-data = ***72*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-IPS imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 1(1) tikkonforma mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2014/49/UE kif applikabbli fi [OP – jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].	2. B'deroga mill-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2014/49/UE, kif emendata b'din id-Direttiva, u l-Artikoli 11a, 11b, 11c u 11e fir-rigward tal-miżuri preventivi, sa [OP – jekk jogħġbok daħħal id-data = ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-IPS imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 1(1) tikkonforma mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2014/49/UE kif applikabbli fi [OP – jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. en

Emenda 331
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn … [OP – jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Madankollu, huma għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 11(3), kif emendat b'din id-Direttiva, u mal-Artikoli	Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn … [OP – jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Madankollu, huma għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 11(3), kif emendat b'din id-Direttiva, u mal-Artikoli

11a, 11b, 11c u 11e fir-rigward tal-miżuri preventivi minn … [PO – jekk jogħġbok daħħal id-data = ***48*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].	11a, 11b, 11c u 11e fir-rigward tal-miżuri preventivi minn … [PO – jekk jogħġbok daħħal id-data = ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. en

Emenda 332
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2
Direttiva 2014/49/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn … [OP – jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Madankollu, huma għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 11(3), kif emendat b'din id-Direttiva, u mal-Artikoli 11a, 11b, 11c u 11e fir-rigward tal-miżuri preventivi minn … [PO – jekk jogħġbok daħħal id-data = ***48*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].	Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn … [OP – jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Madankollu, huma għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 11(3), kif emendat b'din id-Direttiva, u mal-Artikoli 11a, 11b, 11c u 11e fir-rigward tal-miżuri preventivi minn … [PO – jekk jogħġbok daħħal id-data = ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. en